Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 21 ta' Novembru 2023**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0423(NLE)**

**15751/23**
**ADD 1**

**ECOFIN 1239**
**FIN 1201**
**UEM 394**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 21 ta' Novembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 742 final |
| Suġġett: | ANNESS għal Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12524/21 INIT u ST 12524/21 ADD 1) tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 742 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 742 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2023
COM(2023) 742 final

ANNEX

**ANNESS**

***għal***

**Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 12524/21 INIT u ST 12524/21 ADD 1) tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja**

{SWD(2023) 379 final}

MT MT

# ANNESS

## TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

### 1. Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti

**PILASTRU 1: It-tranżizzjoni ekoloġika tappoġġa r-ristrutturar ekonomiku u soċjetà soċjali newtrali f'termini tal-emissjonijiet tal-karbonju**

### A. KOMPONENT P1C1: TRASFORMAZZJONI TAS-SISTEMA TAL-ENERĠIJA

Il-Finlandja stabbiliet mira biex issir l-ewwel soċjetà ta' benesseri mingħajr karburanti fid-dinja, li tilħaq in-newtralità tal-karbonju sal-2035. L-għan ġenerali ta' dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tan-newtralità tal-karbonju billi jippromwovi l-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa.

Dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi investimenti li jkopru l-infrastruttura meħtieġa għad-distribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll il-produzzjoni ta' enerġija nadifa. Dawk l-investimenti għandhom ikunu akkumpanjati minn riformi tas-settur tal-enerġija li jiffokaw fuq l-eliminazzjoni gradwali tal-użu tal-faħam għall-ġenerazzjoni tal-enerġija kif ukoll riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija biex jiġi promoss l-użu ta' enerġija nadifa. Investiment separat huwa inkluż biex jappoġġja l-enerġija rinnovabbli fir-reġjun awtonomu ta' Åland.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar l-iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nodfa u effiċjenti (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), kif ukoll dwar il-promozzjoni tal-investiment fit-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' karbonju u enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

#### A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P1C1R1): Tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-faħam għall-enerġija sal-2026

L-Att dwar il-Projbizzjoni tal-Użu tal-Enerġija tal-Faħam (406/2019) ġie adottat mill-Parlament Finlandiż fl-2019. Dan l-Att jipprojbixxi l-użu tal-faħam mill-2029. Il-Finlandja għandha tagħmel sforzi biex tippromwovi l-eliminazzjoni tal-użu tal-faħam fi żmien iqsar u għandha timmira għal tnaqqis tal-użu tal-faħam fil-ġenerazzjoni tal-enerġija bejn 40 % u 80 % sal-2026 meta mqabbel mal-2019. Azzjonijiet meħuda mill-Finlandja biex tappoġġa t-tneħħija gradwali tal-użu tal-faħam fis-settur tal-enerġija jinkludu l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda għall-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana fis-sistema tal-enerġija, it-trażmissjoni tal-enerġija, u d-disponibbiltà ta' teknoloġiji li jissostitwixxu l-faħam.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 2 (P1C1R2): Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi

L-għan tar-riforma huwa li tinbidel it-tassazzjoni eżistenti ta' sorsi differenti ta' enerġija. L-emenda tal-leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni tal-enerġija (l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa fuq l-Elettriku u Ċerti Fjuwils) għandha tikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili billi tippromwovi l-elettrifikazzjoni tal-industrija u tinkoraġġixxi l-investiment f'teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju. Ir-riforma għandha wkoll tnaqqas it-taxxa fuq l-elettriku għall-industrija, il-minjieri, l-agrikoltura u ċ-ċentri tad-*data* ta' aktar minn 5 MW għal 0,05 ċenteżmu/kWh, jiġifieri l-minimu tal-UE, minn 0,69 ċenteżmu/kWh. Ir-riforma għandha wkoll telimina gradwalment ir-rifużjoni tat-taxxa fuq l-enerġija għall-industriji li jużaw ħafna enerġija sal-2025 u żżid it-tassazzjoni fuq il-fjuwils tat-tisħin fossili, inkluż il-pit, mill-1 ta' Jannar 2021 b'EUR 2,7 għal kull MWh.

Bħalissa għaddej studju dwar it-tassazzjoni tal-enerġija tal-produzzjoni tas-sħana mingħajr kombustjoni. L-istudju huwa mistenni jipprovdi l-bażi għal deċiżjonijiet dwar miżuri ulterjuri għat-tassazzjoni tas-settur tal-enerġija. Il-Finlandja hija mistennija tippreżenta emendi leġiżlattivi biex tiżgura li l-bidliet ikunu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

L-implimentazzjoni tar-riforma kellha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2021.

Investiment 1 (P1C1I1): Investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija

L-objettiv tal-investiment huwa li jissaħħu l-kundizzjonijiet ta' qafas biex jiġi attirat l-investiment fl-enerġija nadifa, b'enfasi fuq l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, il-ħżin tal-enerġija u t-trasport. L-investiment għandu jappoġġa proġetti li jippromwovu l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija bl-enfasi li ġejja:

i) grilji tal-elettriku u kapaċità ta' trażmissjoni tal-elettriku;

ii) investimenti biex jiġu integrati s-sistemi tal-enerġija u tiġi prodotta, trażmessa u utilizzata s-sħana żejda u mitlufa fin-networks tat-tisħin distrettwali;

iii) it-trasport ta' gassijiet b'livell baxx ta' karbonju, inkluż l-idroġenu, il-bijogass u l-bijometan.

L-għażla għandha ssir skont diversi kriterji bħall-kontribut tagħhom għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija u l-fattibbiltà tagħhom skont l-iskeda ta' żmien stabbilita.

L-appoġġ għandu jingħata skont Digriet Governattiv ġdid li għandu jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2021. Għandu jieħu l-forma ta' sejħiet kompetittivi taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi u Business Finland, li għandhom jiġu organizzati f'diversi stadji bil-għan li jiġu antiċipati investimenti kbar.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[1]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[2]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[3] u

[1] Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

[2] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku[4]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima marbuta mal-qasam ta' intervent 033 li għandu koeffiċjenti klimatiku ta' 100 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[5].

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (P1C1I2): Investimenti f'teknoloġija ġdida tal-enerġija

L-objettiv tal-investiment huwa li jikkontribwixxi għall-għan tal-Finlandja biex tinkiseb in-newtralità tal-karbonju sal-2035 billi tiġi stimulata l-introduzzjoni ta' teknoloġiji nodfa ġodda għall-produzzjoni u l-użu tal-enerġija. L-appoġġ għandu jagħti prijorità lis-setturi fejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa diffiċli u għali ("setturi li diffiċli biex jiġu dekarbonizzati"). L-investiment għandu jipprovdi appoġġ għal proġetti fuq skala kbira fil-fażi ta' demostrazzjoni bi prijorità fuq il-fattibbiltà teknika, b'enfasi partikolari fuq:

i) proġetti tal-enerġija mir-riħ offshore;

ii) fjuwils rinnovabbli fit-trasport (fjuwils elettriċi u bijofjuwils);

iii) produzzjoni tas-sħana mingħajr kombustjoni bħall-ġeoenerġija biex tissostitwixxi l-użu tal-faħam; u

iv) proġetti oħra tal-enerġija rinnovabbli bħal proġetti kbar tat-trasport tal-bijogass li jużaw inputs b'użu baxx, proġetti tal-enerġija solari fuq skala kbira u proġetti li jippromwovu l-ħżin tal-enerġija.

L-għażla għandha ssir skont diversi kriterji inkluż il-kontribut tagħhom għaż-żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli u l-kontribut potenzjali tagħhom għall-iżvilupp fit-tul u l-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġiji rilevanti. L-appoġġ għandu jingħata skont Digriet Governattiv ġdid li għandu jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2021. Għandu jieħu l-forma ta' sejħiet kompetittivi taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi u Business Finland, li għandhom jiġu organizzati f'diversi stadji bil-għan li jiġu antiċipati investimenti kbar. Fl-ambitu ta' din il-miżura, il-persunal temporanju jista' jiġi impjegat biex jitħaffu l-permessi u l-ipproċessar ambjentali mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili,

---

[3] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[4] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[5] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75.

inkluż l-użu downstream[6]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[7]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[8] u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġik[9]u; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima marbuta mal-oqsma ta' intervent 032, 034bis0, 028 u 029 u 030bis li għandhom koeffiċjent klimatiku ta' 100 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Is-sejħiet għall-offerti għandhom jitnedew ladarba l-qafas leġiżlattiv għall-għoti tal-appoġġ ikun fis-seħħ. L-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet hija mistennija li tiġi organizzata matul l-2021.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3 (P1C1I3): Pakkett ta' investiment u riforma f'Åland

L-objettiv tal-investiment huwa li jippromwovi l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fir-reġjun awtonomu ta' Åland. L-investiment jikkonsisti f'appoġġ għall-fażi preparatorja ta' proġett tal-enerġija mir-riħ offshore u għall-produzzjoni tal-enerġija solari.

Il-Gvern ta' Åland jistma li għandu jieħu minn għaxar sa ħmistax-il sena biex jitlesta l-proġett tal-enerġija mir-riħ offshore kollu kemm hu. Huwa mistenni li l-enerġija prodotta għandha tiġi trasferita prinċipalment lejn il-Finlandja kontinentali u/jew l-Iżvezja, u b'hekk lejn in-networks ta' distribuzzjoni nazzjonali. L-investiment għandu jappoġġa l-fażi ta' ppjanar u tħejjija, li hija mistennija li ddum sal-2024.

Fl-istrateġija tagħha dwar l-enerġija u l-klima, Åland stabbiliet il-mira li tibni kapaċità tal-enerġija solari ta' 17 MW sal-2030. L-investiment għandu jagħti appoġġ għal proġetti ta' produzzjoni tal-enerġija solari promossi minn kumpaniji, muniċipalitajiet jew komunitajiet. Il-proġetti għandhom jiġu implimentati bejn l-2021 u l-2025.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li

---

[6] Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

[7] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[8] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[9] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[10]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[11]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[12] u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġik[13]u; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima marbuta mal-oqsma ta' intervent 028 u 029 li għandhom koeffiċjent klimatiku ta' 100 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

**A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

10 Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

11 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

12 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

13 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 1 | P1C1R1 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-faħam għall-enerġija sal-2026 | Mira | Tnaqqis ta' 40 % fl-użu tal-faħam għall-enerġija sal-2026 meta mqabbel mal-2019 | | Perċentwal | 0 | 40 | Q2 | 2026 | L-użu tal-faħam għall-enerġija fl-2019 kien ta' 60 Petajoules. Il-konsum għandu jitnaqqas għal massimu ta' 36 Petajoules sal-2026. |
| 2 | P1C1R2 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa dwar l-Elettriku u Ċerti Fjuwils | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att | | | | Q2 | 2021 | L-emenda tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa dwar l-Elettriku u Ċerti Fjuwils:<br>- tnaqqas it-taxxa industrijali fuq l-elettriku biex tippromwovi l-elettrifikazzjoni tal-industrija u l-produzzjoni tas-sħana,<br>- tnaqqas it-taxxa fuq l-elettriku għall-minjieri, l-agrikoltura u ċ-ċentri tad-data ta' aktar minn 5 MW<br>- tneħħi b'mod gradwali r-rifużjoni tat-taxxa fuq l-enerġija għall-fjuwils industrijali intensivi fl-enerġija<br>- iżżid it-taxxa fuq il-fjuwils tat-tisħin fossili b'EUR 2,7/MWh. |
| 3 | P1C1I1 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet minn Business Finland | Pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi | | | | Q4 | 2021 | Il-linji gwida dwar il-finanzjament *(ir-Regolament dwar l-Għajnuna għall-Enerġija)* għandhom jidħlu fis-seħħ, li jippermetti t-tnedija tal-ewwel sejħa kompetittiva għal proposti għal investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija, b'termini ta' referenza inklużi l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 4 | P1C1I1 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija | Stadju importanti | L-għoti tal-għotjiet kollha għall-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija | Notifika tal-għoti tal-għotjiet kollha għall-investimenti fl-infrastruttura | | | | Q4 | 2023 | L-għażla tal-proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija għandhom jitwettqu skont il-kriterji tas-sejħiet rispettivi għall-proposti. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 3, Id-deċiżjonijiet kollha ta' għoti ta' finanzjament għandhom jingħataw lill-benefiċjarji/applikanti tal-proġett magħżula fl-ambitu tas-sejħiet kompetittivi għal proposti li jippermettu l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |
| 5 | P1C1I1 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati | | Għadd | 0 | 4 | Q2 | 2026 | Għandhom jitlestew mill-inqas erba' proġetti, kif muri mir-rapporti tal-proġetti sottomessi mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 139 500 000 mill-EUR 155 000 000 allokati għall-miżura. |
| 6 | P1C1I2 - | Stadju | Pubblikazzjoni | Pubblikazzjoni | | | | Q4 | 2021 | Il-linji gwida dwar il-finanzjament (ir-Regolament dwar l- |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija | importanti | tal-ewwel sejħa għal applikazzjonijiet għal investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija | tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi | | | | | | Għajnuna għall-Enerġija) daħlu fis-seħħ, li jippermettu l-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti għal investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija, b'termini ta' referenza inklużi kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 7 | P1C1I2 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija | Stadju importanti | Għoti tal-għotjiet kollha għall-investimenti fit-teknoloġija tal-enerġija | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għall-investimenti fit-teknoloġija tal-enerġija | | | | Q4 | 2023 | L-għażla tal-proġetti kollha relatati ma' teknoloġiji ġodda tal-enerġija għandha titwettaq skont il-kriterji stabbiliti fis-sejħiet għall-proposti rispettivi. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 6. Id-deċiżjonijiet kollha ta' għoti ta' finanzjament għandhom jingħataw lill-benefiċjarji/applikanti tal-proġett magħżula fl-ambitu tas-sejħiet kompetittivi għal proposti msemmija, li jippermetti l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |
| 8 | P1C1I2 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati | | Għadd | 0 | 4 | Q2 | 2026 | Għandhom jitlestew mill-inqas erba' proġetti, kif muri mir-rapporti tal-proġetti sottomessi mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 144 900 000 mill-EUR 161 000 000 allokati għall-miżura. |
| 9 | P1C1I3 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Pakkett ta' investiment u riforma f'Åland | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet għal investiment fl-enerġija rinnovabbli f'Åland | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet fuq is-sit web tal-Gvern ta' Åland | | | | Q2 | 2022 | Ġiet ippubblikata l-ewwel sejħa kompetittiva għal proposti għal investiment fl-enerġija rinnovabbli f'Åland, b'termini ta' referenza inklużi kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 10 | P1C1I3 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Pakkett ta' investiment u riforma f'Åland | Stadju importanti | Tlestija tal-proġetti appoġġati | Rapporti ta' proġetti li tlestew | | | | Q2 | 2026 | Il-proġetti kollha appoġġati għandhom jitlestew skont il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla stabbiliti fis-sejħiet għal proposti msemmija fl-istadju importanti 9, kif evidenzjat mir-rapporti tal-proġetti sottomessi mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 2 430 000 mill-EUR 2 700 000 allokati għall-miżura. |

## B. KOMPONENT P1C2: RIFORMI INDUSTRIJALI U INVESTIMENTI B'APPOĠĠ GĦAT-TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA U DIĠITALI

Il-Finlandja stabbiliet mira biex issir l-ewwel soċjetà ta' benesseri mingħajr karburanti fid-dinja, li tilħaq in-newtralità tal-karbonju sal-2035. L-isfidi ewlenin biex jintlaħaq dan l-għan jinkludu t-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-industrija u ż-żieda fir-rata tar-riċiklaġġ. Ħafna drabi teknoloġija ġdida b'emissjonijiet baxxi għadha mhix kompetittiva u l-iżvilupp tagħha jeħtieġ li jitħaffef. Jeħtieġ li l-Finlandja tagħti spinta lill-ekonomija ċirkolari biex jiżdied l-użu sostenibbli tar-riżorsi u jitnaqqas it-tniġġis.

L-għan ġenerali ta' dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tan-newtralità tal-karbonju billi jappoġġa l-investiment f'teknoloġiji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju mill-industrija, jinħolqu impjiegi ekoloġiċi, isir investiment f'teknoloġiji nodfa u tingħata spinta lir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid.

Il-komponent jinkludi investimenti li jiffukaw fuq il-promozzjoni ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju bħall-ġenerazzjoni tal-idroġenu, il-qbid u l-użu tal-karbonju, is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili bl-elettriku fil-proċessi industrijali, u l-promozzjoni tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' materjali ewlenin u prodotti sekondarji industrijali. Dawk l-investimenti għandhom ikunu akkumpanjati minn riformi tal-leġiżlazzjoni dwar il-klima u l-iskart, inklużi l-emendi meħtieġa għall-Att dwar il-Klima u l-Att dwar l-Iskart biex tiġi pprovduta bażi ġuridika għall-mira tan-newtralità tal-karbonju u għall-objettivi tar-riċiklaġġ għall-2035.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar l-iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nodfa u effiċjenti (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), kif ukoll dwar il-promozzjoni tal-investiment fit-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' karbonju u enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P1C2R1): Ir-riforma tal-Att dwar il-Klima u l-industrijalizzazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju

Il-Finlandja impenjat ruħha li taġġorna l-Att dwar il-Klima biex tiżgura l-kisba tal-objettiv tan-newtralità tal-karbonju sal-2035. Ir-riforma għandha tinkludi l-miri korrispondenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030, l-2040 u l-2050. L-att dwar il-Klima riformat għandu jippermetti l-użu ta' pjanijiet klimatiċi biex jinkisbu l-obbligi ta' mitigazzjoni u adattament stabbiliti fl-Att. Il-Gvern Finlandiż għandu jippreżenta l-proposta tiegħu għal Att dwar il-Klima rivedut lill-Parlament sal-31 ta' Jannar 2022, bid-dħul fis-seħħ mistenni sat-30 ta' Ġunju 2022. Il-Finlandja adottat tlettax-il pjan direzzjonali speċifiċi għall-industrija b'livell baxx ta' karbonju fil-ħarifa tal-2020. Il-pjanijiet direzzjonali jidentifikaw l-elettrifikazzjoni tal-proċessi industrijali, id-diżakkoppjament mill-fjuwils fossili u l-miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ibbażati fuq soluzzjonijiet b'emissjonijiet baxxi. Il-Finlandja hija mistennija tkompli taħdem mal-industrija biex taġġorna l-pjanijiet direzzjonali li fadal li jistabbilixxu opportunitajiet speċifiċi għas-settur għat-tnaqqis tal-emissjonijiet industrijali. Dan għandu jinkludi mill-inqas l-erba' industriji ewlenin li jużaw ħafna enerġija, jiġifieri l-industriji tal-enerġija, tal-kimika, tal-foresti u tat-teknoloġija.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 2 (P1C2R2): Il-promozzjoni strateġika tal-ekonomija ċirkolari u r-riforma tal-Att dwar l-Iskart

Din il-miżura tikkonsisti f'żewġ elementi ta' riforma. L-ewwel nett, il-Finlandja għandha timplimemta l-Att riformat dwar l-Iskart (646/2011), li huwa ċentrali għar-regolamentazzjoni tal-ambjent tal-ekonomija ċirkolari u l-pjan nazzjonali dwar l-iskart. Ir-riforma għandha tinkludi obbligi ta' ġbir separat għall-imballaġġ u l-bijoskart mid-djar u n-negozji, ir-responsabbiltà tal-produtturi tal-imballaġġ għall-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-iskart mill-imballaġġ, l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Plastik b'Użu Uniku u l-obbligu tal-ġbir separat tal-iskart tat-tessuti fil-punti ta' akkoljenza reġjonali. Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għandha tiżdied minn dik attwali ta' 41 % għal dik ta' 55 % fl-2025 u 60 % fl-2030. Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-plastik għandha tiżdied b'31 %.

It-tieni, il-Finlandja għandha tippromwovi l-ekonomija ċirkolari permezz ta' programm strateġiku għall-2035, li jistabbilixxi miri konkreti għall-konsum ta' riżorsi naturali mhux rinnovabbli, il-produttività tar-riżorsi u r-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari. Dan għandu jinkludi programm qafas nazzjonali, ikkomplementat mill-promozzjoni ta' ftehimiet settorjali volontarji bejn l-istat u l-muniċipalitajiet, in-negozji u partijiet interessati oħra. Il-mira hija li jkun hemm mill-inqas 2 assoċjazzjoni tal-industrija ewlenija kif ukoll mill-inqas 20 muniċipalità u belt jingħaqdu mal-ftehim u jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw miżuri li jippromwovu l-objettivi tal-Programm strateġiku tal-Ekonomija Ċirkolari: biex jitnaqqas l-użu tar-riżorsi naturali, jiżdied l-użu ta' materjali riċiklati u tiġi promossa soċjetà b'ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għandha tinkludi wkoll il-pubblikazzjoni ta' "xenarji ta' appoġġ" li għandu jgħin fl-identifikazzjoni tal-miżuri l-aktar rilevanti tal-partijiet ikkonċernati li għandhom jittieħdu skont tali ftehimiet, f'kooperazzjoni mal-istituti ta' riċerka rilevanti.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 1 (P1C2I1): L-idroġenu b'livell baxx ta' karbonju u l-qbid u l-irkupru tal-karbonju

Dan l-investiment għandu l-għan li jippromwovi l-iżvilupp tal-produzzjoni u l-ħżin tal-idroġenu nadif fuq skala kummerċjali. L-investiment jikkontribwixxi għall-għan tal-Finlandja li tikseb in-newtralità tal-karbonju sal-2035. Il-Finlandja ssieħbet fil-Proġett Importanti potenzjali ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) "Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif", li bħalissa qed jinbena u għadu ma ġiex innotifikat lill-Kummissjoni. Dan jippermetti lill-kumpaniji Finlandiżi jibbenefikaw minn kooperazzjoni transfruntiera ekonomika, tar-riċerka u industrijali. Il-finanzjament għandu jiġi allokat biex jappoġġa l-investimenti tul il-katina tal-valur tal-idroġenu kif ukoll fil-qbid, il-ħżin u l-irkupru tal-karbonju. Il-Finlandja hija mistennija li tikkontribwixxi permezz ta' appoġġ għal (i) il-produzzjoni ta' idroġenu "ekoloġiku"b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, li jissostitwixxi l-użu tal-fjuwils fossili fl-industriji tqal, (ii) il-qbid, il-ħżin u l-użu tas-$CO_2$ u (iii) ir-riċerka relatata mal-idroġenu. Minbarra l-IPCEI potenzjali, proġetti marbuta man-networks Ewropej ta' kooperazzjoni, bħall-Eureka, jistgħu jiġu appoġġati. Ma għandu jiġi allokat l-ebda finanzjament għall-produzzjoni tal-idroġenu mill-gass naturali. Fl-ambitu ta' din il-miżura, il-persunal temporanju jista' jiġi impjegat biex jitħaffu l-permessi u l-ipproċessar ambjentali mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Barra minn hekk, l-appoġġ għal ċerti investimenti domestiċi tal-idroġenu "ekoloġiku" b'livell baxx ta' karbonju għandu jingħata skont Digriet Governattiv ġdid li għandu jiġi adottat fl-2021 (ir-Regolament dwar l-Għajnuna għall-Enerġija). Għandu jieħu l-forma ta' sejħiet kompetittivi taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi u n-Negozju tal-Finlandja, li għandhom jiġu organizzati fi stadju wieħed jew f'diversi stadji.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li

ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[14]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[15]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[16] u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku[17]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima marbuta mal-qasam ta' intervent 032 li għandu koeffiċjent klimatiku ta' 100 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-ewwel sejħa għal proposti għandha tinfetaħ fl-2021 u tiġi ppubblikata fuq is-sit web Business Finland.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (P1C2I2): L-elettrifikazzjoni diretta u d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali

Il-miżura għandha tippromwovi l-elettrifikazzjoni diretta u l-proċessi industrijali b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ fis-settur industrijali. Il-miżura għandha:

i) ittejjeb l-effiċjenza enerġetika permezz tal-elettrifikazzjoni tal-konsum u tal-proċessi tas-sħana; u

ii) tintroduċi soluzzjonijiet ibridi u tutilizza t-teknoloġija tal-pompa tas-sħana u s-sħana żejda.

Il-miżura għandha l-għan li tappoġġa t-tħejjija tal-industrija għat-tmiem tal-użu tal-enerġija tal-faħam fl-2029 u għal mill-inqas nofs l-użu tal-enerġija tal-pit sal-2030 billi tistimula s-sostituzzjoni tal-użu tal-fjuwils fossili fl-applikazzjonijiet industrijali bl-elettriku.

L-appoġġ għandu jingħata skont Digriet Governattiv ġdid li għandu jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2021.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili,

14 Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

15 Meta l-attività appoġġata jkollha emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

16 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

17 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

inkluż l-użu downstream[18]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[19]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[20] u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku[21]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw ukoll li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima jkunu marbuta mal-qasam ta' intervent 024ter li għandu koeffiċjent klimatiku ta' 100 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għal dan il-għan, il-proġetti magħżula għandhom jiksbu, bħala medja, tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti tal-gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbla mal-emissjonijiet *ex-ante*. L-ewwel sejħa għal proġetti għandha tinfetaħ malli l-leġiżlazzjoni sseħħ.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

<u>Investiment 3 (P1C2I3): L-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' materjali ewlenin u flussi sekondarji industrijali</u>

Il-miżura għandha l-għan li tippromwovi ekonomija ċirkolari li tuża mill-ġdid u tirriċikla n-naħa industrijali u l-flussi tal-iskart u materjali ewlenin oħra bħall-materjali tal-batteriji, il-plastik, it-tessuti, l-imballaġġ, it-tagħmir elettriku u elettroniku, il-materjali tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ.

L-appoġġ għandu jiġi pprovdut għal:

i) l-ewwel impjanti kummerċjali, impjanti pilota u ta' dimostrazzjoni;

ii) l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda fil-proċessi eżistenti;

iii) pjattaformi diġitali u investimenti fis-servizzi li jippromwovu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ.

Mill-inqas EUR 30 000 000 mill-pakkett għandhom ikunu diretti lejn il-promozzjoni tal-bijoekonomija irkolari u mill-inqas EUR 30 000 000 mill-pakkett għandhom ikunu diretti għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari fil-katina tal-valur tal-batteriji.

Sejħiet kompetittivi għandhom jiġu organizzati minn Business Finland f'diversi stadji fl-2021.

---

18 Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

19 Meta l-attività appoġġata jkollha emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

20 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

21 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[22]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[23]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[24] u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku[25]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw ukoll li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima marbuta mal-qasam ta' intervent 045bis li ġej li għandu koeffiċjent klimatiku ta' 100 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għal dan il-għan, il-proġetti magħżula għandhom jippermettu mill-inqas 50 %, f'termini ta' piż, tal-iskart mhux perikoluż ipproċessat miġbur separatament jiġi kkonvertit f'materja prima sekondarja.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

## B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

22 Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

23 Meta l-attività appoġġata jkollha emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li ma jkunux ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

24 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

25 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 11 | P1C2R1 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Riforma tal-Att dwar il-Klima u industrijalizzazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att rivedut dwar il-Klima | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att | | | | Q2 | 2022 | L-emenda tal-Att dwar il-Klima għandha tinkludi:<br>- miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 u l-2040 f'konformità mal-perkors tan-newtralità tal-karbonju<br>- miri aġġornati għall-2050<br>- objettivi li jikkonċernaw is-settur tal-użu tal-art u t-tisħiħ tal-bjar tal-karbonju |
| 12 | P1C2R1 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Riforma tal-Att dwar il-Klima u industrijalizzazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-istrateġija aġġornata dwar il-klima u l-enerġija, il-pjan ta' politika dwar it-tibdil fil-klima fuq terminu medju u l-pjanijiet direzzjonali speċifiċi għas-settur b'livell baxx ta' karbonju | Pubblikazzjoni tal-istrateġija, tal-pjan u tal-pjanijiet direzzjonali fuq is-siti web tal-Ministeru tal-Impjiegi u tal-Ekonomija u tal-Ministeru tal-Ambjent | | | | Q4 | 2025 | L-istrateġiji tal-klima, il-pjanijiet u l-pjanijiet direzzjonali settorjali tal-industrija b'livell baxx ta' karbonju li huma l-aktar essenzjali (l-erba' industriji ewlenin li jużaw ħafna enerġija huma l-industriji tal-enerġija, tal-kimika, tal-forestrija u tat-teknoloġija) għall-implimentazzjoni tal-Att dwar il-Klima għandhom jiġu aġġornati.<br><br>L-istrateġija għall-klima u l-enerġija għandha tinkludi miżuri ta' politika u xenarji li għandhom l-għan li jilħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija stabbiliti mill-UE għall-2030 u l-mira tan-newtralità tal-karbonju għall-2035 stabbilita fil-Programm tal-Gvern. |
| 13 | P1C2R2 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Promozzjoni strateġika tal-ekonomija ċirkolari u r-riforma tal-Att dwar l-Iskart | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-proċessi ewlenin tal-Att rivedut dwar l-Iskart | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att rivedut dwar l-Iskart | | | | Q4 | 2024 | L-Att rivedut dwar l-Iskart (714/2021) għandu jinkludi:<br>1) il-ġbir nazzjonali separat tal-bijoskart f'operazzjoni sħiħa fl-2022.<br>2) ir-responsabbiltà tal-produttur għall-iskart mill-imballaġġ u l-ġbir separat tal-iskart mill-imballaġġ u t-tessuti operazzjonali b'mod nazzjonali fl-2023.<br>3) il-ġbir separat nazzjonali tal-bijoskart minn proprjetajiet ġodda kompletament operattiv fl-2024.<br><br>L-Att rivedut dwar l-Iskart għandu jagħti s-setgħa lill-gvern Finlandiż biex jadotta digrieti ġodda li jinkludu: (i) miri ġenerali ta' riċiklaġġ għall-iskart muniċipali, li għandhom jiżdiedu minn 41 % attwali għal 55 % fl-2025 u 60 % fl-2030 u (ii) miri ta' riċiklaġġ legalment vinkolanti għall-produtturi tal-iskart mill-imballaġġ, li għandhom iżidu r-rata ta' riċiklaġġ tal-imballaġġ tal- |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | | | | | | | | plastik b'31 %. |
| 14 | P1C2R2 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Promozzjoni strateġika tal-ekonomija ċirkolari u r-riforma tal-Att dwar l-Iskart | Stadju importanti | Adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Gvern dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Strateġiku għal Ekonomija Ċirkolari | Pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Gvern (YM/2021/17) fuq is-sit web tal-Gvern | | | | Q2 | 2021 | Ir-riżoluzzjoni tal-Gvern dwar l-implimentazzjoni tal-programm strateġiku għal ekonomija ċirkolari għandha tiġi adottata u għandha tinkludi l-objettiv li l-konsum ta' riżorsi naturali mhux rinnovabbli jonqos, u l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali rinnovabbli jista' jiżdied sabiex il-konsum domestiku totali tal-materja prima primarja ma jaqbiżx il-livell tal-2015 sal-2035. |
| 15 | P1C2R2 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Promozzjoni strateġika tal-ekonomija ċirkolari u r-riforma tal-Att dwar l-Iskart | Stadju importanti | Konklużjoni ta' ftehim nazzjonali ma' atturi ewlenin dwar ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | L-istabbiliment ta' qafas kuntrattwali għal ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u ġie konkluż ftehim ma' atturi ewlenin mill-industrija u l-partijiet ikkonċernati | | | | Q2 | 2023 | Il-qafas kuntrattwali nazzjonali l-ġdid għal ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, li jappoġġa l-programm strateġiku għal ekonomija ċirkolari, għandu jiġi konkluż u ppubblikat fuq is-sit web tal-gvern tar-Repubblika tal-Finlandja. Ix-xenarji ta' appoġġ għall-użu tar-riżorsi naturali għandhom jitħejjew f'kooperazzjoni mal-istituti ta' riċerka rilevanti.<br><br>Il-mira hija li jkun hemm mill-inqas żewġ assoċjazzjonijiet tal-industrija ewlenin, kif ukoll mill-inqas 20 muniċipalità u belt, biex jingħaqdu fil-ftehim u jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw miżuri li jippromwovu l-objettivi tal-Programm strateġiku tal-Ekonomija Ċirkolari. |
| 16 | P1C2I1 - Riformi industrijali u investimenti b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – l-idroġenu b'livell baxx ta' karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa nazzjonali għal applikazzjonijiet għall-produzzjoni u l-użu ta' idroġenu b'emissjonijiet baxxi kif ukoll għall-qbid u l-użu tad-diossidu tal-karbonju | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħiet għall-applikazzjonijiet fuq is-sit web ta' Business Finland | | | | Q4 | 2021 | It-tnedija tal-ewwel sejħa nazzjonali għal applikazzjonijiet għall-produzzjoni u l-użu ta' idroġenu b'emissjonijiet baxxi kif ukoll għall-qbid u l-użu tad-diossidu tal-karbonju. It-termini ta' referenza tas-sejħa għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 17 | P1C2I1 - Riformi industrijali u investimenti b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – l-idroġenu b'livell baxx ta' | Stadju importanti | L-għoti tal-għotjiet kollha għal proġetti ta' qbid u użu ta' idroġenu u | Notifika dwar l-għoti tal-għotjiet kollha | | | | Q4 | 2023 | L-għażla tal-proġetti kollha ta' qbid u użu ta' idroġenu u karbonju b'livell baxx ta' karbonju għandha ssir skont il-kriterji tas-sejħiet għall-proposti rispettivi. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 16. Id-deċiżjonijiet kollha ta' għoti ta' finanzjament għandhom |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju | | karbonju b'livell baxx ta' karbonju | | | | | | | jingħataw lill-benefiċjarji/applikanti tal-proġett magħżula fl-ambitu tas-sejħiet kompetittivi għal proposti, li jippermetti l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |
| 18 | P1C2I1 - Riformi industrijali u investimenti b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – l-idroġenu b'livell baxx ta' karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati | | Għadd | 0 | 3 | Q2 | 2026 | Għandhom jitlestew mill-inqas tliet proġetti appoġġati, kif muri mir-rapporti tal-proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 122 400 000 mill-EUR 136 000 000 allokati għall-miżura. |
| 19 | P1C2I2 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Elettrifikazzjoni diretta u dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti għall-elettrifikazzjoni diretta u l-karbonizzazzjoni baxxa tal-proċessi industrijali bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-industrija | Pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet fuq is-sit web ta' Business Finland. | | | | Q4 | 2021 | Il-linji gwida emendati dwar il-finanzjament (Regolament dwar l-Għajnuna għall-Enerġija) daħlu fis-seħħ, u b'hekk ippermettew it-tnedija tal-ewwel sejħa kompetittiva għall-proposti għall-elettrifikazzjoni diretta u l-karbonizzazzjoni baxxa tal-proċessi industrijali bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-industrija. It-termini ta' referenza tas-sejħa għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 20 | P1C2I2 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Elettrifikazzjoni diretta u dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali | Stadju importanti | L-għoti tal-għotjiet kollha għal elettrifikazzjoni diretta u proġetti ta' proċessi industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Notifika dwar l-għoti tal-għotjiet kollha | | | | Q4 | 2023 | L-għażla tal-proġetti kollha ta' elettrifikazzjoni diretta u proċessi industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha ssir skont il-kriterji tas-sejħiet għall-proposti rispettivi. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 19. Id-deċiżjonijiet kollha ta' għoti ta' finanzjament għandhom jinħarġu lill-benefiċjarji/applikanti tal-proġett magħżula fl-ambitu tas-sejħiet kompetittivi għal proposti, li jippermetti l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |
| 21 | P1C2I2 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it- | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati | | Għadd | 0 | 3 | Q2 | 2026 | Għandhom jitlestew mill-inqas tliet proġetti appoġġati, kif muri mir-rapporti tal-proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill- |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Elettrifikazzjoni diretta u dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali | | | | | | | | | inqas EUR 43 200 000 mill-EUR 48 000 000 allokati għall-miżura. |
| 22 | P1C2I3 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Użu mill-ġdid u riċiklaġġ ta' materjali ewlenin u flussi sekondarji industrijali | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal applikazzjonijiet għal proġetti ta' investiment li jippromwovu l-użu mill-ġdid ta' materjali tal-iskart u flussi sekondarji. | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet fuq is-sit web ta' Business Finland | | | | Q4 | 2021 | Daħal fis-seħħ id-Digriet tal-Gvern dwar l-Għoti ta' Għajnuna lin-Negozji għall-Promozzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari u t-Tkabbir Ekoloġiku Sostenibbli (1197/2020), li jippermetti t-tnedija tal-ewwel sejħa kompetittiva għal proposti għal proġetti ta' investiment li jippromwovu l-użu mill-ġdid ta' materjali tal-iskart u flussi sekondarji. It-termini ta' referenza tas-sejħa għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 23 | P1C2I3 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Użu mill-ġdid u riċiklaġġ ta' materjali ewlenin u flussi sekondarji industrijali | Stadju importanti | L-għoti tal-għotjiet kollha għall-proġetti ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ | Notifika dwar l-għoti tal-għotjiet kollha | | | | Q4 | 2023 | L-għażla tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ kollu ta' materjali ewlenin u proġetti ta' flussi sekondarji industrijali għandha titwettaq skont il-kriterji tas-sejħiet għall-proposti rispettivi. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 22. Id-deċiżjonijiet kollha ta' għoti ta' finanzjament għandhom jinħarġu lill-benefiċjarji/applikanti tal-proġett magħżula fl-ambitu tas-sejħiet kompetittivi għal proposti, li jippermetti l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |
| 24 | P1C2I3 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Użu mill-ġdid u riċiklaġġ ta' materjali ewlenin u flussi sekondarji industrijali | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati | | Għadd | 0 | 10 | Q2 | 2026 | Għandhom jitlestew mill-inqas għaxar proġetti appoġġati, kif muri mir-rapporti tal-proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 99 000 000 mill-EUR 110 000 000 allokati għall-miżura. |

## C. KOMPONENT P1C3: IT-TNAQQIS TAL-IMPATTI KLIMATIĊI U AMBJENTALI TAL-ISTOKK TAL-BINI

Il-Finlandja stabbiliet mira biex issir l-ewwel soċjetà ta' benesseri mingħajr karburanti fid-dinja, li tilħaq in-newtralità tal-karbonju sal-2035. L-għan ġenerali ta' dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tan-newtralità tal-karbonju billi jnaqqas l-emissjonijiet tal-bini matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, b'enfasi partikolari fuq il-kostruzzjoni u t-tisħin.

Il-komponent jinkludi investiment li jippromwovi l-użu ta' metodi b'livell baxx ta' karbonju fis-settur tal-kostruzzjoni. Dan l-investiment għandu jiġi kkomplementat minn riformi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet fil-kostruzzjoni tal-bini u li jeliminaw gradwalment is-sistemi tat-tisħin li jaħdmu biż-żejt fossili fil-bini pubbliku sal-2024 u kompletament sal-bidu tas-snin 2030.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar l-iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nodfa u effiċjenti (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), kif ukoll dwar il-promozzjoni tal-investiment fit-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' karbonju u enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P1C3R1): Riforma tal-Att dwar l-Użu tal-Art u l-Bini

Il-Finlandja għandha tadotta leġiżlazzjoni biex tirriforma l-Att eżistenti dwar l-Użu tal-Art u l-Bini (132/1999) li l-għan waħdani tiegħu għandu jkun li jnaqqas l-emissjonijiet mill-ħajja kollha tal-bini, inklużi l-kostruzzjoni, l-użu, it-tiswija u t-twaqqigħ. Ir-riforma hija mmirata lejn l-iżviluppaturi tal-bini, is-sidien, id-disinjaturi, il-kuntratturi, l-industrija tal-materjali u l-awtoritajiet.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata gradwalment mill-2023, filwaqt li l-aħħar regolamenti għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Ġunju 2026. Wara li r-riforma tidħol fis-seħħ, il-kostruzzjoni l-ġdida għandha tkun b'livell baxx ta' karbonju u r-rinnovazzjonijiet għandhom jitwettqu b'soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 2 (P1C3R2): Programm ta' miżuri għat-tneħħija gradwali tat-tisħin biż-żejt fossili

Il-Finlandja adottat mira għat-tneħħija gradwali tal-użu tat-tisħin biż-żejt fossili fl-2030. Din il-miżura ta' riforma għandha tippermetti lill-Finlandja tistabbilixxi ħarsa ġenerali tal-bini bit-tisħin biż-żejt fossili u s-sidien tagħhom, l-emissjonijiet u l-konsum tal-enerġija. Il-Finlandja għandha tadotta pjan ta' azzjoni bil-għan li tintlaħaq il-mira għat-tneħħija gradwali tat-tisħin biż-żejt sal-2030. Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi strumenti bħal sussidji u għotjiet, taxxi u sussidji fiskali, tmexxija tal-informazzjoni, tmexxija regolatorja, ftehimiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija, akkwist pubbliku u strumenti finanzjarji biex tintlaħaq din il-mira. Id-deċiżjonijiet dwar l-użu ta' strumenti ġodda jew it-titjib ta' dawk eżistenti huma mistennija li jittieħdu separatament.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (P1C3I2): Programm ta' ambjent mibni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju

Din il-miżura tikkonsisti primarjament fi programm ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni li għandu l-għan li jaċċellera l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju (bħal mudelli

operattivi, prodotti, materjali) fl-ambjent mibni. Il-miżura tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tippromwovi ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, b'enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kooperazzjoni bejn ir-riċerka, in-negozju u l-gvern lokali. L-azzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu appoġġati:

i) skema ta' appoġġ għal għotjiet għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni biex jiġi stimulat l-investiment (mill-inqas EUR 32 miljun);
ii) l-akkwist ta' bażi tal-għarfien u għodod ta' valutazzjoni li jappoġġaw soluzzjonijiet li ma jagħmlux ħsara lill-klima u b'livell baxx ta' karbonju fl-ambjent mibni, inkluża l-possibbiltà ta' appoġġ għall-investiment fl-ambitu tal-programm (mill-inqas EUR 4 miljun); u
iii) appoġġ għall-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' proġetti konġunti ta' negozju li għandhom l-għan li jesportaw soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju fl-ambjent mibni (mill-inqas EUR 2 miljun).

L-appoġġ għandu jingħata fl-ambitu tal-programmi ta' appoġġ Business Finland (i u iii hawn fuq) (l-att 1146/2017, id-digriet 1147/2017 u 1444/2014) u d-digriet tal-Ministeru għall-Ambjent 1286/2015 u 688/2001 (ii hawn fuq). Is-sejħiet kompetittivi għandhom jiġu organizzati minn Business Finland f'diversi stadji mill-2021 'il quddiem. L-iskema tibni fuq proġett pilota (*il-programm Kira-Digi*, li twettaq mill-2016 sal-2019). Is-sejħiet għandhom ikunu mmirati primarjament lejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, awtoritajiet lokali u istituti ta' riċerka.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[26]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[27]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[28] u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġik[29]u; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima jkunu marbuta mal-oqsma ta' intervent 022 jew 027 li għandhom koeffiċjent klimatiku ta'

26 Ħlief għal proġetti fl-ambitu ta' din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01).

27 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

28 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

29 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

100 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

**C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 25 | P1C3R1 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini – Riforma tal-Att dwar l-Użu tal-Art u l-Bini | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Użu u l-Bini tal-Art riformat | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar l-Użu tal-Art u l-Bini | | | | Q2 | 2026 | Il-leġiżlazzjoni bbażata fuq l-att riformat dwar l-użu tal-art u l-bini għandha tinkludi limiti fuq l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju tal-proġetti tal-kostruzzjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini. Hija għandha tirregola wkoll l-iżvilupp ta' metodi ta' kalkolu u bażijiet ta' *data* interoperabbli biex tippermetti l-kostruzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. |
| 26 | P1C3R2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini — pjan ta' azzjoni għat-tneħħija gradwali tat-tisħin taż-żejt fossili | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tneħħija gradwali tat-tisħin biż-żejt fossili | Il-pubblikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fuq is-sit web tal-gvern tal-Finlandja | | | | Q2 | 2022 | Il-pjan ta' azzjoni għandu jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa kollha għall-appoġġ tal-eliminazzjoni gradwali tat-tisħin biż-żejt fossili fil-bini kollu fil-Finlandja sal-31 ta' Diċembru 2030. |
| 27 | P1C3R2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini – pjan ta' azzjoni għat-tneħħija gradwali tat-tisħin taż-żejt fossili | Mira | Tnaqqis fin-numru ta' djar li ma jmissux ma' bini ieħor bl-użu ta' tisħin biż-żejt separat | | Għadd | 133 000 | 106 400 | Q4 | 2025 | Tnaqqis fl-għadd ta' djar li ma jmissux ma' bini ieħor li jużaw tisħin biż-żejt separat minn 133 000 fl-2019 għal 106 400 fl-2025, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 20%. |
| 31 | P1C3I2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini – Programm ta' ambjent mibni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet rigward l-appoġġ għal bini li jiġġenera livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet | | | | Q4 | 2021 | It-tnedija tal-ewwel sejħa kompetittiva għal proposti rigward programm ambjentali mibni b'livell baxx ta' karbonju dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kooperazzjoni bejn ir-riċerka, in-negozju u l-gvern lokali. It-termini ta' referenza għandhom jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 32 | P1C3I2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini – Programm ta' ambjent mibni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | L-għoti tal-għotjiet u l-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti b'appoġġ għal bini li jiġġenera livell baxx ta' emissjonijiet tal- | Notifika tal-għoti tal-għotjiet u l-kuntratti pubbliċi kollha | | | | Q2 | 2024 | L-għażla tal-proġetti kollha ta' bini li jiġġenera livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha ssir skont il-kriterji tas-sejħiet għall-proposti rispettivi. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 31. Id-deċiżjonijiet kollha ta' għoti ta' finanzjament għandhom jinħarġu lill-benefiċjarji/applikanti tal-proġett magħżula fl-ambitu tas-sejħiet kompetittivi għal proposti, li jippermetti l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | karbonju | | | | | | | |
| 33 | P1C3I2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini – Programm ta' ambjent mibni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | Tlestija tal-proġetti appoġġati | Il-pubblikazzjoni tar-rapport finali dwar proġetti li tlestew | | | | Q2 | 2026 | Il-proġetti kollha appoġġati għandhom jitlestew, kif muri mir-rapporti tal-proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 36 000 000 mill-EUR 40 000 000 allokati għall-miżura. Ir-rapport tal-programm jipprovdi l-informazzjoni ewlenija dwar il-proġetti kollha appoġġati, inklużi l-għotjiet allokati lilhom u l-ispejjeż tal-akkwisti u l-implimentazzjoni tal-programmi. Għandu jkopri wkoll valutazzjoni tal-impatti fuq l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-proprjetà immobbli, bħala riżultat tal-programm. |

## D. KOMPONENT P1C4: SOLUZZJONIJIET B'LIVELL BAXX TA' KARBONJU GĦALL-KOMUNITAJIET U T-TRASPORT

Il-Finlandja stabbiliet mira biex issir l-ewwel soċjetà ta' benesseri mingħajr karburanti fid-dinja, li tilħaq in-newtralità tal-karbonju sal-2035. Bħala parti mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità tal-karbonju sal-2035, il-Finlandja stabbiliet ukoll mira li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport jitnaqqsu bin-nofs b' 50 % sal-2030 meta mqabbel mal-2005. L-għan ġenerali ta' dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tal-emissjonijiet tat-trasport billi jitnaqqsu l-emissjonijiet fit-trasport u jiġi promoss l-użu ta' mezzi tat-trasport mingħajr karbonju. Bħalissa, il-vetturi bil-mutur alternattivi jammontaw biss għal 2,3 % tal-flotta tal-karozzi tal-passiġġieri, filwaqt li 48 % tal-istazzjonijiet kollha tal-iċċarġjar tal-elettriku pubbliku u tar-riforniment tal-gass jinsabu fiż-żoni metropolitani ewlenin (Helsinki, Tampere, Turku).

Il-komponent jinkludi investiment li jippromwovi l-użu tat-trasport privat mhux fossili, inkluż investiment fl-infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil għall-vetturi li jużaw fjuwils mhux fossili. L-investiment għandu jkun akkumpanjat minn riformi li jinkludu pjan direzzjonali biex jiġi stimulat l-użu tat-trasport mingħajr fjuwils fossili u reviżjoni tat-tassazzjoni tat-trasport.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar l-iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nodfa u effiċjenti (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), kif ukoll dwar il-promozzjoni tal-investiment fit-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' karbonju u enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P1C4R1): Pjan direzzjonali għat-trasport mingħajr karburanti fossili

Il-Finlandja tistma li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ fit-trasport b'1,65 megatunnellati addizzjonali sal-2030. Il-Gvern tal-Finlandja adotta Riżoluzzjoni dwar il-pjan direzzjonali għat-trasport mingħajr l-użu ta' fjuwils fossili fis-6 ta' Mejju 2021, li jippreżenta miżuri biex tintlaħaq il-mira tal-2030 u t-triq lejn trasport mingħajr emissjonijiet sal-2045.

Fl-ewwel fażi, għandhom jittieħdu deċiżjonijiet dwar sussidji u inċentivi li jippromwovu trasport mingħajr emissjonijiet. Fost il-miżuri previsti hemm l-inklużjoni tal-bijogass u l-elettrofjuwils fl-obbligu tad-distribuzzjoni, l-appoġġ għall-infrastruttura tad-distribuzzjoni pubblika għat-trasport tal-elettriku u l-gass, għall-infrastruttura privata tal-iċċarġjar għall-kumpaniji tad-djar u tal-postijiet tax-xogħol kif ukoll diversi sussidji għax-xiri (karozzi kompletament elettriċi, vannijiet u trakkijiet elettriċi u li jaħdmu bil-gass) u appoġġ għal modi tat-trasport sostenibbli (iċ-ċikliżmu, il-mixi, it-trasport pubbliku). It-tnaqqis tal-emissjonijiet ikkalkulat ta' dawn il-miżuri huwa mill-inqas 0,62 megatunnellati (Mt). L-investimenti previsti fl-ambitu ta' dan il-komponent huma mistennija jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din ir-riforma. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament ta' dawn il-miżuri se jkunu qed jiġu kkunsidrati fin-negozjati tal-baġit tal-gvern fil-ħarifa tal-2021.

Barra minn hekk, il-valutazzjonijiet tal-impatt dwar miżuri ulterjuri eventwali għandhom jiġu ffinalizzati sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-miżuri li għandhom jiġu vvalutati għandhom jinkludu:

- Żieda fl-obbligu ta' distribuzzjoni tal-bijogass u l-bijofjuwil mit-30 % attwali

- Prerekwiżiti biex jiżdied ix-xogħol mill-bogħod
- Potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport ikkombinat
- Soluzzjonijiet diġitali tat-trasport u promozzjoni tas-servizzi tal-mobilità
- Miżuri kredibbli u verifikabbli oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

Ladarba jkun magħruf il-progress tal-miżuri fil-livell tal-UE u l-eżitu tal-valutazzjonijiet tal-impatt, il-Finlandja għandha tivvaluta u tiddeċiedi dwar il-ħtieġa possibbli għal miżuri addizzjonali u tadotta proposti ta' politika sa tmiem l-2021 biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet li jifdal (fażi 3 tal-pjan direzzjonali). Għal dan il-għan, għandhom jitħejjew diversi miżuri alternattivi, inkluż l-iskambju nazzjonali tal-emissjonijiet għall-fjuwils fossili. Ix-xenarju bażi dwar l-emissjonijiet tat-trasport domestiku għandu jiġi aġġornat sal-ħarifa tal-2021 biex jinkisbu stimi ġodda dwar l-ammont ta' tnaqqis fl-emissjonijiet meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-2030.

Wara l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għat-trasport mingħajr l-użu ta' fjuwils fossili, il-Finlandja għandha tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tat-trasport domestiku b'mill-inqas 29 % sal-2025, meta mqabbel mal-livelli tal-2005.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 2 (P1C4R2): Riforma tat-taxxa għal trasport sostenibbli

Riforma tat-tassazzjoni tal-benefiċċji tat-trasport tal-impjegati għandha tistimula l-użu ta' vetturi elettriċi, trasport pubbliku u roti. Għandha tinkludi rati tat-taxxa aktar baxxi għall-vetturi elettriċi għall-perjodu 2021-2025, skemi simplifikati ta' tassazzjoni għall-biljetti tal-ivvjaġġar u vantaġġi mingħajr taxxa fuq ir-roti tal-impjegati.

Il-Finlandja għandha tħejji wkoll rieżami tat-tassazzjoni fuq il-karozzi tal-kumpaniji biex tiffavorixxi vetturi b'emissjonijiet baxxi, inklużi rati tat-taxxa aktar baxxi għal karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet baxxi.

Grupp ta' ħidma magħmul minn impjegati taċ-ċivil adotta rapport f'Mejju 2021, li jagħti pariri lill-gvern Finlandiż dwar il-miżuri fiskali meħtieġa biex tittejjeb l-effiċjenza tal-kontroll tal-emissjonijiet tat-trasport u tiġi żgurata bażi fiskali fit-tul.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

Investiment 1 (P1C4I1): Infrastruttura pubblika tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil għat-trasport tal-elettriku u tal-idroġenu

Din il-miżura għandha tipprovdi appoġġ għall-bini ta' network disponibbli b'mod wiesa' ta' infrastruttura pubblika għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi, u r-riforniment ta' vetturi tal-idroġenu, inklużi vetturi heavy-duty, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet billi titħeġġeġ is-sostituzzjoni ta' vetturi li jaħdmu bil-fjuwils fossili b'vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi. L-appoġġ għandu jkun disponibbli għal i) ċarġers b'potenza għolja u ii) stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu rinnovabbli.

Biex ikunu eliġibbli għall-appoġġ, il-punti tal-iċċarġjar u ta' riforniment iridu jkunu aċċessibbli għall-pubbliku. L-appoġġ jieħu l-forma ta' sejħiet kompetittivi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità tal-Enerġija permezz ta' żieda ta' skema ta' għajnuna eżistenti li bħalissa hija bbażata fuq id-Digriet tal-Gvern (498/2018) dwar l-għajnuna għall-infrastruttura għall-elettriku u l-bijogass għat-trasport fl-2018-2021. Digriet Governattiv ġdid għandu jiġi adottat fl-2022 biex ikopri l-perjodu 2022-2025. Is-sejħiet għandhom ikunu miftuħa kemm għal kumpaniji individwali kif ukoll għal muniċipalitajiet. L-investimenti għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

**D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 34 | P1C4R1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-bliet u t-trasport – Pjan direzzjonali għal trasport mingħajr użu ta' fjuwils fossili | Stadju importanti | L-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern LVM/2021/62 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport domestiku | Il-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Gvern | | | | Q2 | 2021 | Il-pjan direzzjonali għal trasport mingħajr użu ta' fjuwils fossili għandu jinkludi struzzjonijiet u linji gwida għat-tħejjija ta' miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport domestiku b'50 % sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-2005. Uħud mill-miżuri se jiġu implimentati mil-leġiżlazzjoni u oħrajn permezz ta' miżuri ta' politika. |
| 35 | P1C4R1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-bliet u t-trasport – Pjan direzzjonali għal trasport mingħajr użu ta' fjuwils fossili | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-gvern dwar miżuri nazzjonali addizzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport domestiku | Deċiżjoni tal-gvern ippubblikata | | | | Q4 | 2021 | Il-miżuri li għandhom jiġu adottati għandhom isegwu valutazzjoni tal-impatt komprensiv u għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport b'50 % fl-2030 meta mqabbel mal-2005. L-ammont stmat ta' tnaqqis meħtieġ b'miżuri addizzjonali huwa ta' 1.03 megatunnellati (kif stmat fix-xenarju bażi ta' April 2020). L-istima għandha tiġi aġġornata abbażi tax-xenarju bażi aġġornat li għandu jiġi ppreżentat fil-ħarifa tal-2021. |
| 36 | P1C4R1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-bliet u t-trasport – Pjan direzzjonali għal trasport mingħajr użu ta' fjuwils fossili | Mira | Tnaqqis ta' mill-inqas 29 % fl-emissjonijiet mit-trasport domestiku sal-2025 meta mqabbel mal-2005 | | Perċentwal | 0 | 29 | Q2 | 2026 | Wara l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika fil-Pjan Direzzjonali għat-trasport mingħajr karburanti fossili, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport domestiku naqsu b'mill-inqas 29 % sal-2025, meta mqabbla mal-livelli tal-2005, u b'hekk il-Finlandja tinsab fit-triq lejn il-kisba tal-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 50 % sal-2030. |
| 37 | P1C4R2 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju għall-bliet u t-trasport – Riforma tat-taxxa għal trasport sostenibbli | Stadju importanti | Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu (1205/2020) dwar it-tassazzjoni tal-benefiċċji tal-impjieg tal-mobilità | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att | | | | Q2 | 2021 | L-emendi tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu għandhom jiffavorixxu l-għażla ta' karozza b'emissjonijiet ħafna aktar baxxi u użu aktar ugwali ta' servizzi ta' trasport ħafif u pubbliku u ta' mobbiltà. Għandha tinkludi rati tat-taxxa aktar baxxi għall-karozzi elettriċi sħaħ għall-perjodu 2021-2025, skemi simplifikati ta' tassazzjoni għall-biljetti tal-ivvjaġġar u vantaġġi mingħajr taxxa fuq ir-roti tal-impjegati. |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 38 | P1C4R2 –Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju għall-bliet u t-trasport – Riforma tat-taxxa għal trasport sostenibbli | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għall-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul (xx/2021) rigward it-tassazzjoni tal-karozzi tal-kumpaniji | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att | | | | Q2 | 2022 | L-emendi tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu għandhom jiffavorixxu l-għażla ta' karozza b'emissjonijiet aktar baxxi. Għandha tinkludi rati tat-taxxa aktar baxxi għal karozzi b'emissjonijiet baxxi għall-perjodu 2022-2025. |
| 39 | P1C4I1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju għall-bliet u t-trasport – Infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar u r-riforniment tal-fjuwil għat-trasport tal-elettriku u l-idroġenu | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tas-sejħiet għall-applikazzjonijiet għat-titjib tal-infrastruttura tad-distribuzzjoni għall-vetturi tal-elettriku u tal-idroġenu | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet | | | | Q2 | 2022 | It-tnedija tal-ewwel żewġ sejħiet għal proposti għall-infrastruttura tad-distribuzzjoni għall-vetturi tal-elettriku u tal-idroġenu, b'termini ta' referenza inklużi kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 40 | P1C4I1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju għall-bliet u t-trasport – Infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar u r-riforniment tal-fjuwil għat-trasport tal-elettriku u l-idroġenu | Mira | Baġit allokat għaċ-ċarġers tal-vetturi elettriċi u għall-punti tar-riforniment tal-idroġenu | | EUR | 0 | 13 600 000 | Q2 | 2025 | Mill-inqas EUR 13 600 000 ġew impenjati mill-Awtorità tal-Enerġija Finlandiża biex timplimenta proġetti eliġibbli għall-installazzjoni ta' ċarġers tal-vetturi elettriċi u stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu. |

## E. KOMPONENT P1C5: IS-SOSTENIBBILTÀ AMBJENTALI U S-SOLUZZJONIJIET IBBAŻATI FUQ IN-NATURA

Il-Gvern Finlandiż stabbilixxa mira li jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità sal-2030. L-għan ġenerali ta' dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jikkontribwixxi għat-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità kkawżat mill-użu intensiv tar-riżorsi naturali kif ukoll għall-ġlieda kontra t-tniġġis tal-Baħar Baltiku.

Il-komponent jinkludi investimenti li għandhom l-għan li jippromwovu soluzzjonijiet innovattivi għall-ġlieda kontra t-tniġġis, bħall-użu tal-ġibs, prodott sekondarju industrijali biex titnaqqas il-konċentrazzjoni tal-fosforu fil-Baħar Baltiku, kif ukoll biex tiġi żviluppata ġestjoni tal-foresti sostenibbli għall-klima. Dawn l-investimenti huma kkumplimentati minn riforma tal-att dwar il-konservazzjoni tan-natura. Dan l-att għandu jipprovdi bażi legali għall-istrateġija nazzjonali għall-bijodiversità u għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ il-bijodiversità.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P1C5R1): Modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-konservazzjoni tan-natura

Il-Finlandja bħalissa ma għandhiex bażi legali għall-istrateġija nazzjonali għall-bijodiversità u għal miżuri volontarji ta' konservazzjoni tan-natura, inklużi miżuri ta' restawr u ta' ġestjoni naturali attiva. Il-Finlandja għandha taġġorna l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura (1096/1996) biex twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet attwali sabiex tissaħħaħ il-bijodiversità. L-emendi leġiżlattivi għall-Att għandhom jiżguraw li t-teħid tad-deċiżjonijiet iqis aħjar il-preservazzjoni tal-bijodiversità barra miż-żoni ta' konservazzjoni tan-natura u ż-żamma tas-servizzi tal-ekosistema. Barra minn hekk, għandhom jiġu adottati miżuri ġodda biex itejbu l-effettività tal-konservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet.

Il-Gvern għandu jippreżenta l-Att il-ġdid dwar il-Konservazzjoni tan-Natura lill-Parlament sal-31 ta' Jannar 2022. L-att il-ġdid għandu jidħol fis-seħħ matul l-2022. L-implimentazzjoni tal-Att għandha titwettaq miċ-Ċentri għall-Iżvilupp Ekonomiku, it-Trasport u l-Ambjent, Metsähallitus u l-Ministeru tal-Ambjent.

Il-Finlandja għandha tadotta wkoll regolament dwar is-sistema ta' appoġġ finanzjarju għall-miżuri ta' restawr u kura, li għandu jappoġġa miżuri għar-riabilitazzjoni u l-ġestjoni ta' ħabitats, speċijiet u valuri tal-pajsaġġ fil-periklu.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1 (P1C5I1): Trattament tal-ġipsum u riċiklaġġ tan-nutrijenti

Il-miżura għandha tappoġġa l-objettivi klimatiċi u ambjentali billi tittratta l-art li tinħarat bil-ġipsum. Din is-soluzzjoni għandha l-għan li tnaqqas il-piż tal-fosforu mill-agrikoltura għall-Baħar Baltiku. Il-miżura għandha l-għan ukoll li tnaqqas l-iskariku ta' nutrijenti fil-korpi tal-ilma billi tippromwovi r-riċiklaġġ tan-nutrijenti minn flussi ta' skart rikki fin-nutrijenti minn żoni urbani, li huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-ewtrofikazzjoni u d-degradazzjoni.

L-investiment huwa kompost minn żewġ elementi:

i) trattament ta' għelieqi bil-ġibs; u

ii) proġetti ta' R&Ż dwar ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti.

L-appoġġ għat-trattament ta' għelieqi bil-ġipsum għandu jingħata skont id-Digriet tal-Gvern 510/2020, li nħareġ skont l-Att dwar l-Organizzazzjoni tar-Riżorsi tal-Ilma u l-Istrateġija Marina (1299/2004). Sejħiet kompetittivi għall-offerti għall-akkwist, it-trasport u s-servizzi ta' applikazzjoni tal-ġipsum għandhom jitnedew taħt ir-responsabbiltà taċ-Ċentru għall-Iżvilupp Ekonomiku, it-Trasport u l-Ambjent għal-Lbiċ tal-Finlandja fl-2021. Il-miżura hija mmirata lejn il-produtturi u l-bdiewa. 540 000 ettaru ta' għelieqi fil-Finlandja ġew identifikati bħala adatti għat-trattament tal-ġipsum. Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, għandu jsir monitoraġġ tal-artijiet li jinħartu u tal-korpi tal-ilma kkonċernati sabiex jiġi żgurat in-nuqqas ta' impatti negattivi fuq l-art (inkluża l-ħamrija) u l-ekosistemi akkwatiċi u n-nuqqas ta' impatti negattivi fuq il-bilanċ tal-karbonju tagħhom. F'każ li jiġu identifikati xi effetti negattivi, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat l-irkupru tal-ekosistema u l-użu tal-ġipsum għandu jiġi evitat fiż-żona kkonċernata. Il-finanzjament fl-ambitu ta' dan l-investiment ma għandux jintuża biex jiġi applikat il-ġipsum għat-tkabbir ta' għelejjel tal-bijokarburanti/bijoenerġija bbażati fuq l-ikel. L-appoġġ għall-proġetti R&Ż dwar ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti għandu jingħata skont id-Digriet tal-Gvern dwar ir-riċiklaġġ tan-nutrijenti u l-proġetti tal-effiċjenza enerġetika tat-trattament tal-ilma mormi fl-2020–2026 (657/2020). Is-sejħiet kompetittivi għandhom jitnedew taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Ambjent. Il-proġetti għandhom jappoġġaw l-introduzzjoni ta' tekniki u metodi ġodda għar-riċiklaġġ tan-nutrijenti, il-produzzjoni ta' prodotti finali kompetittivi bi grad għoli ta' pproċessar, investiment fir-R&Ż u l-kompetittività tal-industrija. Fil-proċess tal-għażla, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-impatti fuq it-tibdil fil-klima, l-ewtrofikazzjoni u l-bijodiversità.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima jkunu marbuta mal-qasam ta' intervent 045bis li għandu koeffiċjent klimatiku ta' 100 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għal dan il-għan, il-proġetti magħżula għall-provvista tal-ġipsum għandhom jiżguraw li mill-inqas 50 %, f'termini ta' piż niexef, tal-iskart tal-ġipsum niexef mhux perikoluż ipproċessat miġbur separatament iġġenerat mill-manifatturi rilevanti li qed ifornu l-ġipsum, għandu jiġi kkonvertit f'materja prima sekondarja. Il-proġetti magħżula għar-riċiklaġġ tan-nutrijenti għandhom jiżguraw li mill-inqas 50 % tan-nutrijenti li jistgħu jiġu rkuprati jew tal-bijomassa fl-ilma mormi għandhom jiġu kkonvertiti f'materja prima sekondarja.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (P1C5I2): Miżuri sostenibbli għall-klima fis-settur tal-użu tal-art

Din il-miżura tiffoka fuq l-iżvilupp ta' metodi ta' użu tal-art sostenibbli għall-klima. Il-Finlandja għandha tiffinanzja inizjattivi li jippermettu lis-settur tal-forestrija juża metodi ta' qtugħ u biedja mmirati aħjar u aktar varjati, li fihom il-ħamrija, il-valuri naturali u l-protezzjoni tal-ilma għandhom jitqiesu b'mod aktar b'saħħtu milli fil-preżent ("il-forestrija ta' preċiżjoni"). Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Il-miżura għandha tinkludi metodi, teknoloġiji u ġenerazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali biex tiġi promossa s-sostenibbiltà tal-foresti, inkluż billi jiġu ffavoriti foresti mħallta u tissaħħaħ il-bijodiversità tal-foresti, fost l-oħrajn billi jiżdied l-ammont ta' injam mejjet fis-sit. Fil-foresti fejn jiġu applikati metodi ta' ġestjoni kontinwa tal-foresti, li jimplika li ma jkun hemm l-ebda qtugħ evidenti, ma jkun hemm l-ebda għamla ta' gandotti ġodda jew tiswija tagħhom. L-iżvilupp ta' metodi ġodda jista' jtejjeb il-ħolqien tal-valur u jista' jagħmel il-ktajjen ta' attività tal-

foresti aktar effiċjenti, filwaqt li jistgħu jiġu żviluppati innovazzjonijiet ġodda li jistgħu jintużaw fuq livell nazzjonali u globali.

L-appoġġ għall-iżvilupp ta' miżuri ġodda għall-użu tal-art għandu jingħata abbażi tad-Digriet tal-Gvern 5/2021 dwar għotjiet għal miżuri klimatiċi fis-settur tal-użu tal-art fl-2020-2025. Il-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Forestrija għandu jippubblika applikazzjonijiet għal proġetti ta' żvilupp u taħriġ. Għandhom jiġu ffinanzjati mill-inqas seba' proġetti. Il-miżura hija mmirata lejn atturi fis-settur tal-foresti (is-sidien tal-foresti, l-ippjanar, it-teknoloġija, l-ikkuntrattar u kumpaniji u komunitajiet oħra attivi fil-qasam).

Il-kriterji tal-eliġibbiltà/għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima jkunu marbuta mal-qasam ta' intervent 050 li għandu koeffiċjent klimatiku ta' 40 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Huma biss proġetti li jappoġġaw l-adattament għall-klima u l-mitigazzjoni tal-klima li jkunu konsistenti mar-rekwiżiti tal-gwida DNSH li għandhom ikunu eliġibbli fl-ambitu ta' din il-miżura.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Ħin | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 47 | P1C5R1 - Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – Modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar in-natura | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att emendat dwar il-Konservazzjoni tan-Natura | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att tal-Konservazzjoni tan-Natura | | | | Q1 | 2023 | L-emenda leġiżlattiva għall-Att tal-Konservazzjoni tan-Natura (1096/1996) għandha tinkludi:<br>- il-preservazzjoni tal-bijodiversità barra miż-żoni ta' konservazzjoni tan-natura<br>- il-manutenzjoni tas-servizzi tal-ekosistema<br>- miżuri li jiżguraw l-effettività tal-konservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet |
| 48 | P1C5I1 - Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – Trattament tal-ġipsum u riċiklaġġ tan-nutrijenti | Stadju importanti | Jingħataw proġetti għall-provvista, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-ġipsum | L-għoti ta' proġetti f'konformità mas-sejħa għall-offerti għall-provvista, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-ġipsum | | | | Q4 | 2022 | It-tnedija tas-sejħa kompetittiva għal proposti għall-provvista, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-ġipsum, b'termini ta' referenza inklużi l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-kuntratturi magħżula jikkonformaw mar-rekwiżit li mill-inqas 50 %, f'termini ta' piż, tal-iskart mhux perikoluż ipproċessat miġbur separatament f'materja prima sekondarja u f'konformità mal-Gwida Teknika "tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-finanzjament fl-ambitu ta' dan l-investiment ma għandux jintuża biex jiġi applikat il-ġipsum għat-tkabbir ta' għelejjel tal-bijokarburanti/bijoenerġija bbażati fuq l-ikel. |
| 49 | P1C5I1 - Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – Trattament tal-ġipsum u riċiklaġġ tan-nutrijenti | Mira | Għelieqi trattati bil-ġipsum u tnaqqis ikkominat fl-użu tal-fertilizzanti | | Ettari | 0 | 50 000 | Q4 | 2025 | Il-bdiewa għandhom japplikaw għat-trattament tal-ġipsum f'għelieqi adattati għall-ġipsum. Il-kuntrattur magħżul għall-provvista, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-ġipsum għandu japplika l-ġipsum għall-qasam tal-bidwi. Mill-inqas 50 000 ettaru ta' għelieqi għandhom jiġu ttrattati bil-ġipsum. L-effetti klimatiċi huma msaħħa minn rekwiżit fid-dokumentazzjoni tas-sejħiet biex il-fosforu tal-ġipsum fl-impjanti ta' fertilizzazzjoni tagħhom jitqies b'mod proporzjonat. It-tnaqqis sussegwenti fl-użu ta' fertilizzant li fih il-fosforu għandu jiġi verifikat permezz ta' stħarriġ.<br>Għandu jkun hemm monitoraġġ tal-artijiet li jinħartu u tal-korpi tal-ilma kkonċernati sabiex jiġi żgurat in-nuqqas ta' impatti negattivi fuq l-art (inkluża l-ħamrija) u fuq l-ekosistemi akkwatiċi u n-nuqqas ta' impatti negattivi fuq il-bilanċ tal-karbonju tagħhom. F'każ li jiġu identifikati xi effetti negattivi, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat l-irkupru tal-ekosistema u l-użu tal-ġipsum għandu jiġi evitat fiż-żona kkonċernata. |
| 50 | P1C5I1 - Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati | Stadju importanti | Jingħataw proġetti ta' riċiklaġġ u rkupru tan- | Notifika tal-għoti tal-għotjiet kollha | | | | Q4 | 2023 | Notifika dwar l-għoti tal-għotjiet kollha għall-proġetti magħżula fl-ambitu tas-sejħiet miftuħa għal proposti għall-applikazzjoni għar-riċiklaġġ u l-irkupru tan-nutrijenti, f'konformità mal-Gwida |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Ħin | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | fuq in-natura – Trattament tal-ġipsum u riċiklaġġ tan-nutrijenti | | nutrijenti | | | | | | | Teknika "tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 51 | P1C5I1 - Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – Trattament tal-ġipsum u riċiklaġġ tan-nutrijenti | Mira | Għadd ta' siti b'riċiklaġġ jew irkupru mtejba tan-nutrijenti | | Għadd | 0 | 7 | Q4 | 2025 | Mill-inqas seba' impjanti jew siti għandu jkollhom rati mtejba ta' riċiklaġġ u rkupru tan-nutrijenti ta' mill-inqas 50% tan-nutrijenti jew bijomassa rikuperabbli fl-ilma tal-iskart. Barra minn hekk, huwa mmirat ukoll livell ta' tħejjija teknika (TRL, technical readiness level) ta' mill-inqas 6. |
| 52 | P1C5I2 - Is-sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – miżuri reżiljenti għall-klima fis-settur tal-użu tal-art | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti għal proġetti forestali ta' preċiżjoni | Pubblikazzjoni | | | | Q4 | 2021 | Il-linji gwida dwar il-finanzjament (id-Digriet tal-Gvern 5/2021 dwar għotjiet għal miżuri klimatiċi fis-settur tal-użu tal-art fl-2020-2025) daħlu fis-seħħ, u b'hekk ippermettew it-tnedija tal-ewwel sejħa kompetittiva għal proposti għal proġetti tal-forestrija ta' preċiżjoni. It-termini ta' referenza jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-ewwel sejħa għall-proposti għandha tinfetaħ sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-miżura għandha tinkludi metodi, teknoloġiji u ġenerazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali biex tiġi promossa s-sostenibbiltà tal-foresti, inkluż billi jiġu ffavoriti foresti mħallta u tissaħħaħ il-bijodiversità tal-foresti, fost l-oħrajn billi jiżdied l-ammont ta' injam mejjet fis-sit. Fil-foresti fejn jiġu applikati metodi ta' ġestjoni kontinwa tal-foresti, li jimplika li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis ċar, ma għandu jkun hemm l-ebda qtugħ ġdid jew rimedjali. Huma biss il-proġetti li jappoġġaw l-adattament għall-klima u l-mitigazzjoni tal-klima li għandhom ikunu eliġibbli fl-ambitu ta' din il-miżura. |
| 53 | P1C5I2 - Is-sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – miżuri reżiljenti għall-klima fis-settur tal-użu tal-art | Stadju importanti | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għall-proġetti forestali ta' preċiżjoni magħżula għall-finanzjament | Notifika tal-għoti tal-għotjiet kollha | | | | Q4 | 2023 | Notifika tal-għoti tal-għotjiet kollha għal proġetti forestali ta' preċiżjoni magħżula skont is-sejħiet għall-proposti rispettivi. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji tal-eliġibbiltà/tal-għażla riflessi fl-istadju importanti 52. Id-deċiżjonijiet kollha ta' għoti ta' finanzjament ingħataw lill-benefiċjarji/applikanti tal-proġett magħżula fl-ambitu tas-sejħiet kompetittivi għal proposti, li jippermetti l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula. |
| 54 | P1C5I2 - Is-sostenibbiltà | Mira | L-għadd ta' proġetti forestali | | Għadd | 0 | 7 | Q4 | 2025 | Għandhom jitlestew mill-inqas seba' proġetti forestali ta' preċiżjoni, kif muri mir-rapporti finali tal-proġetti sottomessi mill- |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Ħin | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – miżuri reżiljenti għall-klima fis-settur tal-użu tal-art | | ta' preċiżjoni li tlestew | | | | | | | benefiċjarji tal-proġetti. |

**PILASTRU 2: Id-diġitalizzazzjoni u l-ekonomija tad-*data* se jsaħħu l-produttività u jagħmlu s-servizzi disponibbli għal kulħadd**

## F. KOMPONENT P2C1: INFRASTRUTTURA DIĠITALI

Dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi investimenti fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni u t-trasport biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' soċjetà dejjem aktar diġitali.

L-ewwel nett, il-Finlandja għandha l-għan li tinvesti fid-diġitalizzazzjoni tat-trasport ferrovjarju, li għandu jgħin lill-Finlandja tilħaq il-miri tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, iżżid il-kapaċità tas-sistema, u ttejjeb il-kwalità tas-servizz. B'mod partikolari, il-proġett "Digirail" għandu l-għan li jintroduċi sistema ġdida awtomatika tal-ferroviji fuq in-network Finlandiż kollu, peress li s-sistema attwali se tilħaq tmiem il-ħajja tagħha sa tmiem dan id-deċennju. L-implimentazzjoni tal-proġett għandha tgħin biex jiġu żgurati servizzi ferrovjarji li huma adattati għall-futur.

It-tieni, il-Finlandja beħsiebha tuża appoġġ mhux ripagabbli biex tiffinanzja investimenti privati f'networks tal-broadband b'veloċità għolja f'żoni fejn l-aċċess ma jkunx ipprovdut fuq bażi kummerċjali. Il-komponent għandu l-għan li jindirizza l-lakuni li fadal fl-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja madwar il-Finlandja, b'mod partikolari f'żoni rurali li għandhom rati ta' aċċess aktar baxxi. Huma meħtieġa networks ta' komunikazzjoni komprensivi, ta' kwalità għolja u veloċi madwar il-Finlandja hekk kif id-diġitalizzazzjoni tax-xogħol u l-produzzjoni industrijali tiżdied u s-servizzi jiġu trasferiti lejn kanali diġitali. L-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali ġodda fis-setturi kollha teħtieġ networks ta' komunikazzjoni rapidi u affidabbli, speċjalment għal applikazzjonijiet kritiċi.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi biex jiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura sostenibbli u effiċjenti (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020), kif ukoll biex jiffoka fuq il-politika ekonomika relatata mal-investiment, filwaqt li jqis id-disparitajiet reġjonali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1 (P2C1I1): Konnettività diġitali – L-iżvilupp tal-kwalità u d-disponibbiltà tan-networks tal-komunikazzjoni

L-investiment huwa skema ta' appoġġ għall-investiment biex jiżdiedu l-kwalità u d-disponibbiltà tal-konnessjonijiet ta' komunikazzjoni f'żoni fejn tali konnessjonijiet mhumiex ipprovduti abbażi tal-mekkaniżmi tas-suq biss. Il-miżura tinkludi l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-programm ta' appoġġ, kif ukoll l-iżborż ta' appoġġ finanzjarju lill-fornituri tal-broadband. Konnessjonijiet broadband appoġġati taħt l-iskema għandhom joffru mill-inqas kapaċità ta' 100 Mbit kull sekonda. L-appoġġ mhux ripagabbli mill-Faċilità għandu jikkumplimenta l-programm nazzjonali ta' appoġġ għall-broadband, ibbażat fuq l-Att dwar l-Appoġġ għall-Broadband, li fih dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-iżborż ta' fondi, kif ukoll dwar l-awtorità ta' appoġġ kompetenti u l-kompiti tagħha. L-awtorità ta' appoġġ għandha twettaq analiżi biex tiżgura li l-proġetti jintgħażlu biss f'oqsma fejn is-soluzzjonijiet bbażati fuq is-suq mhumiex disponibbli f'konformità mar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa. Il-Finlandja għandha tistabbilixxi pożizzjoni ta' koordinatur fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Broadband bil-għan li tippromwovi l-broadband u tippjana l-koordinazzjoni tal-finanzjament tal-broadband nazzjonali u tal-UE biex tevita d-duplikazzjoni u tiżgura l-komplementarjetà.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (P2C1I2): Trasport u użu tal-art — Proġett Digirail

Il-Finlandja għandha l-għan li tintroduċi s-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) fin-network nazzjonali kollu sal-2040, flimkien mas-Sistema Futura ta' Komunikazzjoni Mobbli Ferrovjarja (FRMCS) ibbażata fuq il-4G u l-5G. L-introduzzjoni ta' ERMTS u FRMCS għandha tgħin biex jiġi żgurat li s-servizzi ferrovjarji jkunu adattati għall-futur. Għal dak il-għan, l-investiment għandu jiffinanzja l-fażi tal-iżvilupp u l-verifika Digirail, li tinkludi t-tħejjija u t-twettiq ta' attivitajiet ta' ttestjar u pilotaġġ fil-perjodu 2021-2026. Wara ttestjar b'suċċess f'ambjent tal-laboratorju, is-sistema l-ġdida bbażata fuq ir-radju għandha tiġi ttestjata f'kundizzjonijiet realistiċi fuq korsa tat-testijiet, qabel ma tiġi skjerata fuq binarju pilota għat-traffiku kummerċjali tal-ferroviji, fejn is-sistema żviluppata ġdida għandha tintuża bħala s-sistema unika ta' kontroll tal-ferrovija. Sa tmiem l-2027 fl-istadju finali tal-fażi tal-iżvilupp u tal-verifika, is-sistema tal-ERTMS hija mistennija li tiġi ttestjata fuq binarju pilota kummerċjali fejn is-sistema l-ġdida tintuża bħala s-sistema unika ta' kontroll tal-ferrovija. Mill-2028, jiġifieri wara l-appoġġ mill-Faċilità, Digirail u ERTMS huwa ppjanat li jiġi introdott fin-network Finlandiż kollu.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

**F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 55 | P2C1I1- Konnettività diġitali – L-iżvilupp tal-kwalità u d-disponibbiltà tan-networks tal-komunikazzjoni | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi tal-leġiżlazzjoni dwar l-appoġġ għall-broadband | Dispożizzjonijiet fl-emendi tal-att dwar l-appoġġ għall-broadband li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom | | | | Q4 | 2022 | Il-bidliet meħtieġa fil-leġiżlazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-appoġġ għall-broadband daħlu fis-seħħ. L-Att dwar l-Appoġġ għall-Broadband għandu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-iżborż ta' fondi, bħal żoni mmirati, kif ukoll dwar l-awtorità ta' appoġġ kompetenti u l-kompiti tagħha. Huwa għandu jqis kwalunkwe emenda meħtieġa minħabba r-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa emendat, inkluż l-aġġornament ta' digriet tal-gvern bil-veloċitajiet minimi għall-konnessjonijiet eliġibbli. |
| 56 | P2C1I1- Konnettività diġitali – L-iżvilupp tal-kwalità u d-disponibbiltà tan-networks tal-komunikazzjoni | Mira | L-abitazzjonijiet addizzjonali b'aċċess għal konnettività broadband veloċi (100/100 Mbit/s) | | Għadd | 0 | 6 400 | Q2 | 2024 | Mill-inqas 6 400 abitazzjoni ġdida kisbu aċċess għal broadband b'veloċità għolja (100/100 Mbit/s), meta mqabbla max-xenarju ta' referenza qabel il-bidu tal-programm, li jew kellhom konnessjoni aktar bil-mod jew ma kellhom l-ebda konnessjoni fil-bidu tal-programm ta' appoġġ ("id-djar li għaddew"). Dan jinkludi djar privati, negozji jew djar ta' villeġġjatura. |
| 57 | P2C1I1- Konnettività diġitali – L-iżvilupp tal-kwalità u d-disponibbiltà tan-networks tal-komunikazzjoni | Mira | L-abitazzjonijiet addizzjonali b'aċċess għal konnettività broadband veloċi (100/100 Mbit/s). | | Għadd | 6 400 | 16 000 | Q2 | 2026 | Mill-inqas 16 000 abitazzjoni ġdida kisbu aċċess għal broadband b'veloċità għolja (100/100 Mbit/s), meta mqabbla max-xenarju ta' referenza qabel il-bidu tal-programm, li jew kellhom konnessjoni aktar bil-mod jew ma kellhom l-ebda konnessjoni fil-bidu tal-programm ta' appoġġ ("id-djar li għaddew"). Dan jinkludi djar privati, negozji jew djar ta' villeġġjatura. |
| 58 | P2C1I2 – Trasport u użu tal-art - Proġett Digirail | Stadju importanti | Il-laboratorju tal-ittestjar dwar it-tagħmir tal-immudellar għas-sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS, European Rail Traffic Management System) huwa operattiv | Il-laboratorju tat-test ġie stabbilit fiċ-Ċentru tat-Taħriġ Ferrovjarju, Kouvola, u huwa disponibbli biex iwettaq it-testijiet virtwali ta' simulazzjoni. | | | | Q4 | 2022 | Is-sistema ta' ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju hija element ewlieni tas-sikurezza ferrovjarja. Ix-xogħol ta' żvilupp għandu jinbeda permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa mil-laboratorju tat-testijiet qabel ma l-fażi tal-iżvilupp tkun tista' tinbidel għal testijiet f'kundizzjonijiet realistiċi. |
| 59 | P2C1I2 – Trasport u użu tal-art - Proġett Digirail | Mira | Il-binarji tal-ittestjar mgħammra b'ERTMS ibbażat fuq ir-radju (mhux fit-traffiku ferrovjarju kummerċjali) | | Kilometri | 0 | 50 | Q4 | 2024 | Il-binarji tal-ittestjar għandhom ikunu bejn Kouvola-Kotka/Hamina. Mill-inqas 50 km mill-binarji (mhux fi traffiku ferrovjarju kummerċjali) għandhom ikunu mgħammra b'ERMTS ibbażati fuq ir-radju. L-ispeċifikazzjoni teknika għandha titressaq quddiem l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza ferrovjarja (Traficom) għall-approvazzjoni malli titlesta. Il-binarji tal-ittestjar stabbiliti għandhom jippermettu l-ittestjar tas-sistema Ewropea ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju (ERTMS) ibbażata fuq |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | ir-radju f'kundizzjonijiet realistiċi bit-tagħmir it-tajjeb. |
| 60 | P2C1I2 – Trasport u użu tal-art - Proġett Digirail | Mira | Il-binarji tall-ittestjar kummerċjali mgħammra bl-ERMTS | | Kilometri | 0 | 30 | Q2 | 2026 | Sistema pilota kummerċjali ERTMS ġiet akkwistata skont il-proċeduri tal-ERA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji) (One-Stop-Shop). Mill-inqas 30 kilometri tal-binarji jkunu ġew mgħammra b'ERTMS ibbażat fuq ir-radju. |

## G. KOMPONENT P2C2: L-AĊĊELLERAZZJONI TAL-EKONOMIJA TAD-DATA U D-DIĠITALIZZAZZJONI

### G.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi riformi u investimenti li għandhom jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni fil-Finlandja billi jiffaċilitaw l-innovazzjoni xprunata mid-*data*, l-iskambju ta' informazzjoni diġitali u l-użu ta' *data* tas-settur pubbliku u billi jrawmu r-riċerka f'teknoloġiji ewlenin sabiex tiżdied il-kompetittività tal-Finlandja. Billi żżid l-interoperabbiltà tad-*data* għall-użu ta' diversi partijiet ikkonċernati, il-Finlandja għandha l-għan li tisfrutta l-potenzjal sħiħ tat-trasformazzjoni diġitali. Dan jirrikjedi standardizzazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni diġitali li tkopri kemm in-negozji kif ukoll is-settur pubbliku. Il-komponent jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

Billi jestendi l-kopertura tas-sistema ta' informazzjoni dwar il-proprjetà residenzjali u kummerċjali b'informazzjoni dwar is-self tal-kumpaniji tad-djar, il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex isaħħaħ il-monitoraġġ tad-dejn tal-unitajiet domestiċi u jistabbilixxi s-sistema tar-reġistru tal-kreditu (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2019), kif ukoll biex jiffoka l-investiment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020 u Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

Investiment 1 (P2C2I1): Ekonomija diġitali – Programm ta' ekonomija f'ħin reali (RTE)

L-investiment għandu l-għan li jgħin biex jinħolqu soluzzjonijiet u strutturi komuni biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' *data* finanzjarja diġitali bejn l-organizzazzjonijiet f'format strutturat li jinqara minn magna (bħal fatturi elettroniċi, irċevuti elettroniċi, dokumenti tal-akkwist u dikjarazzjonijiet finanzjarji), f'konformità mal-viżjoni ta' "ekonomija f'ħin reali". L-iskambju ta' *data* finanzjarja strutturata għandu jappoġġa l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi b'impatt pożittiv fuq il-produttività kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, filwaqt li jippromwovi wkoll id-diġitalizzazzjoni tal-gvern u tas-soċjetà b'mod ġenerali. Taħt it-tmexxija tal-Ministeru tal-Impjiegi u l-Ekonomija, l-implimentazzjoni tal-proġett se tkun taħt ir-responsabbiltà tal-Bord Nazzjonali tal-Privattivi u r-Reġistrazzjoni f'kooperazzjoni mal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u t-Teżor tal-Istat.

L-investiment għandu jippermetti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn in-negozji, bejn in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi, u fi ħdan is-settur pubbliku, abbażi tal-prinċipju "ta' darba biss". B'mod partikolari, l-investiment għandu jkopri l-elementi li ġejjin:

i) l-istabbiliment ta' ekosistema għall-ekonomija f'ħin reali, li għandha tiġi żviluppata f'kooperazzjoni pubblika-privata. L-appoġġ finanzjarju għandu jintuża biex tinħoloq ekosistema vijabbli minima (MVE), jiġifieri verżjoni tal-produzzjoni tal-pjattaforma diġitali bażika u soluzzjonijiet ta' infrastruttura/softwer relatati, sa tmiem l-2022, li għandhom ikunu jistgħu jittrażmettu tal-anqas fatturi elettroniċi;

ii) il-ħolqien ta' infrastruttura diġitali li għandu jkun funzjonali fi tmiem l-2024, li għandu jippermetti l-kondiviżjoni, ir-riċeviment u l-użu ta' *data* finanzjarja ta' kumpanija bħal irċevuti elettroniċi, fatturi elettroniċi u messaġġi ta' akkwist f'konformità mar-rekwiżiti legali rilevanti relatati mal-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza. L-infrastruttura diġitali għandu jkollha mill-inqas il-karatteristiċi li ġejjin:

   - Soluzzjonijiet ta' interfaċċa komuni għall-kondiviżjoni ta' *data* finanzjarja f'forma strutturata

- Format standardizzat li jinqara mill-magni għad-dokumenti elettroniċi tan-negozju.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2024.

Investiment 2 (P2C2I2): L-aċċellerazzjoni tal-ekonomija tad-*data* u d-diġitalizzazzjoni - Virtual Finland

Il-pjattaforma tas-servizz Virtual Finland se ttejjeb il-kompetittività tal-Finlandja, u se tippermetti t-twassil ta’ servizzi diġitali bla xkiel mis-settur pubbliku u privat għal gruppi fil-mira differenti li ġejjin lejn il-Finlandja, u se tibda mill-impjegati li jimmigraw lejn il-Finlandja. L-investiment se jġedded il-kunċett tas-servizz u jintegra l-ewwel servizz fil-pjattaforma u jipprovdi l-possibbiltà li jiġu integrati servizzi oħra li bħalissa qed jiġu ttrattati separatament f’ministeri u aġenziji differenti f’entità faċli għall-utent.

L-għan tal-investiment huwa li joffri interfaċċa ta’ servizz uniku lil gruppi fil-mira differenti li jixtiequ jirrisjedu fil-Finlandja, li tibda mill-impjegati. L-investiment ikopri d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi, li bħalissa jeħtieġu preżenza interna fil-Finlandja. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-pjattaforma tas-servizzi huwa mistenni li jkopri s-servizzi pubbliċi (bħall-identità diġitali, ir-residenza elettronika, jew ir-reġistrazzjoni tal-privattivi) u jipprovdi l-possibbiltà li jiġu appoġġati s-servizzi privati (inklużi l-assigurazzjoni kummerċjali, il-banek, il-kontabbiltà, is-servizzi finanzjarji, legali u servizzi oħra).

Fl-ewwel fażi (2021–2022), il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Finlandja (MFA) għandu jikkoordina x-xogħol ta’ żvilupp. Matul l-ewwel fażi għandu jiġi ppjanat u definit mudell ta’ ġestjoni aktar permanenti għall-passi tal-iżvilupp u l-fażi tal-produzzjoni li jmiss. L-implimentazzjoni għandha tinvolvi l-MFA, il-Ministeru tal-Finanzi, il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi, ministeri oħra, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa Finlandiża, l-Aġenzija tas-Servizzi tad-*Data* Diġitali u tal-Popolazzjoni, il-Fond Finlandiż għall-Innovazzjoni, l-Aġenzija Finlandiża tal-Privattivi u r-Reġistrazzjoni, is-Servizz tal-Immigrazzjoni Finlandiż u possibbilment aġenziji oħra.

Il-miżura għandha tkopri l-elementi li ġejjin:

- Sal-31 ta’ Diċembru 2022, l-ewwel verżjoni tal-produzzjoni tal-pjattaforma “Virtual Finland” għandha tkun disponibbli, li tappoġġja mill-inqas il-funzjonalità li ġejja: l-identifikazzjoni ta’ persuna u identità diġitali, kondiviżjoni affidabbli ta’ data bejn il-partijiet involuti fil-pjattaforma.
- Sal-31 ta’ Diċembru 2025, mill-inqas proċess ta’ servizz wieħed, b’mod partikolari l-proċess ta’ dħul għal individwu privat mhux Finlandiż, għandu jkun appoġġat bis-sħiħ mill-pjattaforma Virtual Finland.
- Il-pjattaforma Virtual Finland hija mistennija li tintegra suċċessivament is-servizzi għal gruppi fil-mira addizzjonali (studenti tal-edukazzjoni għolja, kumpaniji mhux elenkati, ħaddiema staġjonali, turisti, kumpaniji esportaturi).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

Investiment 3 (P2C2I3): L-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, il-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing)

L-għan tal-miżura huwa li tiffinanzja r-riċerka applikata u l-użu ta’ teknoloġiji ġodda, sabiex jiġu salvagwardjati l-kompetittività, is-sigurtà tal-informazzjoni u s-sovranità tal-Ewropa. Għandu jiġi pprovdut finanzjament għal attivitajiet ta’ RŻI nazzjonali applikati u l-infrastruttura li tappoġġahom, jiġifieri ambjenti tal-ittestjar u tal-esperimentazzjoni, li għandhom ikunu relatati mal-mikroelettronika, it-teknoloġiji 5G/6G, l-intelliġenza artifiċjali jew it-teknoloġija quantum. Il-finanzjament għandu jitwassal permezz tal-istrumenti ta’ finanzjament kompetittivi ta’ Business Finland. Il-proġetti għandhom jintgħażlu abbażi ta’ sejħiet miftuħa u l-kriterji tal-għażla għandhom

jiżguraw il-kontribut diġitali tal-proġetti u l-konformità tagħhom mal-prinċipju "tagħmilx ħsara sinifikanti". B'mod partikolari, il-miżura għandha tappoġġa t-teknoloġiji li ġejjin:

- Il-mikroelettronika: L-investiment għandu l-għan li jiżgura l-katina tal-valur tal-produzzjoni tas-semikondutturi biex tiżdied l-awtonomija f'din it-teknoloġija ewlenija. Għandu jingħata appoġġ finanzjarju biex jitħaffu u jiżdiedu l-investimenti tal-kumpaniji Finlandiżi fl-iżvilupp tal-katina tal-valur tal-produzzjoni tal-mikroelettronika, tiżdied il-kapaċità li jitfasslu u jiġu manifatturati komponenti semikondutturi fil-Finlandja u fl-UE billi l-kumpaniji Finlandiżi jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-Proġett potenzjali Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) għall-mikroelettronika.
- 6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing: L-appoġġ finanzjarju għandu jingħata lil investimenti fl-iżvilupp tal-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing, li huma meqjusa importanti għall-kompetittività teknoloġika fil-futur. L-objettiv huwa li jinħolqu ambjenti ta' żvilupp kompetittiv għall-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġija tat-telekomunikazzjoni futura u l-applikazzjoni tal-quantum computing fil-Finlandja, biex jipparteċipaw pereżempju fit-tiswir ta' faċilitajiet Ewropej għall-ittestjar u l-esperimentazzjoni għall-intelliġenza artifiċjali (AI TEF), biex jiġġedded in-network nazzjonali tat-testijiet 5G u l-mudell operattiv tiegħu, u biex jinħoloq ambjent ta' żvilupp għas-softwer meħtieġ fil-quantum computing.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

<u>Riforma 1 (P2C2R1): Żvilupp tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali</u>

L-objettiv tal-miżura huwa li ttejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur fis-suq tad-djar kif ukoll il-kompetizzjoni fis-settur tad-djar u tagħmel l-informazzjoni dwar il-kundizzjoni finanzjarja u teknika u l-ħtiġijiet ta' tiswija disponibbli għal proprjetà residenzjali u kummerċjali. Bħalissa, ma hemm l-ebda reġistru ċentrali għas-self tal-kumpaniji tad-djar; minflok, id-*data* tiddaħħal biss fil-kontijiet tal-kumpaniji tad-djar. L-iżvilupp ta' tali sistema ta' informazzjoni dwar il-proprjetà residenzjali u kummerċjali, li tippermetti trattament aktar ġust tal-konsumaturi f'sitwazzjonijiet ta' għoti ta' kreditu, huwa kundizzjoni ewlenija għall-ħolqien ta' reġistru tal-kreditu pożittiv.

L-investiment għandu jappoġġa l-iżvilupp tas-sistema ta' informazzjoni dwar il-proprjetà residenzjali u kummerċjali, biex tinġabar informazzjoni dwar il-kundizzjoni finanzjarja u teknika u l-ħtiġijiet ta' tiswija, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-*data*. L-informazzjoni dwar is-self tal-kumpaniji tad-djar għandha tiġi trażmessa lir-reġistru tad-*data* tal-kreditu pożittiv, li għandu jgħin biex jiġi indirizzat id-dejn eċċessiv privat.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

<u>Riforma 2 (P2C2R2): It-tisħiħ tal-effettività u t-trasparenza tar-riformi u l-investimenti tal-RRP permezz tal-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni, amministrazzjoni u awditjar</u>

Biex iwieġbu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza f'termini ta' koordinazzjoni, ġestjoni, kontroll, rappurtar u awditjar, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet Finlandiżi rilevanti għandhom jiġu stabbiliti fi strument legali ġdid. L-implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn il-kompiti teħtieġ ukoll investimenti temporanji mmirati addizzjonali biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll, f'konformità mal-ħtiġijiet regolatorji. Dan għandu jinkludi fost l-oħrajn l-istabbiliment tal-kapaċitajiet amministrattivi meħtieġa u l-ħolqien ta' sistema ta' repożitorju tal-IT.

Il-miżura għandha wkoll l-għan li tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali fil-Finlandja. Għal dak l-għan, għandu jidħol fis-seħħ Digriet li jkun vinkolanti għall-korpi ta' implimentazzjoni kollha li jistabbilixxi standard minimu għall-attivitajiet ta' ġestjoni u kontroll tar-riskju mwettqa minnhom taħt l-RRF. Barra minn hekk, il-korp ta' Koordinazzjoni għandu joħroġ linji gwida dwar proċeduri adegwati ta' ġestjoni tar-riskju b'appoġġ għall-RRF li għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, proċeduri

għat-twettiq ta' kontrolli u awditi f'konformità mar-regoli nazzjonali u tal-UE applikabbli, proċeduri għal ġestjoni tar-riskju xierqa, proċeduri għall-verifika tal-kunflitti ta' interess u proċeduri għall-verifika tal-finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni. Il-linji gwida dwar ir-riskju għandhom jistabbilixxu miżuri ċari u komprensivi li jikkorrispondu għall-objettivi stabbiliti fil-linji gwida. L-istadju importanti 72bis taħt din il-miżura għandu jiġi ssodisfat saż-żmien tal-preżentazzjoni tat-talba għal pagament li jmiss lill-Kummissjoni wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u għandu jkun prerekwiżit għal kwalunkwe pagament futur.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

**G.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 61 | P2C2I1 - Ekonomija diġitali – Programm ta' ekonomija f'ħin reali (RTE) | Stadju importanti | Tinħoloq u titħaddem l-Ekosistema Minima Vjabbli | Inħolqot ekosistema vijabbli minima, kif evidenzjat mill-pubblikazzjoni tar-regoli u l-istandards dokumentati komuni fuq is-sit web tal-Programm | | | | Q4 | 2022 | L-ekosistema Minima Vjabbli (MVE) ġiet stabbilita b'suċċess f'ambjent ta' produzzjoni, abbażi ta' regoli dokumentati komuni. Dan jippermetti ċ-ċirkolazzjoni ta' fatturi elettroniċi f'format strutturat li jinqara mill-magni biex tiżdied l-awtomazzjoni tal-proċess. |
| 62 | P2C2I1 - Ekonomija diġitali – Programm ta' ekonomija f'ħin reali (RTE) | Stadju importanti | L-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali diġitali f'forma strutturata minn issa huwa kompletament operattiv | Rapport finali tal-proġett li jindika li l-iskambju ta' informazzjoni diġitali dwar in-negozju f'forma strutturata minn huwa kompletament operattiv | | | | Q4 | 2024 | L-istandards u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni elettronika dwar in-negozju ġew definiti u deskritti fir-rapport finali tal-proġett. L-infrastruttura bażika tippermetti ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni kummerċjali diġitali, li tkopri l-elementi li ġejjin:<br>- fatturi elettroniċi<br>- irċevuti elettroniċi<br>- Messaġġi dwar l-akkwist<br><br>Test pilota għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni kummerċjali diġitali tlesta b'suċċess ma' mill-inqas żewġ operaturi privati (bejjiegħa ta' softwer tal-kontabbiltà u/jew fornituri ta' servizzi) u żewġ entitajiet pubbliċi. |
| 63 | P2C2I2 - L-aċċellerazzjoni tal-ekonomija tad-*data* u d-diġitalizzazzjoni – Virtual Finland | Stadju importanti | Il-pjattaforma konġunta Virtual Finland u s-servizzi integrati huma operattivi | Ir-rapport finali tal-proġett jivverifika li l-verżjoni tal-produzzjoni tal-pjattaforma konġunta tkun tlestiet, toffri l-kapaċitajiet meħtieġa u tappoġġa mill-inqas proċess ta' servizz wieħed li jkun ġie integrat bis-sħiħ fil-pjattaforma | | | | Q4 | 2025 | Il-verżjoni tal-produzzjoni tal-pjattaforma konġunta tlestiet u hija disponibbli għall-klijenti kollha fil-Finlandja u internazzjonalment. Il-proġett għandu jipprovdi kunċett ġenerali, arkitettura skalabbli u validazzjoni prattika (prova tal-kunċett). Dan huwa meħtieġ mill-Finlandja biex tibni pjattaforma b'servizzi diġitali rilevanti għal suq internazzjonali u post fejn jiltaqgħu l-kumpaniji Finlandiżi u barranin, il-kumpaniji tat-tkabbir, l-esperti migranti u l-investituri, u s-servizzi diġitali rilevanti meħtieġa għalihom għandhom jiġu integrati fiha. Għandha tappoġġa mill-inqas il-funzjonalità li ġejja: identifikazzjoni ta' persuna u utent kummerċjali (identità diġitali), u kondiviżjoni affidabbli ta' data bejn il-partijiet involuti fil-pjattaforma.<br><br>Il-pjattaforma għandha toffri kapaċitajiet għall-aġenziji tas-settur pubbliku, il-kumpaniji u l-muniċipalitajiet biex jużaw il-funzjonalitajiet għall-proċessi tagħhom stess. |

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | | | | | | | | Ġie integrat mill-inqas servizz wieħed, li jikkonċerna l-proċess ta' dħul għal individwi barranin.<br><br>Kull entità involuta fit-twassil tal-proċess ta' servizz integrat ikkonnettjat is-servizzi jew id-*data* eżistenti tagħha stess permezz ta' interfaċċji bħala parti minn proċess komuni ta' servizz diġitali tal-klijenti fuq il-pjattaforma "Virtual Finland". |
| 64 | P2C2I3 - L-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, is-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing) | Mira | Il-proġetti mikroelettroniċi jingħataw | | Għadd | 0 | 2 | Q4 | 2022 | Notifika minn Business Finland dwar l-għoti ta' mill-inqas 2 deċiżjonijiet ta' finanzjament. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-għażla tal-proġetti għandha tivvaluta l-kwalità u l-effettività tal-attivitajiet ta' RŻI u kif dawn jippromwovu d-diġitalizzazzjoni. Il-kriterji tal-għażla għandhom jinkludu l-kwalità u l-adegwatezza tal-proġett, l-impatti tan-negozju diretti u indiretti futuri tal-proġett, l-adegwatezza tal-proġett għall-idea ewlenija tal-IPCEI u l-istrateġiji nazzjonali u tal-UE, u l-kwalità tal-konsorzju tal-proġett. |
| 65 | P2C2I3 - L-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, is-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing) | Stadju importanti | Tlestija tal-proġetti kollha magħżula | Rapport finali dwar proġetti li tlestew | | | | Q4 | 2025 | It-tlestija tal-proġetti appoġġati kollha skont il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fid-dokumenti ta' applikazzjoni. Il-baġit totali impenjat għandu jammonta għal mill-inqas EUR 13 500 000. |
| 66 | P2C2I3 - L-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, is-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing) | Stadju importanti | Il-proġetti li jiżviluppaw is-6G, l-IA u l-computing kwantistiku jingħataw | Notifika dwar l-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jiżviluppaw is-6G, l-IA u l-computing kwantistiku | | | | Q4 | 2022 | Fil-qafas ta' sejħa miftuħa għal proġetti li fihom il-kumpaniji u l-istituti tar-riċerka jiżviluppaw u jużaw ambjenti tal-ittestjar u tal-ittestjar, Business Finland għandha tagħżel il-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati skont il-kriterji tas-sejħa. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-kriterji tal-għażla għandhom jinkludu l-kwalità u l-adegwatezza tal-proġett, l-impatti tan-negozju diretti u indiretti futuri tal-proġett, l-adegwatezza tal-proġett għall-istrateġiji nazzjonali u tal-UE, u l-kwalità tal-konsorzju tal-proġett. L-għażla tal-proġetti tivvaluta l-kwalità u l-effettività tal-attivitajiet ta' RŻI u kif dawn jippromwovu d-diġitalizzazzjoni. |
| 67 | P2C2I3 - L- | Stadju | Tlestija tal-proġetti | Rapport finali | | | | Q4 | 2025 | It-tlestija tal-proġetti kollha appoġġati, kif muri mir-rapporti |

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, is-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing) | importanti | kollha magħżula | dwar proġetti li tlestew | | | | | | preliminari tal-proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti, skont il-kriterji tal-eliġibbiltà/tal-għażla stabbiliti fis-sejħa għall-proġetti. Il-baġit totali impenjat għandu jammonta għal mill-inqas EUR 9 000 000. |
| 68 | P2C2R1 - Żvilupp tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali | Stadju importanti | L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-estensjoni tal-kopertura tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali | Il-Parlament jadotta l-emendi għall-Att dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Proprjetà Residenzjali u Kummerċjali u l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata għad-Djar | | | | Q2 | 2023 | Sabiex tiġi estiża l-kopertura tas-sistema ta' informazzjoni dwar id-djar għal informazzjoni dwar kumpaniji tad-djar, l-Att dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Proprjetà Residenzjali u Kummerċjali u l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata tad-Djar għandhom jiġu emendati. B'mod partikolari, l-emendi għandhom ikopru:<br>- obbligu tal-kumpaniji tad-djar li jagħmlu disponibbli data bażika f'format strutturat li jinqara mill-magni;<br>- dritt ta' aċċess għad-data disponibbli f'format strutturat li jinqara mill-magni. |
| 69 | P2C2R1 - Żvilupp tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni dwar l-estensjoni tal-kopertura tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali | Dispożizzjonijiet emendati għall-Att dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Proprjetà Residenzjali u Kummerċjali u l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom | | | | Q2 | 2025 | Sabiex tiġi estiża l-kopertura tas-sistema ta' informazzjoni dwar id-djar għal informazzjoni dwar kumpaniji tad-djar, l-Att dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Proprjetà Residenzjali u Kummerċjali u l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata tad-Djar għandhom jiġu emendati. B'mod partikolari, l-emendi għandhom ikopru:<br>- l-obbligu tal-kumpaniji tad-djar li jagħmlu disponibbli d-data bażika f'format strutturat li jinqara mill-magni<br>- id-dritt ta' aċċess għad-*data* disponibbli f'format strutturat li jinqara mill-magni<br><br>Il-karatteristiċi ewlenin meħtieġa biex jibdew jiġu applikati d-dispożizzjonijiet huma l-ispeċifikazzjonijiet u l-interfaċċi tad-*data*. |
| 70 | P2C2R1 - Żvilupp tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali | Stadju importanti | L-estensjoni tal-kopertura tas-sistema ta' informazzjoni dwar il-proprjetà residenzjali u kummerċjali ġiet implimentata teknikament. | Rapport finali dwar proġetti li tlestew | | | | Q2 | 2026 | Fl-ambitu tal-proġett imwettaq mill-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Forestrija u l-Istħarriġ Nazzjonali dwar l-Artijiet, għandhom jitfasslu speċifikazzjonijiet tad-*data* għad-*data* tal-kumpaniji tad-djar, il-possibbiltà li tinżamm *data* bażika (inkluż self minn kumpaniji tad-djar, tiswijiet u alterazzjonijiet) fis-sistema ta' informazzjoni dwar il-proprjetà residenzjali u kummerċjali, u interfaċċi għall-komunikazzjoni. Il-klijenti għandhom l-opportunità li jiksbu l-informazzjoni dwar il-kumpaniji tad-djar meħtieġa bil-liġi f'format li jinqara mill-magni. |

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | | | | | | | | Għandhom jiġu definiti proċeduri komuni għall-valutazzjoni tal-informazzjoni amministrattiva dwar il-kumpaniji tad-djar u s-sistema ta' informazzjoni dwar il-proprjetà residenzjali u kummerċjali tippermetti l-aċċess għall-informazzjoni amministrattiva tal-kumpaniji tad-djar f'format strutturat li jinqara mill-magni. |
| 71 | P2C2R2 - It-tisħiħ tal-effettività u t-trasparenza tar-riformi u l-investimenti tal-RRP permezz tal-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni, amministrazzjoni u awditjar | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-implimentazzjoni tal-RRP | Dispożizzjoni fil-Liġi dwar l-implimentazzjoni tal-RRP li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha | | | | Q4 | 2021 | Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-implimentazzjoni tal-RRP. Il-Liġi għandha tistabbilixxi l-mandati legali għall-korpi involuti fil-koordinazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditjar tal-implimentazzjoni tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza.<br><br>Il-liġi għandha mill-inqas tistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' dawk il-korpi li jiżguraw: (a) il-ġbir u l-affidabbiltà tad-*data* marbuta mal-kisba tal-istadji importanti u l-miri u l-monitoraġġ tagħha; (b) li jkun hemm fis-seħħ proċeduri għat-tfassil ta' dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni, sommarji tal-awditjar u talbiet għal pagament; (c) li l-prinċipji meħtieġa li fuqhom huma bbażati l-ġbir u l-ħżin tad-*data* dwar il-benefiċjarji, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma fis-seħħ.<br><br>Il-liġi għandha tidħol fis-seħħ qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. |
| 72 | P2C2R2 - It-tisħiħ tal-effettività u t-trasparenza tar-riformi u l-investimenti tal-RRP permezz tal-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni, amministrazzjoni u awditjar | Stadju importanti | Sistema ta' repożitorju għall-Awditjar u l-Kontrolli: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF | Rapport tal-awditjar imħejji mill-funzjoni tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema ta' repożitorju | | | | Q4 | 2021 | Għandha tkun stabbilita u operattiva sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-faċilità tal-irkupru u tar-reżiljenza qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament.<br><br>Is-sistema għandha tkun ibbażata fuq sistemi eżistenti u tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin:<br>(a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri;<br>(b) tiġbor, taħżen u tiżgura l-aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d) (i) sa (iii) tar-Regolament RRF. |
| 72bis | P2C2R2: It-tisħiħ tal-effettività u t-trasparenza tar-riformi u l-investimenti tal-RRP permezz tal-iżvilupp ta' | Stadju importanti | Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministeru tal-Finanzi dwar il-ġestjoni tar-riskju | Dispożizzjonijiet fid-digriet dwar il-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli li jindikaw id-dħul | | | | Q1 | 2024 | Id-digriet tal-Ministeru tal-Finanzi dwar il-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali għall-RRF għandu jidħol fis-seħħ. Id-digriet għandu jkun vinkolanti għall-korpi ta' implimentazzjoni kollha u jipprovdi |

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | sistemi ta' informazzjoni, amministrazzjoni u awditjar | | u l-kontrolli biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali u l-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida tal-korp ta' koordinazzjoni għall-korpi ta' implimentazzjoni tal-RRF. | fis-seħħ tiegħu u l-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida tal-korp ta' koordinazzjoni | | | | | | standard minimu, rispettivament, għall-attivitajiet ta' ġestjoni u kontroll tar-riskju mwettqa mill-korpi ta' implimentazzjoni taħt l-RRF.<br><br>Il-korp ta' koordinazzjoni għandu joħroġ ukoll linji gwida dwar proċeduri adegwati ta' ġestjoni tar-riskju biex jappoġġa l-RRF, li għandhom jinkludu (i) il-valutazzjoni tar-riskji, il-fatturi u l-prattiki ewlenin tal-frodi, il-kunflitt ta' interess u l-korruzzjoni u l-iżgurar tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-frodi u l-korruzzjoni; (II) il-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju ta' frodi, li għandu jikkonforma mal-għodda annessa man-Nota ta' Gwida dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju ta' Frodi u Miżuri Effettivi u Proporzjonati Kontra l-Frodi għall-FSIE 2014–2020, għall-miżuri RRF rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, il-linji gwida għandhom jinkludu proċeduri adegwati dwar a) il-verifika tal-kunflitt ta' interessi; b) verifiki ta' finanzjament doppju; c) verifiki tal-konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali; u d) l-użu tad-*data* għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju. |

## H. KOMPONENT P2C3: IS-SIGURTÀ DIĠITALI

Dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jgħin fil-ħolqien ta' qafas komprensiv għall-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' ċibersigurtà u ta' sigurtà tal-informazzjoni, li huwa prerekwiżit għal tranżizzjoni diġitali ta' suċċess. Permezz ta' programm ta' żvilupp taċ-ċibersigurtà, il-Finlandja għandha tinvesti fil-ħiliet taċ-ċibersigurtà ċivili. Il-Finlandja għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ mill-ġdid il-miżuri kontra l-ħasil tal-flus billi toħloq sistema diġitali li tiżgura skambju aħjar ta' informazzjoni bejn l-atturi differenti involuti f'kompiti kontra l-ħasil tal-flus, kemm nazzjonalment kif ukoll internazzjonalment, flimkien mal-emendi leġiżlattivi meħtieġa.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 2020 dwar l-iżgurar ta' superviżjoni u infurzar effettivi tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus kif ukoll għar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020 dwar l-iffukar tal-investimenti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari r-riċerka u l-innovazzjoni.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P2C3R1): L-iżgurar ta' superviżjoni u infurzar effettivi tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus

Ir-riforma għandha tiffaċilita l-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-ħasil tal-flus, inkluż permezz tal-awtomazzjoni tal-ipproċessar u l-analiżi tad-data. Hija għandha tipprovdi appoġġ biex jittejjeb l-ipproċessar tad-*data* fi ħdan l-awtorità superviżorja kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni fost awtoritajiet differenti, u biex tiġi implimentata superviżjoni aktar effettiva bbażata fuq ir-riskju tal-miżuri kontra l-ħasil tal-flus. Is-sistema ta' kontroll tal-kontijiet bankarji u ta' pagament għandha tiġi emendata biex tiżdied l-effiċjenza tal-prevenzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-puntwalità, il-kopertura u l-preċiżjoni tar-reġistru tas-sidien benefiċjarji għandhom jittejbu.

Il-bidliet leġiżlattivi għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2025 u l-għodod diġitali tal-awtoritajiet u l-atturi tas-settur privat li jaħdmu fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus għandhom ikunu operattivi sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 1 (P2C3I1): Ħiliet ċivili taċ-ċibersigurtà

L-objettiv tal-investiment huwa li jiżdiedu l-ħiliet bażiċi taċ-ċibersigurtà tal-popolazzjoni ġenerali biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw is-servizzi diġitali b'mod sikur u jiġu identifikati r-riskji assoċjati mal-użu ta' apparati, prodotti u servizzi differenti.

L-ewwel nett, l-investiment għandu jiffinanzja proġett ta' riċerka biex jiġbor u jiġbor fil-qosor l-informazzjoni mill-Istati Membri kollha tal-UE dwar kif kull pajjiż iħarreġ liċ-ċittadini fiċ-ċibersigurtà bażika. It-tieni, l-informazzjoni għandha tintuża biex toħloq mudell u pjattaforma komuni Ewropej għat-tagħlim u l-iżvilupp tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà, appoġġati minn dan l-investiment. Fit-tielet stadju, il-pjattaforma għandha tkun disponibbli għall-Ewropej kollha f'lingwi differenti.

Il-proġett għandu jiġi implimentat minn konsorzju ta' riċerka li jiġbor flimkien l-universitajiet ewlenin Finlandiżi tar-riċerka fiċ-ċibersigurtà taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 2 (P2C3I2): Eżerċizzji taċ-ċibersigurtà

L-għan ta' dan l-investiment huwa li jipprovdi eżerċizzji taċ-ċibersigurtà, biex jiżviluppa r-reżiljenza u t-tħejjija tas-soċjetà għal inċidenti taċ-ċibersigurtà. L-eżerċizzji għandhom rwol ewlieni fil-prevenzjoni, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni ta' attakki ċibernetiċi. L-eżerċizzji jippermettu l-prattika u l-iżvilupp tat-trattament ta' attakki ċibernetiċi f'ambjent sigur. L-eżerċizzju għandu jiġi pprovdut minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja lill-persunal tal-amministrazzjoni pubblika kkonċernata. Mill-inqas 2 000 uffiċjal pubbliku għandhom jitħarrġu matul 19-il eżerċizzju.

It-taħriġ għandu jiġi implimentat minn Università tax-Xjenza Applikata li tlaqqa' flimkien l-uffiċjali pubbliċi ewlenin taċ-ċibersigurtà tal-Finlandja taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 73 | P2C3R1 - L-iżgurar ta' superviżjoni u infurzar effettivi tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar ir-Reġistrazzjoni Kummerċjali u l-Att dwar is-Sistema ta' Kontroll tal-Kontijiet Bankarji u ta' Pagament | Dispożizzjonijiet fl-emendi għall-Att dwar ir-Reġistrazzjoni Kummerċjali u l-Att dwar is-Sistema ta' Kontroll tal-Kontijiet Bankarji u ta' Pagament, li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom | | | | Q4 | 2025 | Sabiex l-investimenti jkunu jistgħu jiżguraw kontroll u infurzar effettivi kontra l-ħasil tal-flus, l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni Kummerċjali u l-Att dwar is-Sistema ta' Kontroll tal-Kontijiet ta' Pagament Bankarju għandhom jiġu emendati. B'mod partikolari, l-emendi għandhom jinkludu:<br><br>Att dwar ir-Reġistru Kummerċjali (129/1979):<br>- Il-possibbiltà li jiġu infurzati sanzjonijiet biex tiġi żgurata l-wasla, il-preċiżjoni u l-puntwalità tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja<br>- Obbligu li kull sena jiġi ddikjarat lill-Uffiċċju tal-Privattivi u r-Reġistrazzjoni li ma hemm l-ebda bidla fl-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja pprovduta<br><br>L-att dwar is-Sistema ta' Kontroll tal-Kontijiet Bankarji u tal-Pagamenti (571/2019)<br>- Applikazzjoni ta' kompożizzjoni: fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom, l-Aġenziji tal-Infurzar tal-Liġi jistgħu jagħmlu talbiet billi jużaw applikazzjoni komposta implimentata mid-Dwana u jieħdu vantaġġ mill-integrazzjonijiet implimentati mid-Dwana.<br>- *Data* dwar it-tranżazzjonijiet: l-aċċess għal informazzjoni dwar tranżazzjoni ta' kont ikun mal-awtoritajiet kompetenti biex jiksbu tali informazzjoni skont il-liġi applikabbli, jiġifieri l-bidla fl-iżvelar tkun biss kwistjoni tat-teknoloġija li biha tiġi żvelata l-informazzjoni u mhux żieda mas-setgħat ta' ġurisdizzjoni eżistenti. |
| 74 | P2C3R1 - L-iżgurar ta' superviżjoni u infurzar effettivi tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus | Mira | Żieda fil-grad ta' awtomatizzazzjoni fl-ipproċessar u l-iskambju tad-*data* bejn l-awtoritajiet | | % (Persentaġġ) | 0 | 25 | Q2 | 2026 | L-investimenti għandhom isiru bil-għan li jiżdied l-ipproċessar awtomatizzat tad-*data*. L-investimenti fl-infrastruttura diġitali għandhom jirriżultaw fi: (i) applikazzjoni aggregata u ż-żieda ta' informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet tal-kont mal-bank u s-sistema ta' kontroll tal-kont tal-pagamenti, (ii) it-titjib tal-puntwalità, il-kompletezza u l-preċiżjoni tar-reġistru tas-sidien benefiċjarji, (iii) l-għodod diġitali għall-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali tal-ħasil tal-flus/tal-finanzjament tat-terroriżmu, iv) l-uffiċċju ta' kontroll mill-Awtorità Superviżorja Finanzjarja, (v) id-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' approvazzjoni tal-ħasil tal-flus mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja. |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | | | | | | | | Il-livell ta' trażmissjoni, riċeviment u pproċessar awtomatizzat ta' data mill-awtoritajiet kompetenti għandu jilħaq 25 % sal-30 ta' Ġunju 2026, meta mqabbel mal-ebda awtomatizzazzjoni fil-mument tal-bidu tal-proġett. *Data* pproċessata koperta:<br>- informazzjoni dwar il-kont tal-bank<br>- informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja<br>- fluss ta' informazzjoni u l-ipproċessar tal-informazzjoni relatata mal-aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali.<br><br>Il-proċessi operattivi għandhom ikopru mill-inqas:<br>- disponibbiltà, ipproċessar u analiżi mtejba tad-*data*<br>- titjib fl-iskambju ta' informazzjoni, l-użu ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti bl-użu ta' metodi li jippermettu l-ipproċessar ta' ammont dejjem akbar ta' *data*. |
| 75 | P2C3I1 – Ħiliet ċivili taċ-ċibersigurtà | Stadju importanti | L-iżvilupp ta' pjattaforma diġitali għat-taħriġ fiċ-ċibersigurtà ċivili | Pjattaforma tat-taħriġ żviluppata u disponibbli għall-pubbliku | | | | Q4 | 2024 | Dan għandu jinkludi (1) id-definizzjoni tar-rekwiżiti għall-għarfien u l-ħiliet bażiċi meħtieġa taċ-ċibersigurtà, kif ukoll għat-tagħlim tagħhom u (2) il-ħolqien ta' pjattaforma ta' taħriġ diġitali, disponibbli pubblikament fil-lingwi kollha tal-UE, abbażi tar-rekwiżiti identifikati. |
| 76 | P2C3I2 – Eżerċizzji taċ-ċibersigurtà | Mira | L-għadd ta' uffiċjali li rċevew taħriġ fiċ-ċibersigurtà | | Għadd | 0 | 2 000 | Q4 | 2025 | Fl-2021 għandhom jiġu organizzati tliet eżerċizzji tekniċi ta' taħriġ fiċ-ċibersigurtà. Fl-istess ħin, l-ambjent tat-taħriġ tekniku għandu jiġi żviluppat bl-għajnuna tal-grupp ta' tmexxija biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri. Bejn l-2022 u l-2025 għandu jkun hemm mill-inqas erba' eżerċizzji fis-sena. B'kollox, mill-inqas 2 000 uffiċjal għandhom jitħarrġu. |

## PILASTRU 3: Żieda fir-rata tal-impjiegi u fil-livell tal-ħiliet biex tingħata spinta lit-tkabbir sostenibbli

## I. KOMPONENT P3C1: L-IMPJIEGI U S-SWIEQ TAX-XOGĦOL

Dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi relatati mal-impjiegi u mas-suq tax-xogħol. Il-forza tax-xogħol tal-Finlandja qed tonqos, u dan qed jaffettwa l-potenzjal ta' tkabbir tal-pajjiż, filwaqt li l-qgħad strutturali għoli meta mqabbel ma' pajjiżi Nordiċi oħra għadu jippersisti, aggravat mill-kriżi tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa.

L-objettiv tal-komponent huwa li jgħolli r-rata tal-impjiegi u jsaħħaħ il-funzjonament tas-suq tax-xogħol. Dan għandu jsir permezz ta' riforma strutturali u diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi ("Mudell Nordiku tal-Impjiegi"). L-impjiegi għandhom jitrawmu wkoll bl-eliminazzjoni gradwali tal-benefiċċju tal-qgħad estiż għal persuni akbar fl-età qabel l-età statutorja tal-irtirar, l-hekk imsejħa "mina tal-qgħad". It-tielet element biex jiżdied l-impjieg huwa billi tiġi ffaċilitata l-immigrazzjoni bbażata fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni. Fl-aħħar nett, il-promozzjoni tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ u l-persuni b'kapaċità parzjali ta' xogħol huma wkoll l-interventi proposti.

L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri hija mistennija li tikkontribwixxi għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż li jindirizzaw it-titjib tal-inċentivi biex jiġi aċċettat ix-xogħol u jittejbu l-ħiliet u l-inklużjoni attiva, b'mod partikolari permezz ta' servizzi integrati sew għall-persuni qiegħda u dawk inattivi (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019), kif ukoll it-tisħiħ ta' miżuri li jappoġġaw l-impjiegi u jsaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020). Il-komponent huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għall-prinċipji rilevanti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P3C1R1): Il-Mudell Nordiku tas-Servizzi tal-Impjiegi

L-għan tal-miżura huwa li tirriforma l-proċess tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi.

Ir-riforma tikkonsisti fi tranżizzjoni lejn mudell Nordiku ġdid ta' servizzi tal-impjiegi, li għandu jtejjeb il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol billi jtejjeb is-servizzi personalizzati u integrati għal dawk li qed ifittxu impjieg. Il-mudell għandu jinkludi wkoll obbligu ta' tiftix attiv għal dawk li qed ifittxu impjieg. L-applikazzjoni tal-mudell il-ġdid hija mistennija li tikkontribwixxi għall-impjieg ta' madwar 10 000 persuna.

Dan għandu jiġi kkomplementat bl-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni diġitali, li tinkludi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

i) sistema ta' produzzjoni għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti;

ii) sistema ta' prenotazzjoni tal-appuntamenti;

iii) għodda ta' rappurtar awtomatiku ("Servizz ta' Messaġġ");

iv) servizz ta' gwida online.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma 2 (P3C1R2): Tneħħija ta' jiem addizzjonali ta' benefiċċju tal-qgħad

L-għan tar-riforma huwa li trawwem l-impjiegi billi tneħħi d-diżinċentivi għax-xogħol għall-anzjani u tnaqqas l-immirar tas-sensji fuq impjegati akbar fl-età. Il-ħtieġa li tiġi introdotta tali riforma

tirriżulta mill-fatt li d-dritt għal jiem addizzjonali ta' benefiċċji tal-qgħad relatati mal-qligħ jirriżulta fl-estensjoni tal-perjodi ta' qgħad fost l-anzjani li joqorbu l-età statutorja tal-irtirar tagħhom.

Il-miżura tikkonsisti f'li jiġi emendat l-Att dwar is-Sigurtà tal-Qgħad sabiex jitneħħa gradwalment il-limitu tal-età għal jiem addizzjonali ta' benefiċċji tal-qgħad relatati mal-qligħ. L-impatt mistenni huwa żieda fl-impjiegi ta' madwar 7 900 ħaddiem sa tmiem l-2029, jiġifieri lil hinn mill-qafas ta' żmien tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma 3 (P3C1R3): Simplifikazzjoni tal-proċess ta' immigrazzjoni bbażat fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni

L-għan tar-riforma huwa li tattira talent internazzjonali billi tissimplifika l-proċeduri amministrattivi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza bbażati fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni. L-objettiv tar-riforma huwa li tiżdied l-immigrazzjoni bbażata fuq ix-xogħol u dik ibbażata fuq l-edukazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa u li jittejbu l-opportunitajiet għall-istudenti universitarji internazzjonali biex isibu impjieg fil-Finlandja. B'dan il-mod, ir-riforma għandha l-għan ukoll li tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi speċifiċi u li tipprovdi esperti, studenti u riċerkaturi għal attivitajiet ta' riċerka fis-setturi ewlenin u ta' tkabbir.

Ir-riforma hija proġett transamministrattiv estensiv dwar it-titjib tal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni (emendi għall-Kapitolu 5 tal-Att dwar il-Barranin 301/2004) u t-tħaffif tal-proċessi tal-permessi ta' residenza, li huma fattur ewlieni tal-attrazzjoni tat-talenti. Flimkien ma' tnaqqis fl-għadd medju ta' jiem meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal permess ta' residenza abbażi tal-impjieg u t-taħriġ, għandha tinħoloq korsija "rapida" għall-ispeċjalisti, l-intraprendituri tat-tkabbir u l-membri tal-familja tagħhom.

Ir-riforma leġiżlattiva hija appoġġjata mill-iżvilupp ta' infrastruttura diġitali biex tiżgura li s-sistemi ta' dħul/għoti ta' permessi u sistemi oħra ta' informazzjoni jkunu lesti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-immigrazzjoni bbażata fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni. L-infrastruttura diġitali għandha tinkludi l-oqsma ta' żvilupp li ġejjin:

i) strutturi u funzjonalitajiet diġitali ġodda;

ii) l-integrazzjoni tas-sistema u l-interfaċċi għat-trasferiment tad-*data*;

iii) l-iżvilupp tas-sistema relatat mar-reġistrazzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet;

iv) l-implimentazzjoni tal- "Fast Track";

v) kapaċitajiet ta' ġestjoni intersettorjali bbażati fuq l-għarfien;

vi) linji gwida, komunikazzjonijiet u kummerċjalizzazzjoni tal-klijenti li jappoġġaw il-proċess riformat;

vii) titjib fl-użu u l-kapaċitajiet meħtieġa mir-riforma, tħejjija għall-iskjerament u aktar awtomatizzazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma 4 (P3C1R4): It-tisħiħ tas-servizzi multidixxiplinari għaż-żgħażagħ (servizzi Ohjaamo)

L-objettiv tar-riforma huwa li ssaħħaħ il-karattru multidixxiplinari ta' ċentri taż-żgħażagħ one-stop-shop (Ohjaamo), u b'mod speċjali tindirizza l-ħtiġijiet tan-NEETs (żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ) sabiex itejbu l-prospetti ta' impjieg tagħhom. Dan għandu jinkiseb permezz ta' inċentiv temporanju għall-muniċipalitajiet biex jattiraw jew jaġġustaw ir-riżorsi għas-servizzi ta' Ohjaamo, u b'hekk itejbu r-rispons għall-ħtiġijiet taż-żgħażagħ, billi joffru servizzi edukattivi, tas-saħħa u/jew soċjali integrati fil-portafolli tas-servizzi eżistenti. Fil-fatt, is-servizzi Ohjaamo jikkostitwixxu assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet, u l-maġġoranza tal-esperti li jaħdmu fiha jibqgħu detenturi ta' karigi fl-organizzazzjonijiet tagħhom stess. Meta muniċipalità tagħmel

impjegat disponibbli għas-servizzi ta' Ohjaamo, il-muniċipalità tista' tapplika għal finanzjament għall-ispejjeż tal-persunal ta' espert addizzjonali li għandu jkun temporanju u jiżgura, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ, ir-riforma tal-kultura tax-xogħol u l-prattiki operattivi tas-servizzi. Dan il-mudell ta' inċentiv huwa mistenni li jwassal għal integrazzjoni aktar effettiva tal-għarfien espert tas-saħħa, tar-ramel soċjali/jew tal-edukazzjoni fil-punti ta' servizz ta' Ohjaamo. Il-finanzjament tal-istrument jgħaddi miċ-Ċentru għall-Iżvilupp u l-Amministrazzjoni għall-Impjiegi u l-Iżvilupp Ekonomiku (Ċentru KEHA).

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 1 (P3C1I1): L-iżvilupp tal-kapaċità għax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol

L-objettiv tal-investiment huwa li jgħolli r-rata tal-impjiegi billi jżid il-parteċipazzjoni tal-persuni b'kapaċità parzjali għax-xogħol, inklużi persuni b'diżabbiltà, fis-suq tax-xogħol u li jżid ir-rata tal-impjiegi billi jtejjeb is-saħħa mentali u l-kapaċità għax-xogħol, bil-għan li jiġu estiżi l-karrieri tax-xogħol.

L-investiment għandu jikkonsisti mill-interventi li ġejjin:

i) It-twaqqif ta'operatur ġdid intermedjarju tas-suq tax-xogħol biex jippromwovi l-adattament u l-kollokament ta' persuni li għandhom riskju sinifikanti li jiġu esklużi b'mod permanenti mis-suq tax-xogħol;

ii) L-indirizzar ta' nuqqasijiet fis-servizz għal persuni b'kapaċità parzjali għax-xogħol u li jbatu minn disturbi tas-saħħa mentali: dan għandu jsir permezz ta' taħriġ u billi l-Programm ta' Abbiltà ta' Ħidma eżistenti jiġi estiż għal ħames muniċipalitajiet oħra jew awtoritajiet muniċipali konġunti u billi l-Mudell eżistenti ta' Tqegħid u Appoġġ Individwali (IPS) jiġi estiż għal sitt oqsma oħra ta' protezzjoni soċjali.

iii) L-għoti ta' appoġġ preventiv għall-kapaċità għax-xogħol permezz ta' miżuri ta' saħħa fiżika u mentali għall-individwi u l-postijiet tax-xogħol. Fil-fatt, ħafna postijiet tax-xogħol huma meħtieġa jaġixxu malajr, billi juru nuqqas ta' miżuri organizzattivi, kooperazzjoni ineffettiva, responsabbiltajiet mhux ċari f'miżuri ta' appoġġ għall-kapaċità għax-xogħol, li jirriżultaw f'inqas ħajjiet tax-xogħol. Għandha tiġi stabbilita dar ta' kapaċità għax-xogħol virtwali biex tiffaċilita t-tiftix ta' informazzjoni relatata mal-kapaċità għax-xogħol ta' appoġġ.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 77 | P3C1R1- Impjiegi u suq tax-xogħol – Mudell Nordiku tas-servizzi tal-impjiegi | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar ix-Xogħol Pubbliku u s-Servizzi tan-Negozju li tirregola l-Mudell Nordiku tas-Servizz tal-Impjiegi għall-proċess ta' servizz ta' min qed ifittex impjieg | Dispożizzjonijiet fl-Att dwar l-Impjiegi Pubbliċi u s-Servizz tan-Negozju, li jindikaw id-dħul fis-seħħ tiegħu | | | | Q2 | 2022 | Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar ix-Xogħol Pubbliku u s-Servizzi tan-Negozju li tirregola l-Mudell Nordiku tas-Servizz tal-Impjiegi għall-proċess ta' servizz ta' min qed ifittex impjieg. |
| 78 | P3C1R1- Impjiegi u suq tax-xogħol – Mudell Nordiku tas-servizzi tal-impjiegi | Mira | Żieda fl-għadd annwali ta' intervisti għat-tiftix ta' impjieg imwettqa f'konformità mal-Mudell Nordiku tas-servizzi tal-impjiegi | | Għadd | 100 0000 | 2 000 000 | Q4 | 2023 | L-għadd annwali ta' intervisti għal tfittix tax-xogħol għandu jkun mill-inqas 2 000 000 (meta mqabbel ma' 1 000 000 intervista mwettqa fl-2019). Il-mudell Nordiku tas-servizzi tal-impjiegi jinkludi tliet tipi ta' intervisti: intervisti inizjali ta' min qed ifittex impjieg, diskussjonijiet dwar it-tfittxija ta' impjieg u diskussjonijiet supplimentari dwar it-tiftix ta' impjieg. L-organizzazzjoni ta' tipi differenti ta' intervisti personali għandha tkun immonitorjata bl-użu tas-sistemi ta' informazzjoni għall-klijenti tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. |
| 79 | P3C1R1- Impjiegi u suq tax-xogħol – Mudell Nordiku tas-servizzi tal-impjiegi | Stadju importanti | Il-ħames funzjonalitajiet diġitali kollha meħtieġa mill-mudell tas-servizz tal-impjieg Nordiku huma integrati fis-sistema ta' informazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (TE-PES) u huma operattivi | Funzjonalitajiet diġitali integrati fis-sistema ta' informazzjoni u operattiva tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (TE-PES) | | | | Q4 | 2023 | Il-ħames funzjonalitajiet kollha tal-infrastruttura diġitali għandhom jiġu żviluppati u integrati fis-sistema ta' informazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (TE-PES) u għandhom ikunu kompletament operattivi biex jippermettu l-implimentazzjoni tal-mudell tas-servizz tal-impjiegi Nordiku. Il-ħames funzjonalitajiet ikkonċernati huma:<br>- l-espansjoni tal-għodod ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet tas-servizzi tal-klijenti;<br>- l-ikkomplementar tal-profil awtomatiku tat-tfittxija għal impjieg;<br>- sistema ta' awtorappurtar għat-tiftix ta' impjieg għal dawk li qed ifittxu impjieg;<br>- sistema elettronika ta' appuntamenti għal intervisti għat-tiftix ta' impjieg;<br>- gwida online għall-klijenti. |

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 80 | P3C1R2 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Tneħħija ta' jiem addizzjonali ta' benefiċċju tal-qgħad | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar is-Sigurtà għall-Qgħad rigward it-tneħħija gradwali ta' jiem addizzjonali ta' sigurtà tal-qgħad | Dispożizzjonijiet fl-emendi għall-Att dwar is-Sigurtà għall-Qgħad, li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom | | | | Q2 | 2023 | Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar is-Sigurtà għall-Qgħad. L-emendi leġiżlattivi għandhom jinkludu t-tneħħija gradwali ta' jiem addizzjonali ta' sigurtà tal-qgħad sabiex l-età minima ta' ġranet addizzjonali tiżdied b'sena/grupp ta' età mit-twelid mill-1963 'il quddiem u l-possibbiltà ta' jum addizzjonali għandha titneħħa kompletament għal dawk li twieldu fl-1965 u wara. |
| 81 | P3C1R3 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Semplifikazzjoni tal-proċess ta' immigrazzjoni bbażat fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att relatati mal-istudenti, ir-riċerkaturi u t-trainees (719/2018) | Dispożizzjonijiet fl-emendi għall-Att 719/2018 relatati mal-istudenti, ir-riċerkaturi u t-trainees), li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom | | | | Q2 | 2022 | Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att relatati mal-istudenti, ir-riċerkaturi u t-trainees (719/2018).<br>It-trażmissjonijiet għandhom jinkludu tal-inqas l-affarijiet li ġejjin:<br>- tibdil tat-tip ta' permess ta' residenza għal studji ta' edukazzjoni ogħla li jwassal għal lawrja minn temporanja (B) għal kontinwa (A). Dan għandu jirriżulta fil-possibbiltà li permess ta' residenza permanenti jingħata aktar malajr;<br>- l-estensjoni tat-tul ta' żmien ta' permess ta' residenza bbażat fuq studji minn sena biex ikopri t-tul kollu tal-istudji meta dawn l-istudji jwasslu għal lawrja;<br>- iċ-ċentralizzazzjoni u l-kjarifika tar-regolament relatat mad-dritt għax-xogħol. |
| 82 | P3C1R3 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Semplifikazzjoni tal-proċess ta' immigrazzjoni bbażat fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi għall-Att dwar il-Barranin (301/2004) | Dispożizzjonijiet fl-emendi għall-Att dwar il-Barranin, li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom | | | | Q2 | 2023 | L-Att dwar il-Barranin (301/2004) għandu jiġi emendat bil-għan li jiġu ssimplifikati l-proċessi tal-permessi għall-immigrazzjoni bbażata fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni. L-emendi leġiżlattivi għandhom jinkludu:<br>- l-irfinar tar-responsabbiltajiet tal-impjegatur u tal-applikant fil-proċess tal-applikazzjoni<br>- differenzjazzjoni tal-permess ta' residenza tal-ispeċjalista fil-kategorija tiegħu stess b'kundizzjonijiet riveduti għall-għoti tal-permess<br>- bidliet fir-regolamenti li jirregolaw l-attivitajiet tal-missjonijiet diplomatiċi Finlandiżi barra mill-pajjiż u<br>- kundizzjonijiet riveduti għall-ħruġ ta' permessi ta' residenza. |

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 83 | P3C1R3 - Impjiegi u suq tax-xogħol - Semplifikazzjoni tal-proċess ta' immigrazzjoni bbażat fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni | Mira | Tnaqqis fl-għadd ta' jiem meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza li huma parti minn pass mgħaġġel għal speċjalisti u imprendituri tat-tkabbir | | Għadd | 34,6 | 14 | Q4 | 2022 | Għandha tinħoloq proċedura rapida għall-ipproċessar tal-permessi ta' residenza għall-ispeċjalisti (li jaħdmu fil-maniġment medju jew superjuri ta' kumpanija jew f'impjiegi li jeħtieġu għarfien espert speċjali), imprendituri tat-tkabbir u l-membri tal-familja tagħhom, li fihom il-grupp fil-mira li jagħżel it-trajettorja rapida jingħata rahan ta' servizz li jinkludi żmien tal-ipproċessar ta' 14-il jum (meta mqabbel ma' 34.6 jum, it-tul medju tal-proċess tal-permess ta' residenza għall-ispeċjalisti (inklużi l-ispeċjalisti tal-Karta Blu tal-UE), l-intraprendituri tat-tkabbir u l-membri tal-familja li jakkumpanjawhom matul il-perjodu 2018-2020, ponderat bin-numru ta' permessi). Il-pleġġ ta' "fast track-service" japplika għall-applikazzjonijiet elettroniċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti għall-proċess mgħaġġel.<br><br>Id-definizzjoni ta' imprenditur tat-tkabbir u ta' speċjalista u l-kriterji biex jingħataw permess ta' residenza huma dawk stabbiliti fl-Att dwar il-Barranin (301/2004). |
| 84 | P3C1R3 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Semplifikazzjoni tal-proċess ta' immigrazzjoni bbażat fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni | Mira | Tnaqqis fl-għadd medju ta' jiem meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza abbażi ta' impjieg u taħriġ | | Għadd | 65,2 | 30 | Q4 | 2024 | Iż-żmien tal-ipproċessar għall-għoti ta' permessi ta' residenza bbażati fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni għandu jitqassar għal medja ta' 30 jum. Il-mira tapplika għall-applikazzjonijiet elettroniċi għal permessi ta' residenza għal permessi mogħtija. Il-linja bażi tirrifletti d-durata medja ponderata tal-2018-2020 tal-permessi tax-xogħol u tal-istudju mogħtija. |
| 85 | P3C1R4 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Tisħiħ tas-servizzi multidixxiplinari għaż-żgħażagħ (servizzi Ohjaamo) | Mira | Għadd ta' riżorsi esperti ffinanzjati għall-forniment ta' servizzi tas-saħħa, soċjali u/jew edukattivi integrati fiċ-ċentri ta' gwida uniċi ta' Ohjaamo | | Għadd ta' ekwivalenti għal fulltime | 0 | 100 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 100 riżorsi esperti (ekwivalenti full-time) iffinanzjati mill-Faċilità għall-forniment ta' servizzi integrati tas-saħħa, soċjali u/jew tal-edukazzjoni fiċ-ċentri ta' gwida uniċi ta' Ohjaamo. Il-kisba tal-mira għandha tiġi mmonitorjata u mkejla permezz ta' deċiżjonijiet ta' finanzjament mill-awtorità kontraenti (il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi). |
| 86 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-operatur | Dispożizzjonijiet fl-Att dwar l- | | | | Q2 | 2022 | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-operatur ġdid intermedjarju tas-suq tax-xogħol ibbażat fuq kumpanija tal-Istat. L-att |

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | | ġdid intermedjarju tas-suq tax-xogħol bbażat fuq kumpanija tal-Istat | operatur ġdid intermedjarju tas-suq tax-xogħol bbażat fuq kumpanija tal-Istat, li jindika d-dħul fis-seħħ tiegħu | | | | | | għandu jiddefinixxi mill-inqas il-kumpanija ta' assenjazzjoni speċjali, l-għan u l-kompiti tagħha, il-grupp fil-mira, l-organizzazzjoni, il-finanzjament, u r-relazzjoni ma' attivitajiet oħra ta' impjieg. L-att huwa prerekwiżit għall-allokazzjoni ta' finanzjament fil-baġit nazzjonali bħala kumpens għat-twettiq tas-servizz tiegħu bħala Servizz ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI). |
| 87 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | Mira | L-għadd ta' persuni b'diżabbiltà impjegati mill-operatur intermedjarju tas-suq tax-xogħol fil-31 ta' Diċembru 2023 | | Għadd | 0 | 170 | Q4 | 2023 | Mill-inqas 170 persuna b'diżabbiltà għandhom jiġu impjegati mill-operatur ġdid intermedjarju tas-suq tax-xogħol innifsu fil-31 ta' Diċembru 2023. |
| 88 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | Mira | L-għadd ta' persuni b'diżabbiltà impjegati mill-operatur intermedjarju tas-suq tax-xogħol fil-31 ta' Diċembru 2025 | | Għadd | 170 | 650 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 650 persuna b'diżabbiltà għandhom jiġu impjegati mill-operatur intermedjarju tas-suq tax-xogħol innifsu sal-31 ta' Diċembru 2025. |
| 89 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | Mira | L-estensjoni tal-Programm ta' Kapaċità għax-Xogħol u l-mudell IPS (Individual Placement and Support) għal 11-il qasam ġdid | | Għadd | 0 | 11 | Q4 | 2024 | Il-Programm ta' Kapaċità għax-Xogħol għandu jiġi estiż għaż-żoni ta' ħames muniċipalitajiet ġodda jew awtoritajiet muniċipali konġunti, u l-mudell IPS għandu jiġi estiż għal sitt oqsma ġodda ta' protezzjoni soċjali. |
| 90 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | Mira | L-għadd ta' postijiet tax-xogħol u unitajiet tal-kura tas-saħħa okkupazzjonali li jipparteċipaw | | Għadd | 0 | 1 000 | Q4 | 2024 | Bħala espansjoni tal-Programm eżistenti għas-Saħħa Mentali fuq il-Post tax-Xogħol, mill-inqas 1 000 post tax-xogħol u unitajiet tal-kura tas-saħħa okkupazzjonali għandhom jipparteċipaw f'miżuri ta' promozzjoni tas-saħħa mentali u tal-kapaċità għax-xogħol bħal taħriġ, ikkowċjar jew azzjonijiet oħra ta' żvilupp. It-tisħiħ tal- |

| Għadd | Miżura | Stadju important i / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta’ żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta’ kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | f’miżuri li jappoġġaw is-saħħa mentali u l-kapaċità għax-xogħol | | | | | | | kompetenza għandu jiġi vvalutat permezz tal-monitoraġġ tal-introduzzjoni ta’ metodi u l-parteċipazzjoni fit-taħriġ, l-ikkowċjar jew miżuri oħra ta’ żvilupp. |

## J. KOMPONENT P3C2: ŻIEDA FIL-LIVELL TA' KOMPETENZA U RIFORMA TAT-TAGĦLIM KONTINWU

Dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni, il-bidliet teknoloġiċi u demografiċi, li jaffettwaw l-ekonomija Finlandiża u jheddu l-livell tal-impjiegi. L-iżvilupp tal-ħiliet tal-persuni fl-età tax-xogħol (permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet), inklużi dawk b'ħiliet baxxi, f'oqsma rilevanti għas-suq tax-xogħol huwa essenzjali biex tissaħħaħ l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol f'ekonomija dejjem aktar diġitali u aktar ekoloġika.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-komponent huwa li jgħolli l-livell ta' kompetenzi tal-Finlandja u jagħmel is-sistema edukattiva aktar effettiva. Biex jintlaħaq dan l-għan, il-komponent jinkludi l-attivitajiet li ġejjin: (i) riforma tat-tagħlim kontinwu biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' kompetenza tal-futur; (ii) l-investiment fid-diġitalizzazzjoni tat-tagħlim kontinwu; (iii) żieda fl-għadd ta' postijiet tal-istudenti fl-edukazzjoni għolja; u (iv) l-investiment fid-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja f'Åland.

Il-komponent għandu jappoġġa tranżizzjonijiet bla xkiel bejn il-ħajja tax-xogħol u l-edukazzjoni. Għandu jikkontribwixxi wkoll biex itejjeb il-kundizzjonijiet għall-impjieg speċjalment fost il-gruppi sottorappreżentati u biex jippermetti lin-nies f'setturi ekonomiċi ewlenin biex iwettqu kompiti ġodda.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar it-titjib tal-inċentivi biex jiġi aċċettat ix-xogħol u jittejbu l-ħiliet u l-inklużjoni attiva, b'mod partikolari permezz ta' servizzi integrati sew għall-persuni qiegħda u dawk inattivi (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2019), kif ukoll dwar il-miżuri ta' tisħiħ biex jappoġġaw l-impjiegi u jsaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-Xogħol (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P3C2R1): Riforma tat-tagħlim kontinwu

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg ta' persuni fl-età tax-xogħol (inklużi dawk li jappartjenu għal gruppi sottorappreżentati) billi tiżviluppa l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom u tappoġġa l-potenzjal ta' tkabbir fit-tul tal-kumpaniji u l-vitalità tar-reġjuni. Ir-riforma għandha l-għan li żżid it-tqabbil bejn l-għoti ta' korsijiet edukattivi u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

Il-miżura tikkonsisti fl-interventi li ġejjin: (i) il-ħolqien ta' ċentru ta' servizzi għat-tagħlim kontinwu u l-impjiegi biex tiġi promossa l-implimentazzjoni tar-riforma; (ii) il-ħolqien ta' sistema għall-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet tax-xogħol u tal-kompetenza; (iii) it-twettiq ta' programmi ta' taħriġ li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, il-fehim ta' modi ġodda ta' ħidma, u l-kapaċità taċ-ċittadini li jimmaniġġjaw għodod diġitali ġodda, kif ukoll tranżizzjoni ġusta lejn soċjetà newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju; u (iv) it-twettiq ta' taħriġ imfassal apposta biex tittejjeb il-kwalità tas-servizzi, il-prattiki u l-għodod ta' gwida.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment 1 (P3C2I1): Programm ta' diġitalizzazzjoni għal tagħlim kontinwu

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jippermetti u jaċċellera t-trasformazzjoni tas-sistema tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet bejn il-fruntieri amministrattivi billi jwettaq programm estensiv ta' diġitalizzazzjoni biex jiġu żviluppati servizzi diġitali u riżorsi ta' informazzjoni li jappoġġaw it-tagħlim kontinwu. L-iżvilupp ta' servizzi diġitali eżistenti u ġodda għandu jżid il-

kapaċità tal-innovazzjoni tal-edukazzjoni għolja u jiffaċilita l-aċċess tal-persuni għal servizzi edukattivi diġitali.

Din il-miżura tikkonsisti f'żewġ elementi ta' riforma: (i) il-ħolqien ta' pakkett ta' servizzi diġitali għat-tagħlim kontinwu li jkopri s-sistema edukattiva kollha (minbarra l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal) u bejn il-fruntieri amministrattivi; u (ii) iż-żieda tad-diġitalizzazzjoni u t-tagħlim flessibbli tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. B'riżultat ta' dan, is-soluzzjonijiet diġitali l-ġodda għandhom jipprovdu servizzi, ktajjen ta' servizzi u pakketti ta' servizzi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-konsumaturi b'mod sinifikanti aħjar milli fil-preżent, inaqqsu x-xogħol doppju bejn atturi differenti, u jtejbu l-effiċjenza tar-riżorsi użati u l-metodi operattivi fil-fruntieri amministrattivi kollha.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

<u>Investiment 2 (P3C2I2): It-titjib tal-livell tal-edukazzjoni billi jiżdiedu l-postijiet tal-istudenti fl-edukazzjoni għolja</u>

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jgħolli l-livell tal-edukazzjoni billi jżid l-għadd ta' persuni b'lawrja ta' edukazzjoni għolja. Dan huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u jnaqqas l-effetti negattivi tal-pandemija tal-COVID-19 billi jaċċellera l-aċċess taż-żgħażagħ għall-edukazzjoni għolja.

Il-miżura tikkonsisti f'li jiżdied b'mill-inqas 600 in-numru ta' postijiet allokati għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li joffru studji ta' lawrja mmirati lejn setturi professjonali li qed jesperjenzaw nuqqas ta' ħaddiema. Dawn is-setturi jinkludu s-setturi soċjali u tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, it-teknoloġija u l-ICT. Is-setturi professjonali kollha magħżula għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-investiment għandu jkopri l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-istudenti lill-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja għat-tul kollu tal-istudji.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

<u>Investiment 3 (P3C2I3): Iż-żieda fil-livell ta' kompetenza u t-tiġdid tat-tagħlim kontinwu, id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni, Åland</u>

L-objettivi ta' dan l-investiment huma li tiżdied il-kwalità tal-ħiliet imwassla mis-sistema edukattiva, jissaħħu l-opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja, jiġu appoġġati l-ħolqien tal-impjiegi u l-intraprenditorija f'Åland.

Il-miżura tikkonsisti fi: (i) l-introduzzjoni ta' edukazzjoni diġitali ċċentrata fuq l-istudenti fl-istudji kollha tal-edukazzjoni għolja minn lawrji ta' baċellerat sa studji postgradwatorji (din hija mfassla biex tippermetti għadd dejjem akbar ta' studenti jipparteċipaw fl-edukazzjoni għolja irrispettivament mid-distanza fiżika jew sitwazzjonijiet differenti tal-ħajja, inkluż il-kombinazzjoni tax-xogħol u l-istudji); (ii) l-aġġornament u l-iżvilupp tas-sistema diġitali ta' gwida u ġestjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja sabiex tkun tista' tiġi integrata wkoll mal-bażijiet tad-*data* nazzjonali u mal-ekosistemi diġitali nazzjonali tat-tagħlim kontinwu (dan għandu l-għan li jiżgura kundizzjonijiet ugwali għall-istudju f'Åland meta mqabbla ma' istituzzjonijiet Finlandiżi oħra tal-edukazzjoni għolja); (iii il-ħolqien ta' żewġ programmi ġodda ta' baċellerat u masters fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-enerġija rinnovabbli (dan huwa mfassal biex irawwem ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-oqsma tas-suġġetti tal-istudji).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

## <u>J.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli</u>

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Ħin | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 91 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar iċ-Ċentru ta' Servizzi għat-Tagħlim Kontinwu u l-Impjiegi | Dispożizzjoni fl-Att dwar iċ-Ċentru ta' Servizzi għat-Tagħlim Kontinwu u l-Impjiegi li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu | | | | Q4 | 2021 | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar iċ-Ċentru ta' Servizzi Finlandiż għat-Tagħlim Kontinwu u l-Impjiegi. Fin-notifika għandha titniżżel l-informazjoni li ġejja: (i) l-organizzazzjoni u l-istruttura taċ-ċentru tas-servizzi; (ii) il-missjoni u l-objettivi; (iii) il-finanzjament tas-servizzi tal-edukazzjoni u l-ħiliet. L-għan tal-istabbiliment taċ-ċentru tas-servizzi huwa li jirriforma s-sistema tas-servizzi sabiex l-iżvilupp tal-ħiliet tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol ikun marbut aktar mill-qrib mal-ħtiġijiet tal-ħajja tax-xogħol u mal-iżvilupp u t-tiġdid tal-industriji reġjonali. Iċ-ċentru ta' servizzi għal tagħlim u impjiegi kontinwi għandu jitfassal biex jippromwovi l-iżvilupp ta' ħiliet fost il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u d-disponibbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. |
| 92 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Stadju importanti | Tlestija ta' mudell ta' tbassir fuq terminu medju għall-ħtiġijiet tax-xogħol u tal-kompetenzi | Il-mudell ta' tbassir fuq terminu medju huwa operattiv | | | | Q4 | 2023 | Għandha titlesta u tkun operattiva sistema ta' tbassir għall-ħtiġijiet tax-xogħol u tal-kompetenza. Il-mudell għandu jsaħħaħ il-kapaċità li jiġu antiċipati l-ħiliet meħtieġa mill-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Il-mudell għandu jinkludi t-tbassir tad-domanda għal żmien medju għall-ħtiġijiet tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-ħiliet kif ukoll valutazzjoni tal-iżvilupp ta' diversi flussi ta' provvista ta' ħaddiema (it-tbassir tan-numru ta' kwalifiki kkompletati f'livelli differenti tal-edukazzjoni, il-valutazzjoni tal-iżvilupp ta' tranżizzjonijiet vokazzjonali, u l-valutazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol tal-persuni qiegħda u dawk barra mill-forza tax-xogħol). |
| 93 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Stadju importanti | Tnedija ta' sejħiet għal applikazzjonijiet jew offerti kompetittivi biex jiġi pprovdut taħriġ biex jissaħħu l-ħiliet diġitali u ekoloġiċi | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet | | | | Q2 | 2022 | It-tnedija tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet għall-għoti ta' taħriġ biex jissaħħu l-ħiliet diġitali u/jew il-ħiliet ekoloġiċi. Sejħiet sussegwenti jew stediniet għall-offerti għall-akkwist huma mistennija li jiġu mnedija regolarment sal-31 ta' Diċembru 2024 biex jirrispondu għal ħtiġijiet ta' taħriġ u edukazzjoni emerġenti b'mod flessibbli.<br><br>Mill-inqas 20% tat-taħriġ għandu jkun immirat biex jappoġġa b'mod partikolari t-tranżizzjoni diġitali (15%) u tranżizzjoni ġusta lejn soċjetà newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju (5%). Għal dan il-għan, it-termini ta' referenza għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet jew għall-offerti kompetittivi għandhom jinkludu kriterji tal-għażla/eliġibbiltà li jikkorrispondu għall-oqsma ta' intervent applikabbli stabbiliti fl-Annessi VI u VII tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jiġifieri "Kontribut għal ħiliet u impjiegi ekoloġiċi u ekonomija ekoloġika (01)" u "Appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet diġitali (108)". |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Ħin | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | | | | | | | | |
| 94 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Mira | L-għadd ta' persuni li pparteċipaw f'taħriġ biex jissaħħu l-ħiliet diġitali u ekoloġiċi | | Għadd | 0 | 7 800 | Q2 | 2025 | Mill-inqas 7 800 persuna, li minnhom 1 500 huma membri ta' gruppi sottorappreżentati, għandhom ikunu pparteċipaw fil-programmi ta' taħriġ imnedija permezz ta' sejħiet imsemmija fl-istadju importanti 93. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 93.<br><br>Għandu jiġi żviluppat, pilotat u implimentat mudell ta' edukazzjoni supplimentari indipendenti mil-livell ta' edukazzjoni. Il-parteċipazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati (inklużi l-anzjani) għandha tissaħħaħ permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, gwida, miżuri ta' appoġġ u taħriġ immirat. Taħriġ immirat jirreferi għal taħriġ imfassal biex jiffavorixxi l-aċċess tal-gruppi sottorappreżentati għal tagħlim kuntestwalizzat u servizzi mfassla apposta. |
| 95 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Mira | L-għadd ta' professjonisti ta' gwida fil-karriera li pparteċipaw fit-taħriġ biex jiżdied il-livell ta' għarfien espert tagħhom | | Għadd | 0 | 300 | Q4 | 2024 | Sabiex jiġi żviluppat l-għarfien espert ta' professjonisti ta' gwida għall-karriera, mill-inqas 300 professjonist ta' gwida għall-karriera għandhom jirċievu aktar taħriġ speċjalizzat relatat mal-ħiliet diġitali tal-għalliema, l-għarfien lingwistiku u kulturali, it-tranżizzjoni ekoloġika u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.<br><br>Il-professjonisti ta' gwida għall-karriera minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet differenti (inklużi l-muniċipalitajiet, l-amministrazzjoni tal-impjiegi, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni) għandhom ikunu mmirati biex jiżguraw tixrid wiesa' tal-għarfien. |
| 96 | P3C2I1 - Programm ta' diġitalizzazzjoni għal tagħlim kontinwu | Stadju importanti | Tlestija tal-arkitettura tal-IT għal servizzi diġitali ta' tagħlim kontinwu | L-arkitettura tal-IT titlesta u tkun operattiva | | | | Q4 | 2021 | Għandha tiġi żviluppata u operattiva b'mod sħiħ arkitettura tal-IT għal servizzi diġitali ta' tagħlim kontinwu. Għandha tiġi żviluppata arkitettura tal-IT għal servizzi diġitali ta' tagħlim kontinwu biex jiġi stabbilit il-qafas għall-ippjanar tal-allokazzjoni tar-riżorsi u għas-simplifikazzjoni tal-prattiki attwali fil-forniment ta' servizzi, sabiex jinħolqu servizzi diġitali orjentati lejn il-klijent għal tagħlim kontinwu. Għal dan il-għan, hija għandha tqis l-aspetti kollha meħtieġa tal-iżvilupp tal-IT, inklużi l-kapaċitajiet kummerċjali, il-komponenti, l-applikazzjonijiet, il-gruppi tal-utenti, l-oġġetti tad-*data*.<br>L-arkitettura tal-IT hija l-bażi għall-aġġornament tas-servizzi diġitali eżistenti u għall-iżvilupp ta' servizzi diġitali ġodda u għandha tinkludi l-lista ta' servizzi li għandhom jiġu żviluppati. |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Ħin | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 97 | P3C2I1 - Programm ta' diġitalizzazzjoni għal tagħlim kontinwu | Mira | Sehem ta' servizzi diġitali ġodda operazzjonali għal tagħlim kontinwu | | % (Persentaġġ) | 0 | 70 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 70 % tas-servizzi diġitali ġodda definiti u elenkati fl-ambitu tal-arkitettura tal-IT imsemmija fl-istadju importanti 96 għandhom ikunu operattivi u disponibbli għal gruppi ta' klijenti differenti.<br><br>Għandhom jiġu introdotti servizzi li jappoġġjaw tranżizzjonijiet bla xkiel fl-edukazzjoni u l-ħajja tax-xogħol. Is-servizzi ppjanati għandhom jinkludu mill-inqas il-funzjonalitajiet li ġejjin:<br>a) l-immappjar tal-kompetenzi u l-oqsma ta' interess;<br>b) informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' kompetenza, is-suq tax-xogħol, il-benefiċċji u l-għoti tal-edukazzjoni u taħriġ;<br>c) appoġġ għall-gwida u għall-iżvilupp tal-kompetenzi u l-ippjanar tal-karriera. |
| 98 | P3C2I2 - It-titjib tal-livell tal-edukazzjoni billi jiżdiedu l-postijiet tal-istudenti fl-edukazzjoni għolja | Mira | Żieda fl-ammissjonijiet tal-istudenti fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja | | Għadd | 0 | 600 | Q4 | 2022 | L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għandhom jespandu l-konsum tagħhom b'mill-inqas 600 post ta' studju fl-2022 fil-programmi tal-1 ċiklu ta' lawrja mmirati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-programm ta' tkabbir sostenibbli tal-Finlandja u biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema. Dan huwa mistenni li jikkomplementa l-finanzjament nazzjonali li diġà ġie allokat biex jespandi d-dħul tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja mill-2020'il quddiem.<br><br>Sa tmiem l-2021 il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Kultura u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja huma mistennija li jaqblu dwar liema oqsma ta' studju u liema istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom jimmiraw. Iż-żieda tal-postijiet ta' studju għandha tkun immirata lejn oqsma fejn hemm l-akbar domanda għall-edukazzjoni u nuqqas ta' ħiliet. Il-kriterji tal-għażla għandhom jinkludu d-domanda tax-xogħol reġjonali u nazzjonali, id-domanda għall-edukazzjoni u kemm il-programmi jappoġġaw b'mod effettiv id-domandi għal ħiliet ġodda għall-futur, inkluż enfasi fuq is-settur tas-saħħa, fuq it-teknoloġiji avvanzati u s-setturi tal-ICT. L-istudenti l-ġodda mistennija jirreġistraw fi programmi ta' lawrja mhux aktar tard mill-ħarifa tal-2022 (is-sena akkademika 2022/2023).<br><br>Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Kultura għandu jimmonitorja li ż-żieda fl-ammont ta' studenti tkun seħħet billi jitqabbel l-ammont ta' studenti fl-2022 mal-linja bażi definita bħala l-konsum massimu |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Ħin | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | | | | | | | | annwali fis-snin 2017-2019. |
| 99 | P3C2I3 -Iż-żieda fil-livell ta' kompetenza u t-tiġdid tat-tagħlim kontinwu, id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni, Åland | Mira | Sehem ta' korsijiet modernizzati li fihom elementi diġitali sinifikanti fl-edukazzjoni terzjarja f'Åland | | % (Persentaġġ) | 10 | 70 | Q4 | 2024 | Is-sehem ta' korsijiet modernizzati li fihom elementi diġitali estensivi (jiġifieri mill-inqas 25 % ta' kors individwali jingħata mill-bogħod jew mill-inqas 30 % tal-materjal tal-kors f'kors wieħed ikun f'multiforma diġitali) għandu jiżdied minn 10 % (il-korsijiet eżistenti fl-2020 li jissodisfaw ir-rekwiżiti fil-mira, jiġifieri korsijiet modernizzati li jkollhom ammont suffiċjenti ta' elementi diġitali) sa 70 % tal-korsijiet universitarji kollha mogħtija fl-edukazzjoni ta' programmi u korsijiet akkademiċi fl-Università Miftuħa fl-Università ta' Åland.<br><br>Dan jikkorrispondi għal korsijiet li jinkludu t-tagħlim teoretiku (korsijiet li jinkludu biss it-tagħlim ta' ħiliet prattiċi huma esklużi mill-mira). Is-sistemi ta' appoġġ għandhom jiġu diġitalizzati u jsiru kompatibbli mar-reġistri u l-bażijiet tad-*data* nazzjonali. L-għalliema u l-persunal ta' appoġġ rilevanti għandu jitħarreġ fil-pedagoġija multiformi diġitali u fl-użu tas-sistemi amministrattivi diġitali ġodda. It-tagħmir diġitali u s-softwer tal-università ta' Åland għandhom jiġu aġġornati u estiżi. |

## K. KOMPONENT P3C3: RŻI, INFRASTRUTTURA TAR-RIĊERKA U PILOTAĠĠ

Dan il-komponent tal-Pjan Finlandiż għall-Irkupru u r-Reżiljenza jindirizza l-isfidi fil-qasam tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI). Minkejja li kienet fost il-Mexxejja tal-Innovazzjoni skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea għal snin sħaħ, il-Finlandja sofriet daqqa ta' ħarta fl-2010 fir-rigward ta' investimenti f'attivitajiet ta' RŻI, b'mod partikolari f'termini ta' investimenti tas-settur privat f'attivitajiet ta' RŻI. Sfida oħra hija l-ħtieġa ffaċċata mill-Finlandja li tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi tar-RŻI u bejn l-enttajiet pubbliċi u privati involuti fir-RŻI, inkluż fil-livell internazzjonali.

L-objettiv tal-komponent huwa li jikkontribwixxi biex tissaħħaħ l-intensità tal-RŻI u jiżdied is-sehem tan-nefqa tar-RŻI fil-Finlandja minn 2,9 % (2019) għal 4 % tal-PDG sal-2030 u li jiżdied il-livell ta' ambizzjoni tal-attivitajiet tar-RŻI, f'konformità mal-Pjan Direzzjonali Nazzjonali għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni adottat fir-rebbiegħa tal-2020. Għal dan il-għan, il-komponent jipproponi żewġ pakketti ta' investiment li għandhom l-għan li jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u jinvestu fl-infrastruttura tar-riċerka u l-innovazzjoni li tappoġġa t-tkabbir sostenibbli u d-diġitalizzazzjoni.

Il-pakkett li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika jinkludi investimenti għall-appoġġ ta' proġetti ta' kumpaniji ewlenin, l-aċċellerazzjoni ta' setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza f'setturi ewlenin, u għall-appoġġ ta' kumpaniji innovattivi ta' tkabbir (investimenti 1–4 hawn taħt).

Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti fl-ambitu ta' dan il-komponent jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[30]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[31]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[32] u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku[33]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. L-azzjonijiet tar-RŻI li ġejjin għandhom jitqiesu konformi mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01): (I) dawk l-azzjonijiet ta' RuŻuI li jirriżultaw f'eżiti teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom; (II) dawk l-azzjonijiet ta' riċerka u żvilupp I li jappoġġaw alternattivi b'impatti ambjentali baxxi li għalihom jeżistu; jew (iii) dawk l-azzjonijiet RuŻuI li huma primarjament iffukati fuq l-iżvilupp ta' alternattivi bl-inqas

---

30 Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "Ma tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

31 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

32 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

33 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

impatti ambjentali possibbli fis-settur għal dawk l-attivitajiet li għalihom ma teżisti l-ebda alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'impatt baxx.

Il-pakkett li jippromwovi l-innovazzjoni u l-infrastrutturi tar-riċerka jinkludi investimenti għall-iżvilupp tal-infrastrutturi tar-riċerka lokali, tal-infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka u tal-infrastrutturi tal-innovazzjoni.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi biex jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-tranżizzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-enerġija u t-trasport sostenibbli (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), kif ukoll biex jiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, l-infrastruttura sostenibbli u effiċjenti kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020).

## K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1 (P3C3I1): Pakkett ta' finanzjament RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika – Kumpaniji ewlenin

L-objettiv tal-investiment huwa li jappoġġa - permezz ta' skema ġestitat minn Business Finland - sħubijiet u ekosistemi bejn kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra tar-riċerka li jsaħħu l-kompetittività tan-negozju u jtejbu l-effettività tal-attivitajiet ta' Riċerka & Żvilupp. Is-sħubijiet li għandhom jiġu ffinanzjati għandhom jiffukaw fuq oqsma ta' attività li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika.

L-ambitu tal-investiment huwa li jappoġġa l-ħolqien ta' setturi, prodotti, negozji u mudelli operattivi ġodda kif ukoll l-użu tar-riżultati tar-riċerka mill-universitajiet, l-universitajiet tax-xjenzi applikati u l-istituti tar-riċerka għall-ħtiġijiet tal-kumpaniji. Is-sħubijiet għandhom jingranaw b'mod sinifikanti finanzjament nazzjonali ieħor għar-RŻI, investimenti proprji fir-RŻI tal-kumpaniji, u l-użu ta' finanzjament tal-UE u finanzjament internazzjonali ieħor. Sħubiji u ekosistemi flessibbli bejn kumpaniji u organizzazzjonijiet ta' riċerka u atturi oħra tar-RŻI huma mistennija li jsaħħu l-kompetittività tan-negozju u l-industrija u jtejbu l-produttività.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (P3C3I2): Pakkett ta' finanzjament RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Akkademja tal-Finlandja)

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jsaħħaħ - permezz ta' skema ġestita mill-Akkademja tal-Finlandja - attivitajiet tar-RŻI li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika, jiffukaw fuq is-setturi u t-teknoloġiji ewlenin tat-tranżizzjoni ekoloġika sabiex jippromwovi l-użu u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert u jtejjeb il-kwalità u l-effettività tas-sħubijiet u l-ekosistemi. Il-kriterji tal-eliġibbiltà/tal-għażla għandhom jirrikjedu li r-riċerka tkun immirata lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza għalih. L-iskema għandha tkun mifruxa fuq il-fergħat kollha tax-xjenza u s-setturi inklużi l-ekonomija tal-idroġenu, il-bijoprodotti ta' valur għoli u s-sistemi tal-enerġija mingħajr emissjonijiet u l-kompetenzi fl-analiżi tad-data u x-xjenzi soċjali.

L-ambitu tal-investiment huwa li jsaħħaħ iċ-ċentri ta' riċerka eżistenti, iżid il-livell ta' għarfien espert, inkluż barra ċ-ċentri ta' riċerka, u jappoġġa t-tiġdid tal-attivitajiet tan-negozju. L-investimenti fir-RŻI ta' setturi u teknoloġiji ewlenin għandhom itejbu wkoll is-sħubijiet u l-ekosistemi tal-atturi tar-RŻI. Il-miżura għandha tipprovdi appoġġ lill-organizzazzjonijiet ta' riċerka, bħal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew istituti ta' riċerka.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (P3C3I3): Pakkett ta' finanzjament RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Business Finland)

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa – permezz ta' skema ġestita minn Business Finland - attivitajiet tar-RŻI li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika, li jiffokaw fuq is-setturi ewlenin u t-teknoloġiji tat-tranżizzjoni ekoloġika sabiex jippromwovu l-użu u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert u jtejbu l-kwalità u l-effettività tas-sħubijiet u l-ekosistemi. L-iskema għandha tkun mifruxa fuq il-fergħat kollha tax-xjenza u s-setturi inklużi l-ekonomija tal-idroġenu, il-bijoprodotti ta' valur għoli u s-sistemi tal-enerġija mingħajr emissjonijiet u l-kompetenzi fl-analiżi tad-*data* u x-xjenzi soċjali relatati mar-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

L-ambitu tal-investiment huwa li jsaħħaħ iċ-ċentri ta' riċerka eżistenti, iżid il-livell ta' għarfien espert, inkluż barra ċ-ċentri ta' riċerka, u jappoġġa t-tiġdid tal-attivitajiet tan-negozju. L-investimenti fir-RŻI ta' setturi u teknoloġiji ewlenin għandhom itejbu wkoll is-sħubijiet u l-ekosistemi tal-atturi tar-RŻI. Il-miżura għandha tipprovdi appoġġ lill-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi tar-riċerka kif ukoll lill-kumpaniji jew lill-muniċipalitajiet. B'mod partikolari, għandha timmira li tipprovdi appoġġ lill-proġetti għall-kumpaniji ewlenin magħżula fl-ambitu tal-investiment 1 hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 4 (P3C3I4): Pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – Appoġġ għal kumpaniji innovattivi li qed jikbru

L-objettiv tal-investiment huwa li jżid – permezz ta' skema ġestita minn Business Finland - l-investimenti tal-intrapriżi żgħar u medji fir-RŻI u li jtejjeb it-tħejjija tagħhom għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. L-investiment huwa mistenni wkoll li jsaħħaħ in-negozju bbażat fuq ir-riċerka billi jiżviluppa s-sejbiet tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-istituti tar-riċerka f'negozji ġodda li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika.

Il-miżura tikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ immirat lil kumpaniji b'potenzjal għoli ta' tkabbir li jiżviluppaw soluzzjonijiet għat-tranżizzjoni ekoloġika, sabiex tingħata spinta lit-tkabbir ta' kumpaniji diġà involuti fl-esportazzjonijiet u biex jiżdied l-għadd ta' kumpaniji tal-esportazzjoni. L-appoġġ għall-kumpaniji magħżula għandu jinkludi finanzjament għal attivitajiet ta' RŻI, pariri u informazzjoni u kuntatti fis-swieq fil-mira.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 5 (P3C3I5): Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi tar-riċerka lokali

L-għan ta' dan l-investiment huwa li jiffinanzja – permezz ta' skema ġestita mill-Akkademja tal-Finlandja - it-tiġdid u l-iżvilupp tal-infrastrutturi tar-riċerka lokali. Dan għandu jkollu impatt fuq l-oqsma kollha tax-xjenza u r-riċerka. Għandha ssir enfasi fuq l-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-kriterji tal-għażla għandhom iqisu l-esperjenza miksuba fl-għażla tal-proġetti għall-infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka (Investiment 6 hawn taħt).

Il-miżura tikkonsisti fil-provvista ta' appoġġ finanzjarju għall-bini ta' infrastuttura lokali tar-riċerka, bħall-akkwist ta' tagħmir u sistemi, il-ħolqien jew l-aġġornament ta' servizzi. Il-miżura għandha tappoġġa wkoll l-objettivi tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Infrastruttura ta' Riċerka, li tkopri l-fergħat kollha tax-xjenza b'enfasi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni. Għandha ssir enfasi speċjali fuq it-tisħiħ tal-infrastrutturi tar-riċerka f'konformità mal-istrateġiji u l-profili tal-istituti ospitanti bħall-universitajiet, l-universitajiet tax-xjenzi applikati, l-istituti tar-riċerka u organizzazzjonijiet oħra tar-riċerka. Fl-aħħar nett, l-investiment għandu jsaħħaħ il-ftuħ u l-interoperabbiltà tal-infrastrutturi tar-riċerka ta' diversi atturi (universitajiet, universitajiet tax-xjenzi applikati, istituti tar-riċerka, kumpaniji u atturi oħra tar-RŻI).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 6 (P3C3I6): Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi nazzjonali ta' riċerka

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiffinanzja - permezz ta' skema ġestita minn Academy of Finland - it-tiġdid u l-iżvilupp tal-infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka b'enfasi fuq l-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

Il-miżura tikkonsisti fil-provvista ta' appoġġ finanzjarju għall-bini ta' infrastruttri nazzjonali tar-riċerka, bħall-akkwist ta' tagħmir u sistemi, il-ħolqien jew l-aġġornament ta' servizzi. Mill-inqas 40 % tal-valur tal-investiment għandu jiġi allokat għal attivitajiet ta' RŻI relatati mad-diġitalizzazzjoni. Il-miżura għandha tappoġġa wkoll ir-reviżjoni tal-kriterji tal-għotja tal-Akkademja tal-infrastruttura tar-riċerka tal-Finlandja skont l-objettivi tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Infrastruttura tar-Riċerka, b'enfasi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni. Fl-aħħar nett, l-investiment għandu jsaħħaħ il-ftuħ u l-interoperabbiltà tal-infrastrutturi tar-riċerka ta' diversi atturi (universitajiet, universitajiet tax-xjenzi applikati, istituti tar-riċerka, kumpaniji u atturi oħra tar-RŻI).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 7 (P3C3I7): Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – finanzjament kompetittiv għall-infrastrutturi tal-innovazzjoni

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa – permezz ta' skema ġestita minn Business Finland - l-iżvilupp ta' ambjenti tal-ittestjar (infrastrutturi tal-innovazzjoni) b'enfasi fuq l-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. L-għan huwa wkoll li jiżdiedu l-ftuħ u l-interoperabbiltà tal-infrastrutturi tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ biex jiġu żviluppati ambjenti meħtieġa għall-iżvilupp u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet li jippromwovu n-newtralità tal-karbonju u d-diġitalizzazzjoni f'ambjenti tal-utenti ġenwini. Tali ambjenti jistgħu jinkludu infrastrutturi ta' riċerka differenti ta' bliet, muniċipalitajiet u atturi pubbliċi oħra, jew ambjenti ta' innovazzjoni mibnija b'mod konġunt minn kumpaniji u atturi oħra.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 100 | P3C3I1 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika – Kumpaniji ewlenin | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għal proġetti ta' kumpaniji ewlenin | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet minn Business Finland | | | | Q2 | 2022 | Business Finland għandha tniedi sejħa għall-applikazzjonijiet għal proġetti ta' kumpaniji ewlenin. Il-kriterji tal-eliġibbiltà/tal-għażla għandhom jirrikjedu li r-riċerka tkun immirata lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza skont il-qasam ta' intervent 022 fl-Anness VI tar-Regolament RRF. Il-kriterji tal-eliġibbiltà għandhom jiżguraw ukoll li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-proġetti li jippromwovu l-użu tal-fjuwils fossili m'għandhomx jiġu ffinanzjati. Proġett propost minn kumpanija koperta mis-Skema tal-UE għan-Negozjar tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) jista' jiġi ffinanzjat biss jekk inaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. |
| 101 | P3C3I1 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika – Kumpaniji ewlenin | Mira | L-għoti ta' għotjiet għal proġetti ta' kumpaniji ewlenin | | Għadd | 0 | 5 | Q4 | 2023 | Notifika minn Business Finland dwar l-għoti ta' mill-inqas 5 għotjiet għall-proġetti ta' kumpaniji ewlenin magħżula skont il-kriterji tal-eliġibbiltà/għażla speċifikati fl-istadju ewlieni 100. |
| 102 | P3C3I1 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika – | Mira | Sehem ta' proġetti kkompletati ta' kumpaniji ewlenin | | % (Persentaġġ) | 0 | 90 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 90 % tal-proġetti appoġġati skont is-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 100 għandhom jitlestew, kif muri minn rapporti ta' proġetti preliminari ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 90 000 000 mill-EUR 100 000 000 allokati għall-miżura. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kumpaniji ewlenin | | | | | | | | | |
| 103 | P3C3I2 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Academy of Finland) | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni mill-Academy of Finland tal-ewwel sejħa għal proġetti ta' riċerka bil-għan li jżidu l-kompetenzi fis-setturi ewlenin | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet mill-Academy of Finland | | | | Q4 | 2021 | Academy of Finland għandha tniedi l-ewwel sejħa għal applikazzjonijiet għal finanzjament ta' riċerka li jiffukaw fuq is-setturi u t-teknoloġiji ewlenin tat-tranżizzjoni ekoloġika sabiex jiġu promossi l-użu u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert u jittejbu l-kwalità u l-effettività tas-sħubijiet u l-ekosistemi. Il-kriterji tal-eliġibbiltà/tal-għażla għandhom jirrikjedu li r-riċerka tkun immirata lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza skont il-qasam ta' intervent 022 fl-Anness VI tar-Regolament RRF. L-iskema għandha tkun mifruxa fuq il-fergħat kollha tax-xjenza u s-setturi inklużi l-ekonomija tal-idroġenu, il-bijoprodotti ta' valur għoli u s-sistemi tal-enerġija mingħajr emissjonijiet u l-kompetenzi fl-analiżi tad-data u x-xjenzi soċjali. Il-kriterji tal-eliġibbiltà għandhom jiżguraw ukoll li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 104 | P3C3I2 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Academy of Finland) | Mira | L-għoti minn Academy of Finland ta' għotjiet għal proġetti ta' riċerka bil-għan li jiżdiedu l-kompetenzi f'setturi ewlenin | | Għadd | 0 | 25 | Q2 | 2023 | Notifika minn Academy of Finland tal-għoti ta' mill-inqas 25 għotja għal proġetti ta' riċerka magħżula skont il-kriterji speċifikati fl-istadju importanti 103. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 103. |
| 105 | P3C3I2 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li | Mira | Sehem ta' proġetti ta' riċerka settorjali ewlenin ikkompletati mogħtija mill- | | % (Persentaġġ) | 0 | 90 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 90 % tal-proġetti appoġġati fl-ambitu tas-sejħiet għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 103 għandhom jitlestew, kif muri mir-rapporti ta' proġetti preliminari mressqa mill-benefiċjarji |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Academy of Finland) | | Akkademja tal-Finlandja | | | | | | | tal-proġċetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 40 500 000 mill-EUR 45 000 000 allokati għall-miżura. |
| 106 | P3C3I3 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Business Finland) | Stadju importanti | Il-pubblikazzjolni minn Business Finland ta' sejħa għal applikazzjonijiet għal proġetti ta' RŻI bil-għal li jiżdiedu l-kompetenzi fis-setturi ewlenin | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet minn Business Finland | | | | Q2 | 2022 | Business Finland għandha tniedi sejħa għall-applikazzjonijiet għal proġetti RŻI bil-għan li jżidu l-kompetenzi fis-setturi ewlenin tat-tranżizzjoni ekoloġika, bħall-ekonomija tal-idroġenu, il-bijoprodotti ta' valur għoli u s-sistemi u l-kompetenzi tal-enerġija mingħajr emissjonijiet, pereżempju fl-analiżi tad-*data* u fix-xjenzi soċjali relatati mar-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-kriterji tal-eliġibbiltà/tal-għażla għandhom jirrikjedu li r-riċerka tkun immirata lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza skont il-qasam ta' intervent 022 fl-Anness VI tar-Regolament RRF. Il-kriterji tal-eliġibbiltà għandhom jiżguraw ukoll li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-proġetti li jippromwovu l-użu tal-fjuwils fossili m'għandhomx jiġu ffinanzjati. Proġett propost minn kumpanija koperta mis-Skema tal-UE għan-Negozjar tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) jista' jiġi ffinanzjat biss jekk inaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. |
| 107 | P3C3I3 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l- | Mira | Għoti minn Business Finland ta' għotjiet għal proġetti ta' RŻI li għandhom l-għan li jżidu l-kompetenzi f'setturi ewlenin | | Għadd | 0 | 10 | Q4 | 2023 | Notifika minn Business Finland dwar l-għoti ta' mill-inqas 10 kuntratti pubbliċi għal proġetti ta' RŻI magħżula skont il-kriterji speċifikati fl-istadju importanti 106. |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Business Finland) | | | | | | | | |
| 108 | P3C3I3 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Business Finland) | Mira | Sehem ta' proġetti ta' RŻI kkompletati f'setturi ewlenin iffinanzjati minn Business Finland | | % (Persentaġġ) | 0 | 90 | Q4 | 2025 | Għandhom jitlestew mill-inqas 90 % tal-proġetti appoġġati fl-ambitu tas-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 106, kif muri minn rapporti ta' proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 22 500 000 mill-EUR 25 000 000 allokati għall-miżura. |
| 109 | P3C3I4 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – Appoġġ għal kumpaniji innovattivi li qed jikbru | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni minn Business Finland ta' sejħa għal applikazzjonijiet għal proġetti RŻI għall-appoġġ ta' kumpaniji innovattivi li qed jikbru | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-applikazzjonijiet minn Business Finland | | | | Q2 | 2022 | Business Finland għandha tniedi sejħa għall-applikazzjonijiet għal finanzjament RŻI allokat għall-appoġġ ta' kumpaniji innovattivi li qed jespandu. Il-kriterji tal-eliġibbiltà/tal-għażla għandhom jirrikjedu li r-riċerka tkun immirata lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza skont il-qasam ta' intervent 022 fl-Anness VI tar-Regolament RRF.<br>Il-kriterji tal-eliġibbiltà għandhom jiżguraw ukoll li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-proġetti li jippromwovu l-użu tal-fjuwils fossili m'għandhomx jiġu ffinanzjati. Proġett propost minn kumpanija koperta mis-Skema tal-UE għan-Negozjar tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) jista' jiġi ffinanzjat biss jekk inaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. |
| 110 | P3C3I4 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' | Mira | L-għoti ta' għotjiet għall-appoġġ ta' kumpaniji innovattivi li qed | | Għadd | 0 | 22 | Q4 | 2023 | Notifika minn Business Finland dwar l-għoti ta' mill-inqas 22 għotja għal appoġġ għal kumpaniji ta' tkabbir innovattiv skont il-kriterji tal-eliġibbiltà/għażla speċifikati fl- |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – Appoġġ għal kumpaniji innovattivi li qed jikbru | | jikbru | | | | | | | istadju importanti 109. |
| 111 | P3C3I4 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – Appoġġ għal kumpaniji innovattivi li qed jikbru | Mira | Sehem ta' proġetti kkompletati għal kumpaniji innovattivi li qed jikbru | | % (Persentaġġ) | 0 | 90 | Q4 | 2025 | Għandhom jitlestew mill-inqas 90 % tal-proġetti appoġġati fl-ambitu tas-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 109, kif muri minn rapporti ta' proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 16 200 000 mill-EUR 18 000 000 allokati għall-miżura. |
| 112 | P3C3I5 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi tar-riċerka lokali | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għat-tiġdid u l-iżvilupp tal-infrastrutturi tar-riċerka lokali | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet minn Academy of Finland | | | | Q2 | 2022 | Academy of Finland għandha tniedi sejħa għall-applikazzjonijiet għall-iżvilupp tal-infrastrutturi tar-riċerka lokali. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-proġetti li jippromwovu l-użu tal-fjuwils fossili m'għandhomx jiġu ffinanzjati. Proġett propost minn kumpanija koperta mis-Skema tal-UE għan-Negozjar tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) jista' jiġi ffinanzjat biss jekk inaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-kriterji tal-għażla għandhom jinkludu l-impatt tal-proġetti fuq l-iżvilupp sostenibbli, it-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni. |
| 113 | P3C3I5 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar- | Mira | Għoti ta' għotjiet għat-tiġdid u l-iżvilupp ta' infrastrutturi ta' riċerka lokali | | Għadd | 0 | 10 | Q4 | 2022 | Notifika minn Academy of Finland dwar l-għoti ta' mill-inqas 10-il għotja għal proġetti magħżula skont il-kriterji tal-eliġibbiltà/għażla speċifikati fl-istadju importanti 112. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | riċerka – Infrastrutturi tar-riċerka lokali | | | | | | | | | |
| 114 | P3C3I5 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi tar-riċerka lokali | Mira | Sehem ta' proġetti ta' infrastruttura ta' riċerka lokali li tlestew | | % (Persentaġġ) | 0 | 90 | Q4 | 2025 | Għandhom jitlestew mill-inqas 90 % tal-proġetti appoġġati fl-ambitu tas-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 112, kif muri minn rapporti ta' proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 22 725 000 mill-EUR 25 250 000 allokati għall-miżura. |
| 115 | P3C3I6 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għat-tiġdid u l-iżvilupp tal-infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet minn Academy of Finland | | | | Q2 | 2021 | Academy of Finland għandha tniedi sejħa għall-applikazzjonijiet għal infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-proġetti li jippromwovu l-użu tal-fjuwils fossili m'għandhomx jiġu ffinanzjati. Proġett propost minn kumpanija koperta mis-Skema tal-UE għan-Negozjar tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) jista' jiġi ffinanzjat biss jekk inaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-kriterji tal-għażla għandhom jinkludu l-impatt tal-proġetti fuq l-iżvilupp sostenibbli, it-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni. Fl-għażla tal-proġetti, għandu jiġi żgurat ukoll li mill-inqas EUR 8 000 000 għandhom jiġu allokati skont il-qasam ta' intervent 009bis (Investiment f'attivitajiet R & I relatati mad-diġitali) fl-Anness VII tar-Regolament RRF. |
| 116 | P3C3I6 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi | Mira | Għoti ta' għotjiet għat-tiġdid u l-iżvilupp ta' infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka | | Għadd | 0 | 6 | Q2 | 2022 | Notifika minn Academy of Finland dwar l-għoti ta' mill-inqas 6-il għotja għal proġetti magħżula skont il-kriterji tal-eliġibbiltà/għażla speċifikati fl-istadju importanti 115. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | nazzjonali tar-riċerka | | | | | | | | | |
| 117 | P3C3I6 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka | Mira | Sehem ta' proġetti ta' infrastruttura ta' riċerka nazzjonali kkompletati | | % (Persentaġġ) | 0 | 90 | Q4 | 2025 | Għandhom jitlestew mill-inqas 90 % tal-proġetti appoġġati fl-ambitu tas-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 115, kif muri minn rapporti ta' proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 18 000 000 mill-EUR 20 000 000 allokati għall-miżura. |
| 118 | P3C3I7 -RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – finanzjament kompetittiv għall-infrastrutturi tal-innovazzjoni | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għall-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-innovazzjoni | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet minn Business Finland | | | | Q2 | 2022 | Business Finland għandha tniedi sejħa għall-applikazzjonijiet għall-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-innovazzjoni. Il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla għandhom jiżguraw li l-intervent jiffoka fuq il-promozzjoni ta' elementi marbuta direttament mad-diġitalizzazzjoni tan-negozju (skont il-qasam ta' intervent 019 fl-Anness VII tar-Regolament RRF). Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-proġetti li jippromwovu l-użu tal-fjuwils fossili m'għandhomx jiġu ffinanzjati. Proġett propost minn kumpanija koperta mis-Skema tal-UE għan-Negozjar tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) jista' jiġi ffinanzjat biss jekk inaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. |
| 119 | P3C3I7 -RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – finanzjament kompetittiv għall-infrastrutturi tal-innovazzjoni | Mira | Għoti ta' għotjiet għall-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-innovazzjoni | | Għadd | 0 | 3 | Q4 | 2023 | Notifika minn Business Finland dwar l-għoti ta' mill-inqas 3 għotjiet għal proġetti magħżula skont il-kriterji tal-eliġibblità/għażla speċifikati fl-istadju importanti 118. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 120 | P3C3I7 -RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – finanzjament kompetittiv għall-infrastrutturi tal-innovazzjoni | Mira | Sehem ta' proġetti ta' infrastruttura tal-innovazzjoni li tlestew | | % (Persentaġġ) | 0 | 90 | Q4 | 2025 | Għandhom jitlestew mill-inqas 90 % tal-proġetti appoġġati fl-ambitu tas-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 118, kif muri minn rapporti ta' proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. Dawn għandhom jikkorrispondu għal impenn baġitarju ta' mill-inqas EUR 18 675 000 mill-EUR 20 750 000 allokati għall-miżura. |

## L. KOMPONENT P3C4: IT-TISĦIĦ TAL-KOMPETITTIVITÀ U L-GĦOTI TA' SPINTA LIT-TKABBIR F'SETTURI MILQUTA MILL-KRIŻI

L-objettiv ta' dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-esportazzjoni billi jsiru investimenti speċifiċi għas-settur li huma bbażati fuq il-punti b'saħħithom u l-potenzjal tas-suq internazzjonali tal-Finlandja. It-tieni objettiv huwa l-appoġġ għall-irkupru u t-tiġdid sostenibbli tal-industriji kulturali u kreattivi. Is-setturi kulturali u kreattivi għandhom għarfien espert kreattiv u t-tnejn li huma joħolqu u jikkummerċjalizzaw il-proprjetà intellettwali. Dan jippromwovi l-innovazzjoni u joħloq valur miżjud f'setturi oħra wkoll. Barra minn hekk, l-azzjonijiet f'dan il-komponent għandhom jappoġġaw it-tiġdid tal-industrija tat-turiżmu Finlandiża, bil-għan li tiżdied l-esportazzjoni tas-servizzi. L-SMEs tal-Finlandja jammontaw biss għal 16 % tal-esportazzjonijiet, li huwa anqas minn dawk tal-pajjiżi pari. L-iżvilupp tan-negozju internazzjonali tal-SMEs u l-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet ħafna drabi jeħtieġu sforz finanzjarju addizzjonali li huwa nieqes f'ħafna SMEs. Hemm potenzjal ulterjuri fl-industriji kreattivi u kulturali u fit-turiżmu biex jiġi appoġġat it-tkabbir tal-esportazzjonijiet, b'mod partikolari fis-servizzi.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2020, dwar it-teħid ta' miżuri biex tiġi pprovduta likwidità lill-ekonomija reali, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-antiċipazzjoni ta' proġetti maturi ta' investiment pubbliku u l-promozzjoni ta' investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku u l-iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, infrastruttura sostenibbli u effiċjenti kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment 1 (P3C4I1): Programm ta' aċċellerazzjoni tat-tkabbir għall-impriżi ż-żgħar

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jaċċellera t-tkabbir tal-intrapriżi mikro u żgħar Finlandiżi u jagħti spinta lill-kapaċitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tagħhom.

L-investiment jikkonsisti fl-għoti ta' għotjiet għall-iżvilupp tan-negozju lill-intrapriżi mikro u żgħar. Il-kriterji ewlenin tal-eliġibbiltà/għażla għall-proġetti għandhom jinkludu l-promozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali ġodda, it-tranżizzjoni ekoloġika u l-attivitajiet ta' RŻI marbuta magħhom.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (P3C4I2): Programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali

L-objettiv ewlieni ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa t-tkabbir internazzjonali tal-kumpaniji billi jagħti għotjiet speċifiċi għall-iżvilupp.

L-investiment jikkonsisti fl-interventi li ġejjin:

i. programm li jippromwovi ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ekonomija ċirkolari u tiġdid diġitali fl-industrija u li jżid l-esportazzjonijiet tas-servizzi industrijali;
ii. ekosistema tat-trasport ta' vetturi heavy-duty tal-elettriku;
iii. dan huwa mfassal biex jiġu appoġġati l-inizjattivi inklużi fil-pjan direzzjonali tal-Istrateġija għat-Tkabbir tas-Settur tas-Saħħa, li għandhom l-għan li jiżviluppaw ekosistemi tas-settur tas-saħħa kif ukoll soluzzjonijiet u innovazzjonijiet ġodda għas-swieq tal-esportazzjoni;
iv. dan huwa mfassal biex jiġu promossi l-ħolqien, il-pilotaġġ u l-internazzjonalizzazzjoni ta' teknoloġiji, metodi, kunċetti ta' servizz u soluzzjonijiet fis-settur tal-ġestjoni tal-ilma.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (P3C4I3): Appoġġ għat-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa t-tkabbir tas-settur kulturali u kreattiv bħala muturi potenzjali b'saħħithom għat-tkabbir ekonomiku futur.

L-investiment jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ b'għotja lil entitajiet li joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi. Il-biċċa l-kbira tal-appoġġ finanzjarju (75 % tal-fondi allokati) għandhom jingħataw bħala appoġġ strutturali għal kumpaniji u organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi biex jiżviluppaw mudelli innovattivi ta' servizz, produzzjoni u operat u biex isaħħu l-kompetittività internazzjonali tas-setturi u l-entitajiet ikkonċernati. Il-bqija (25 %) tal-fondi allokati għandhom jintużaw bħala finanzjament għall-iżvilupp u finanzjament pilota biex jappoġġaw l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni ġdida fil-kumpaniji fl-ekonomija kreattiva.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 4 (P3C4I4): Appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u diġitali fis-settur tat-turiżmu

L-objettiv tal-investiment huwa li tingħata spinta lit-tkabbir sostenibbli u l-innovazzjoni fis-settur tat-turiżmu.

L-investiment jikkonsisti f'xiri ta' servizzi biex jiġi ppjanat, żviluppat u ppubblikat il-kalkolatur tal-marka tal-karbonju diġitali għas-servizzi tat-turiżmu (b'materjal ta' taħriġ disponibbli għall-utenti), biex jiġu ppjanati u żviluppati pakketti ta' servizzi tat-turiżmu sostenibbli, kif ukoll biex jiġi implimentat mudell operattiv nazzjonali għal programmi ta' ġestjoni u kkowċjar ibbażati fuq l-għarfien għall-kumpaniji u r-reġjuni tat-turiżmu biex jappoġġaw it-tranżizzjoni sostenibbli u diġitali. Barra minn hekk, l-investiment jinkludi x-xiri ta' servizzi għall-iżvilupp ta' Visit Finland Data Hub u servizzi diġitali oħra (il-pjattaforma tal-Ivvjaġġar Sostenibbli tal-Finlandja u visitfinland.com) permezz ta' integrazzjoni u interfaċċi miftuħa f'ekosistema tad-data komprensiva u konformi dwar l-ivvjaġġar u t-turiżmu. L-investiment jinkludi wkoll finanzjament RŻ&I għal proġetti ta' riċerka, esperimentazzjoni u żvilupp li jappoġġaw il-kummerċjalizzazzjoni tan-negozju tat-turiżmu u tal-innovazzjonijiet.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

**L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Għadd | Miżura | Stadju importanti/ Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 121 | P3C4I1 - Tisħiħ tal-kompetittività u spinta lit-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Programm ta' aċċellerazzjoni tat-tkabbir | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-appoġġ tal-kapaċitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet | | | | Q2 | 2022 | It-tnedija tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet għall-appoġġ tal-kapaċitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jkollhom effett ta' diġitalizzazzjoni sinifikanti, inkluż b'mod partikolari l-użu tat-teknoloġija diġitali u l-metodi operattivi fl-operazzjonijiet tan-negozju u l-attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni ta' kumpaniji żgħar. |
| 122 | P3C4I1 - Tisħiħ tal-kompetittività u spinta lit-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi — Programm ta' aċċellerazzjoni tat-tkabbir | Stadju importanti | Għoti ta' għotjiet għall-proġetti kollha għall-kapaċitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji | Notifika tal-għoti tal-għotjiet kollha | | | | Q4 | 2024 | Notifika tal-għoti tal-għotjiet kollha għal proġetti magħżula fl-ambitu tas-sejħiet għal applikazzjonijiet. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 121. |
| 123 | P3C4I1 - Tisħiħ tal-kompetittività u spinta lit-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi — Programm ta' aċċellerazzjoni tat-tkabbir | Mira | Tlestija ta' proġetti appoġġati għall-kapaċitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji | | Għadd | 0 | 110 | Q2 | 2026 | Għandhom jitlestew mill-inqas 110 proġett appoġġati fl-ambitu tas-sejħiet għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 122, kif muri mir-rapporti finali tal-proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. |
| 124 | P3C4I2 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel tliet sejħiet għal applikazzjonijiet taħt programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel tliet sejħiet għall-applikazzjonijiet | | | | Q2 | 2022 | Għandhom jitnedew mill-inqas tliet sejħiet għal applikazzjonijiet għal programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali, li jinkludu:<br>• Il-promozzjoni ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ekonomija ċirkolari u tiġdid diġitali fl-industrija u żieda fl-esportazzjonijiet ta' servizzi industrijali;<br>• Ekosistema tat-trasport ta' vetturi heavy-duty tal-elettriku;<br>• L-għarfien espert u t-teknoloġija dwar is-saħħa u l-benesseri, b'appoġġ għall-pjan direzzjonali tal-Istrateġija għat-Tkabbir tas-Settur tas-Saħħa;<br>• Programm għat-tkabbir u l-esportazzjoni tal-għarfien espert dwar il-ġestjoni tal-ilma. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | Il-kriterji tal-eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm' (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 125 | P3C4I2 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali | Stadju importanti | Għoti tal-għotjiet għall-proġetti fl-ambitu tal-programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali | Notifika tal-għoti tal-għotjiet kollha | | | | Q4 | 2023 | Notifika tal-għoti tal-għotjiet kollha għal proġetti magħżula fl-ambitu tas-sejħiet għal applikazzjonijiet. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla indikati fl-istadju importanti 124. |
| 126 | P3C4I2 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati | | Għadd | 0 | 40 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 40 proġett appoġġati taħt is-sejħiet għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-objettiv 125 għandhom jitlestew, kif evidenzjat minn rapporti preliminari jew finali tal-proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. |
| 127 | P3C4I3 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi | Stadju importanti | Pubblikazzjoni ta' żewġ sejħiet għall-applikazzjonijiet għal proġetti li jappoġġjaw it-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi, rispettivament għall-għajnuna għall-iżvilupp u l-għajnuna pilota | Pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-iżvilupp u l-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna pilota | | | | Q4 | 2021 | L-ewwel żewġ sejħiet għall-applikazzjonijiet (waħda minn Business Finland u waħda mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Kultura) għandhom jiġu mnedija bil-għan li l-industriji kreattivi jerġgħu jingħataw il-ħajja, jikbru u jiġu internazzjonalizzati, b'enfasi fuq it-trasformazzjoni u l-innovazzjoni diġitali. Il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla għandhom jiżguraw li l-intervent jiffoka fuq il-promozzjoni ta' elementi marbuta direttament mad-diġitalizzazzjoni tan-negozju (skont il-qasam ta' intervent 015 fl-Anness VII tar-Regolament RRF). Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 128 | P3C4I3 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi | Mira | Għoti ta' għotjiet għal proġetti li jappoġġaw it-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi | | Għadd | 0 | 145 | Q4 | 2024 | Notifika tal-għoti ta' għotjiet għal mill-inqas 145 proġetti magħżula taħt is-sejħiet kollha għall-applikazzjonijet. Is-sejħiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla msemmija fl-istadju importanti 127. |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 129 | P3C4I3 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi | Mira | Sehem perċentwali ta' proġetti kkompletati għat-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi | | % (Persentaġġ) | 0 | 90 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 90 % tal-proġetti appoġġati fl-ambitu tas-sejħiet għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 128 għandhom jitlestew, kif muri mir-rapporti ta' proġetti preliminari mressqa mill-benefiċjarji tal-proġċetti. |
| 130 | P3C4I4 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u diġitali fis-settur tat-turiżmu | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-proġetto RŻI għas-settur tat-turiżmu | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet minn Business Finland | | | | Q2 | 2022 | Business Finland għandha tniedi s-sejħa għall-applikazzjonijiet għal finanzjament tar-Riċerka Żvilupp u Innovazzjoni għas-settur tat-turiżmu. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiffukaw fuq it-tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli u l-innovazzjoni fis-settur tat-turiżmu. Il-finanzjament għandu jkun immirat lejn proġetti ta' riċerka, esperimentazzjoni u żvilupp li jappoġġaw il-kummerċjalizzazzjoni tan-negozju tat-turiżmu u l-innovazzjonijiet, pereżempju fit-temi tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, l-antiċipazzjoni u t-tbassir, it-turiżmu sostenibbli, it-turiżmu virtwali u l-fehim tal-konsumaturi. Il-kriterji ta' eliġibbiltà/għażla għandhom jiżguraw li l-intervent jiffoka fuq il-promozzjoni ta' elementi marbuta direttament mad-diġitalizzazzjoni tan-negozju (skont il-qasam ta' intervent 015 fl-Anness VII tar-Regolament RRF). Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 131 | P3C4I4 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u diġitali fis-settur tat-turiżmu | Mira | L-għadd ta' entitajiet li rċevew appoġġ għal proġetti ta' turiżmu RŻI | | Għadd | 0 | 14 | Q2 | 2025 | Mill-inqas 14-il entità (kumpaniji) għandhom jirċievu appoġġ taħt il-proġetti magħżula skont is-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 130, kif evidenzjat mir-rapporti finali tal-proġetti ppreżentati mill-benefiċjarji tal-proġetti. |
| 132 | P3C4I4 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u diġitali fis-settur tat-turiżmu | Stadju importanti | Dħul fl-operazzjoni tal-kalkolatur żviluppat tal-marka tal-karbonju diġitali għas-servizzi tat-turiżmu | Id-dħul fis-seħħ tal-kalkolatur żviluppat tal-impronta tal-karbonju diġitali għas-settur tat-turiżmu | | | | Q4 | 2024 | Id-dħul fis-seħħ tal-kalkolatur tal-marka tal-karbonju diġitali li għadu kif ġie żviluppat għas-servizzi tat-turiżmu. Il-kalkolatur tal-impronta tal-karbonju diġitali għandu jkun parti integrali mill-programm tal-Ivvjaġġar Sostenibbli tal-Finlandja. Din l-għodda għandha tippermetti lill-utenti jkejlu l-impatt klimatiku tas-servizzi tat-turiżmu, f'konformità mal-approċċ stabbilit fl-istrateġija nazzjonali għat-turiżmu u l-Pjan Direzzjonali Diġitali għat-Turiżmu ta' Żjara tal-Finlandja. Barra minn hekk, il-materjal ta' taħriġ dwar l-użu tal-kalkolatur tal-impronta diġitali għall-utenti għandu jiġi ppubblikat fuq |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | is-sit web Business Finland/Visit Finland. |

**PILASTRU 4: It-titjib tad-disponibbiltà tas-servizzi tal-benesseri soċjali u tal-kura tas-saħħa u ż-żieda tal-kosteffettività**

## M. KOMPONENT P4C1: IT-TITJIB TAD-DISPONIBBILTÀ TAS-SERVIZZI TAL-BENESSERI SOĊJALI U TAL-KRUA TAS-SAĦĦA U Ż-ŻIEDA TAL-KOSTEFFETTIVITÀ

Dan il-komponent tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza diversi sfidi relatati mad-disponibbiltà u l-kosteffettività tas-servizzi tal-assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa. L-aċċess għas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa fil-Finlandja huwa frammentat. Il-frammentazzjoni tas-sistema tas-servizzi u tas-soluzzjonijiet diġitali tagħha toffri sfida għall-iżvilupp tar-risponsi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali u tas-saħħa tal-popolazzjoni. Għalhekk, l-objettiv ta' dan il-komponent huwa li jittejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali madwar il-pajjiż u li jneħħi x-xogħol b'lura fl-għoti ta' servizzi relatati mal-pandemija tal-COVID-19. Il-komponent għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-riforma tal-garanzija tal-kura ta' sebat ijiem, li tikkonsisti fit-tnaqqis tal-limiti ta' żmien għall-kura mhux urġenti fil-kura tas-saħħa primarja għal sebat ijiem mill-iskadenza attwali ta' tliet xhur. Huwa għandu jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-garanzija ta' kura bażika, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, l-iffukar fuq identifikazzjoni aktar bikrija u prevenzjoni effettiva, u t-tisħiħ tal-kwalità u l-kosteffettività tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali. Għan ieħor huwa li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benesseri tal-ħaddiema soċjali u tas-saħħa. Il-komponent jinkludi riforma u investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Ir-riforma għandha tikkontribwixxi għat-tħejjija tar-riforma soċjali u tal-kura tas-saħħa. L-investimenti għandhom jikkontribwixxu għal: (i) l-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura (inkluża l-kura tas-saħħa mentali) u t-tnaqqis tax-xogħol b'lura fil-provvista ta' servizzi li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19; (ii) it-tisħiħ tal-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-ħtiġijiet soċjali u tas-saħħa bħala parti mill-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura; (iii) it-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien u t-titjib tal-gwida biex tiġi appoġġata l-kosteffettività tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa; (iv) l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet diġitali fil-forma ta' servizz ta' garanzija tal-kura; u (v) l-introduzzjoni ta' sistema ta' informazzjoni diġitali ffukata fuq il-persuna f'Åland.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar it-titjib tal-kosteffettività tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa u l-aċċess ugwali għalihom (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2019) u biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema tas-saħħa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u jitjieb l-aċċess għas-servizzi soċjali u tas-saħħa (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P4C1R1): Tħejjija tar-riforma tal-benesseri soċjali u tal-kura tas-saħħa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura

Bħala parti mit-tħejjija tar-riforma soċjali u tal-kura tas-saħħa, l-għan ta' din il-miżura huwa li ttejjeb l-aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali billi tippromwovi l-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura. Din ir-riforma għandha tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: (i) timplimenta l-garanzija tal-kura u ssaħħaħ l-għoti tas-servizzi; (ii) issaħħaħ il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-ħtiġijiet soċjali u tal-kura tas-saħħa u (iii) issaħħaħ il-bażi tal-għarfien u ttejjeb il-gwida biex tappoġġa l-kosteffettività tas-soluzzjonijiet diġitali soċjali u tal-kura tas-saħħa.

L-att dwar l-Implimentazzjoni tar-Riforma tas-Servizzi tas-Saħħa, Soċjali u ta' Salvataġġ u dwar id-Dħul fis-Seħħ ta' Leġiżlazzjoni Relatata huwa mistenni li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2021. Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni ta' għadd ta' atti leġislattivi għar-riforma tas-sistema tas-sigurtà

soċjali u tal-kura tas-saħħa fil-Finlandja, li abbażi tagħhom għandhom jiġu stabbiliti 22-il qasam ta' assistenza soċjali reġjonali. L-oqsma ta' assistenza soċjali għandhom ikunu responsabbli għall-għoti ta' servizzi soċjali, tal-kura tas-saħħa u ta' salvataġġ. Dawn għandhom ikunu operazzjonali sal-1 ta' Jannar 2023.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Investiment 1 (P4C1I1): Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura u t-tnaqqis tal-akkumulazzjoni tas-servizzi minħabba l-pandemija tal-COVID-19

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jitnaqqas ix-xogħol b'lura fl-għoti ta' trattamenti tas-saħħa u tal-kura fit-tul.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ għal: (i) is-simplifikazzjoni tal-kura, ir-riabilitazzjoni u l-proċessi ta' servizz u l-introduzzjoni ta' approċċi ġodda u aktar effiċjenti orjentati lejn il-klijent, multidixxiplinari u multiprofessjonali; u (ii) l-iżvilupp tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa u biex dawn isiru aktar aċċessibbli u risponsivi għall-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli. It-titjib tad-disponibbiltà tas-servizzi bażiċi jeħtieġ żvilupp sistematiku ta' mudelli operattivi u bidla permanenti fl-implimentazzjoni tagħhom. Il-proġetti għandhom jippromwovu d-disponibbiltà tas-servizzi soċjali u tas-saħħa bl-użu ta' mudelli operattivi innovattivi li nstabu effettivi, bħal gwida għall-klijenti u s-servizzi, appuntamenti mediċi fuq il-post, u servizzi remoti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (P4C1I2): It-tisħiħ tal-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-problemi tas-saħħa

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jiġu introdotti approċċi transsettorjali ġodda biex jitrawmu l-inklużjoni, jiġu promossi s-saħħa u l-benesseri, u jissaħħu l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija bħala mod kif tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ fil-livell nazzjonali għal: (i) awditi tal-benessri; (ii) analiżi tal-benesseri u tas-saħħa tal-bniedem; (iii) għodod ġodda ta' awtokura (inklużi metodi ta' promozzjoni tas-saħħa mentali) li jistgħu jintużaw b'mod indipendenti; u (iv) servizzi ta' riferiment. Il-miżura tinkludi wkoll appoġġ fil-livell reġjonali għall-ġestjoni integrata ta' servizzi multisettorjali, inklużi servizzi soċjali u tas-saħħa u servizzi kulturali, sportivi u relatati man-natura.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (P4C1I3): It-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien u t-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza biex tiżdied il-kosteffettività tas-servizzi tal-assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa

L-għan ta' dan l-investiment huwa li jżid il-kwalità u l-kosteffettività tas-servizzi soċjali u tas-saħħa billi jippromwovi r-riċerka dwar prattiki tajba u jiżviluppa monitoraġġ effettiv u metodi ta' analiżi.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ għal: (i) l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' monitoraġġ għall-garanzija tal-kura u l-indirizzar tal-lakuni fl-informazzjoni identifikati matul il-kriżi tal-COVID-19; (ii) it-tisħiħ tal-użu tal-informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-kosteffettività fit-teħid ta' deċiżjonijiet, l-ippjanar, il-gwida u l-produzzjoni tas-servizzi soċjali u relatati mas-saħħa; (iii) l-iżvilupp ta' riċerka biex tittejjeb l-effikaċja tas-sistema soċjali u tas-saħħa, u b'hekk tittejjeb il-kwalità tas-servizzi, u (iv) l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' valutazzjoni tal-impatt ekonomiku u metodi ta' ħidma biex jiġi appoġġat it-teħid ta' deċiżjonijiet soċjali fis-segwitu tal-kriżi tal-COVID-19.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 4 (P4C1I4): L-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet diġitali għall-benesseri soċjali u s-servizzi tal-kura tas-saħħa

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jipprovdi soluzzjonijiet diġitali li jappoġġaw l-iżvilupp ta' servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa.

Il-miżura tikkonsisti fit-twassil ta' soluzzjonijiet diġitali għal: (i) iżżid l-effiċjenza fir-riżorsi u tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi, inkluż billi tħaffef il-valutazzjoni u r-riferiment tal-ħtiġijiet tal-kura, kif ukoll billi tippermetti dijanjożi, monitoraġġ u trattament aktar remoti tal-mard; (ii) l-appoġġ għall-identifikazzjoni bikrija tal-problemi u ż-żieda fl-użu tas-servizzi preventivi; (iii) jippermettu li firxa usa' ta' servizzi multidixxiplinari u għarfien espert jinqasmu bejn reġjuni u fornituri ta' servizzi differenti, u (iv) jissaħħaħ ir-rwol tal-klijenti u b'hekk jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tas-servizzi.k jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tas-servizzi.

L-atturi nazzjonali u reġjonali għandhom jiżviluppaw servizzi diġitali mmirati lejn iċ-ċittadini, is-sistemi professjonali u s-soluzzjonijiet ta' ġestjoni.

Is-servizzi taċ-ċittadini jinkludu, iżda mhumiex limitati għal (i) soluzzjonijiet diġitali ta' qabel is-servizz u ta' aċċess (eż. direttorji ta' servizzi, valutazzjonijiet tas-sintomi, servizzi tal-kura personali, kalkulaturi tal-benefiċċji), (ii) il-kura personali, l-immaniġġar (eż. servizzi diġitali tas-saħħa mentali, servizzi tal-kura ta' segwitu u servizzi ta' monitoraġġ tal-kura ta' segwitu) u (iii) soluzzjonijiet diġitali għal servizzi preventivi u mingħajr limitu.

Is-sistemi professjonali jistgħu jinkludu (I) is-segmentazzjoni tal-klijenti u mudelli ta' servizz diġitali speċifiċi għas-segmenti bbażati fuq analiżi tad-data tal-klijenti; (II) soluzzjonijiet ġodda ta' ġestjoni tan-negozju (eż. kollokament f'servizzi ta' kura fit-tul, ippjanar tax-xogħol u ottimizzazzjoni tal-kura fid-dar), u (III) soluzzjonijiet diġitali għal xogħol transprofessjonali (eż. telekonsultazzjonijiet, riċevimenti f'tim).

Is-soluzzjonijiet ta' ġestjoni jistgħu jinkludu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ġestjoni tal-għarfien avvanzat u soluzzjonijiet analitiċi. Dawn għandhom jippermettu kontroll aħjar u monitoraġġ nazzjonali tal-pakketti ta' servizz u jtejbu l-kosteffettività tas-sistema ta' servizz.

L-iżvilupp tas-servizzi diġitali għandu jqis il-ħtieġa tal-persuni vulnerabbli li jiżguraw l-aċċessibbiltà. L-introduzzjoni ta' dawn is-servizzi hija mistennija wkoll li se tkun appoġġata billi jiżdied il-fehim tal-konsumaturi dwar l-użu tas-servizzi diġitali biex jiġu appoġġati s-saħħa u l-benesseri.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

<u>Investiment 5 (P4C1I5): L-introduzzjoni ta' sistema diġitali ta' informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuna f'Åland</u>

L-għan ta' dan l-investiment huwa li tinħoloq sistema moderna ta' informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa u l-kura medika f'Åland, li għandha tkun kompatibbli mal-ħtiġijiet tas-servizzi soċjali muniċipali kif ukoll ma' l-operaturi privati.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ għal: (i) l-iżvilupp ta' proċessi ċċentrati fuq il-klijent ibbażati fuq il-ħtiġijiet, il-valuri u l-preferenzi tal-pazjenti; (ii) l-iżvilupp ta' servizzi diġitali li jippermettu l-parteċipazzjoni tal-pazjenti; (iii) l-iżvilupp ta' strutturi ta' informazzjoni u proċessi bħala bażi għall-ħolqien ta' ħarsiet ġenerali tal-pazjenti u pjan ta' kura kkoordinat; (iv) l-iżvilupp ta' pjan ta' kura koordinat li jintegra l-pjanijiet kollha tal-kura tal-pazjenti fil-kura soċjali u tas-saħħa; (v) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards għall-iskambju elettroniku ta' data u sistemi ta' rekords mediċi li jippermettu titjib fil-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattament u l-ġestjoni tad-droga; (vi) l-iżvilupp ta' servizzi ta' informazzjoni diġitali li jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn l-unitajiet tal-kura tas-saħħa u l-avvenimenti organizzattivi, kemm reġjonalment kif ukoll mas-sistema tal-kura tas-saħħa nazzjonali fil-Finlandja u fl-Iżvezja, u (vii) il-kontribut għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards għall-eżiti tas-saħħa.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

## M.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 133 | P4C1R1 - Tħejjija tar-riforma tal-benesseri soċjali u tal-kura tas-saħħa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-istabbiliment ta' oqsma ta' assistenza soċjali u r-riforma tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa u tas-salvataġġ | Dispożizzjonijiet fl-atti leġiżlattivi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom | | | | Q3 | 2021 | Id-dħul fis-seħħ tal-ewwel sett ta' atti leġiżlattivi li jistabbilixxi l-istabbiliment ta' oqsma ta' assistenza soċjali u r-riforma tas-servizzi soċjali, tal-kura tas-saħħa u tas-salvataġġ billi:<br>- Jiġu stabbiliti 22 qasam ta' assistenza soċjali, fdati bid-dmirijiet tas-servizzi tas-saħħa, soċjali u ta' salvataġġ li kienu qabel ir-responsabbiltà tal-muniċipalitajiet u l-awtoritajiet muniċipali konġunti;<br>- Ir-responsabbiltà legali tiġi trasferita għall-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa, l-assistenza soċjali u s-servizzi ta' salvataġġ u servizzi u dmirijiet oħra fil-kompetenza tal-oqsma ta' assistenza soċjali;<br>- Jiġu organizzati servizzi ta' salvataġġ fi ħdan l-oqsma ta' assistenza soċjali bħala settur separat li jaħdem b'mod parallel mas-settur tal-kura tas-saħħa u tal-assistenza soċjali. |
| 134 | P4C1R1 - Tħejjija tar-riforma tal-benesseri soċjali u tal-kura tas-saħħa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-qafas legali addizzjonali li jlesti l-istabbiliment ta' oqsma ta' assistenza soċjali u r-riforma tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa u tas-salvataġġ | Id-dispożizzjonijiet fl-atti leġiżlattivi addizzjonali li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom | | | | Q1 | 2023 | Id-dħul fis-seħħ tat-tieni sett ta' atti leġiżattivi li jlestu l-istabbiliment ta' oqsma ta' assistenza soċjali u r-riforma tas-servizzi soċjali, tal-kura tas-saħħa u tas-salvataġġ billi:<br>- Jitwaqqfu r-regoli ta' governanza, proċeduri amministrattivi u strutturi organizzattivi tal-oqsma ta' assistenza soċjali;<br>- It-trasferiment tal-operat ta' distretti tal-isptarijiet, distretti ta' kura speċjali, servizzi ta' social workers u psikologi fil-benesseri tal-istudenti għall-oqsma soċjali (l-oqsma soċjali u l-muniċipalitajiet it-tnejn se jkunu responsabbli għall-promozzjoni tas-saħħa u l-benessri);<br>- It-trasferiment ta' persunal tal-kura tas-saħħa u l-protezzjoni soċjali u l-kompiti tagħhom minn muniċipalitajiet u awtoritajiet muniċipali konġunti għall-użu f'oqsma ta' assistenza soċjali;<br>- L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' finanzjament għall-attivitajiet tal-oqsma ta' assistenza soċjali mill-gvern ċentrali u mit-tariffi miġbura mill-utenti tas-servizzi.<br>- Il-ħolqien ta' bord konsultattiv għall-kura tas-saħħa u l-benessri soċjali taħt il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa biex jimmonitorja u jivvaluta t-twettiq tad-dmirijiet tas-saħħa u tas-servizzi soċjali u jappoġġa l-gwida u d-direzzjoni nazzjonali tal-kura tas-saħħa u l-assistenza soċjali. |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | | | | | | | | |
| 135 | P4C1R1 - Tħejjija tar-riforma tal-benesseri soċjali u tal-kura tas-saħħa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura | Stadju importanti | L-operazzjonalizzazzjoni ta' oqsma ta' assistenza soċjali reġjonali bil-kapaċità li jieħdu responsabbiltà għall-organizzazzjoni ta' servizzi soċjali, tas-saħħa u ta' salvataġġ | Rapport tal-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa li jikkonferma li l-oqsma ta' assistenza soċjali reġjonali huma operazzjonali u lesti biex jimplimentaw ir-riforma tal-assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa | | | | Q2 | 2023 | L-oqsma ta' assistenza soċjali reġjonali responsabbli mill-organizzazzjoni tas-servizzi soċjali, tal-kura tas-saħħa u tas-salvataġġ għandhom jiġu stabbiliti u operazzjonali, f'konformità mal-pjan direzzjonali għall-ippjanar u t-tħejjija tal-implimentazzjoni tar-riforma tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali. Il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u tas-Saħħa għandu jeżamina u jikkonferma f'rapport l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-appoġġ tal-istabbiliment tal-oqsma ta' assistenza soċjali. Dan għandu jkopri l-oqsma li ġejjin: 1) ġestjoni, 2) amministrazzjoni, 3) finanzi u 4) servizzi. |
| 136 | P4C1I1- Promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura u t-tnaqqis tal-akkumulazzjoni tas-servizz minħabba l-pandemija tal-COVID-19 | Mira | Is-sehem ta' żjarat ta' kura mhux urġenti li tlestew u li jilħqu l-limitu ta' żmien ta' 7 ijiem għall-aċċess għall-kura | | % (Persentaġġ) | 67 | 80 | Q4 | 2025 | Is-sehem ta' żjarat ta' kura mhux urġenti mwettqa li jilħqu l-limitu ta' żmien ta' sebat ijiem għall-aċċess għall-kura għandu jiżdied minn 67 % (f'Jannar 2020) għal 80 %. Dan għandu jinkiseb billi jiġu introdotti approċċi operattivi ġodda u innovattivi mmirati lejn kura u servizzi aktar rapidi, aktar effiċjenti u aktar orjentati lejn il-klijent fir-reġjuni. Is-servizzi u l-appoġġ għandhom jiġu żviluppati sabiex ikunu aktar aċċessibbli faċilment u jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet tal-persuni vulnerabbli. |
| 137 | P4C1I2 - Tisħiħ tal-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-problemi tas-saħħa | Stadju importanti | L-iżvilupp u l-implimentazjoni ta' mudelli reġjonali integrati tal-ġestjoni tas-servizzi multisettorjali fi 22 qasam tal-assistenza soċjali | Il-pubblikazzjoni ta' rapport ta' implimentazzjoni li jikkonferma l-introduzzjoni ta' mudelli integrati reġjonali fi 22 qasam tal-assistenza soċjali | | | | Q4 | 2024 | Għandhom jiġu żviluppati u implimentati mudelli reġjonali integrati tal-ġestjoni tas-servizzi multisettorjali (inklużi servizzi ta' assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa u servizzi kulturali, sportivi u relatati man-natura) fit-22 qasam tal-assistenza soċjali stabbiliti bħala parti mir-riforma tal-assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa. Rapport ta' implimentazzjoni għandu jikkonferma l-introduzzjoni tal-mudelli integrati reġjonali fit-22 qasam tal-assistenza soċjali. |
| 138 | P4C1I3 - It-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien u t- | Stadju importanti | Sistema nazzjonali ta' monitoraġġ fil- | Sistema mtejba għall-monitoraġġ | | | | Q4 | 2025 | Għandha tiġi implimentata sistema nazzjonali aġġornata f'ħin reali għall-monitoraġġ tal-garanzija tal-kura permezz tar-Reġistru tal- |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza biex tiżdied il-kosteffettività tas-servizzi tal-assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa | | ħin reali tal-garanzija tal-kura użata fiċ-ċentri tas-saħħa kollha | tal-garanzija tal-kura hija introdotta fiċ-ċentri tas-saħħa kollha. | | | | | | kura primarja fiċ-ċentri tas-saħħa kollha (meta mqabbla ma' 90 % taċ-ċentri fl-2020). |
| 139 | P4C1I4 - Introduzzjoni ta' innovazzjonijiet diġitali għall-benesseri soċjali u s-servizzi tal-kura tas-saħħa | Mira | Żieda tas-sehem tal-popolazzjoni li jużaw servizzi elettroniċi tal-assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa | | % (Persentaġġ) | 26 | 35 | Q4 | 2025 | Is-sehem tal-popolazzjoni (fl-età ta' 20 sena u aktar) li jużaw servizzi elettroniċi tal-kura tas-saħħa u tal-assistenza soċjali għandu jiżdied minn 26% (linja bażi tal-2020) għal 35%.<br><br>Għandhom jiġu żviluppati metodi diġitali ġodda f'kollaborazzjoni bejn l-oqsma ta' assistenza soċjali u l-atturi nazzjonali (il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa, l-Istitut Nazzjonali għas-Saħħa u l-Benessri, DigiFinland Oy, KELA) biex jappoġġaw l-għoti ta' garanzija tal-kura fil-kura soċjali u tas-saħħa. Dan għandu jinkludi servizzi effettivi tas-saħħa elettroniċi u soċjali elettroniċi bħal appuntamenti bit-telefown, chat u video, servizzi ta' appoġġ bejn il-pari bejn pazjent u pazjent, servizzi ta' pariri lill-klijenti u servizzi elettroniċi oħra. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu azzjonijiet biex jappoġġaw il-ħiliet tal-persunal tal-kura soċjali u tas-saħħa u biex jiżguraw l-użu akbar ta' soluzzjonijiet diġitali. |
| 140 | P4C1I5 - Introduzzjoni ta' sistema ta' informazzjoni diġitali dwar il-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuna f'Åland | Mira | Sehem ta' servizzi muniċipali soċjali u tas-saħħa u/jew intrapriżi tal-kura privati li adottaw is-sistema ta' informazzjoni dwar is-saħħa | | %) (Persentaġġ) | 0 | 80 | Q4 | 2025 | Sistema ta' informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-atturi privati għandha tiġi żviluppata mill-kura tas-saħħa u l-kura medika ta' Åland (ÅHS). Is-sistema għandha ssir operazzjonali u tintuża mis-sistema kollha tal-kura tas-saħħa pubblika u 80 % tas-servizzi soċjali u l-atturi privati tal-muniċipalitajiet f'Åland.<br><br>Is-sistema għandha tkopri d-dokumentazzjoni tal-proċessi tal-kura, il-preskrizzjonijiet mediċi, l-għajnuna għad-deċiżjonijiet mediċi, ir-rekords kliniċi, ir-referenza għand servizzi speċjalizzati, l-allokazzjoni tar-riżorsi tal-ħin, u l-kwalità bażika u s-segwitu tal-produzzjoni. Matul il-proċess ta' akkwist, sistemi oħra ta' kura speċjalizzata bħal pereżempju sistemi loġistiċi u operattivi jistgħu jiġu mehmuża mas-sistema. |

**PILASTRU 5. REPowerEU**

**N. IL-KOMPONENT P5C1. REPowerEU**

Il-Kapitolu tar-REPowerEU jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. L-objettivi tal-komponent huma li jippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli u jżid ir-riċerka u l-iżvilupp għat-tranżizzjoni ekoloġika. Dawn l-objettivi kollha huma mistennija li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030, l-għan tal-Finlandja li tikseb in-newtralità karbonika sal-2035 kif ukoll l-għan li jiżdied is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tal-Finlandja. It-tliet investimenti kollha fil-kapitolu REPowerEU għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali. B'mod partikolari, il-miżura dwar "Investimenti għal tranżizzjoni nadifa" u l-miżura dwar "L-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta f'Åland" jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi, filwaqt li l-miżura dwar ir-"RuŻ għat-tranżizzjoni ekoloġika" tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi tal-forza tax-xogħol fl-Unjoni.

Il-Kapitolu tar-REPowerEU jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi biex il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffukata fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, fuq it-tranżizzjoni tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019), biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2020), biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż billi jitħaffu aktar il-proċeduri għall-għoti ta' permessi, biex tingħata spinta lill-investiment pubbliku u privat fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2022 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiżi 4 fl-2023) u biex jiżdiedu l-isforzi ta' politika mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika (Rakkomandazzjoni Speċifika 4 għall-Pajjiż fl-2023).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti) (2021/C58/01).

## N.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (P5C1R1): Permessi għat-tranżizzjoni ekoloġika

L-objettiv tar-riforma huwa li jitnaqqsu l-ħinijiet tal-ipproċessar tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi ambjentali għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli fil-Finlandja.

Il-Finlandja għandha tadotta att(i) leġiżlattiv(i) dwar il-proċeduri tal-permessi ambjentali, li jkopru l-proċeduri kollha relatati mal-enerġija rinnovabbli, bl-għan li tinkiseb proċedura ta' permess ikkombinat li twassal għal deċiżjoni uffiċjali unika u proċedura ta' rieżami. L-att(i) għandhom jippromwovu l-mudell ta' punt uniku ta' servizz u jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar regoli proċedurali xierqa u effettivi għall-permessi ambjentali. Il-Finlandja għandha tadotta wkoll att(i) leġiżlattiv(i) biex tiċċentralizza l-proċeduri simplifikati ġodda għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal permessi ambjentali f'awtorità nazzjonali unika ġdida.

L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jiġi pprovdut għall-iżvilupp u l-użu ta' proċessi diġitali u l-użu ta' riżorsi temporanji biex titħejja l-leġiżlazzjoni meħtieġa u tiġi pproċessata l-akkumulazzjoni ta' talbiet għall-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. Dan huwa mistenni li jħaffef il-proċessi ta' għoti ta' permessi u ta' liċenzjar kif ukoll li jappoġġa l-implimentazzjoni leġiżlattiva.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 1 (P5C1I1): Investimenti għal tranżizzjoni nadifa

L-objettiv tal-investiment huwa li jikkontribwixxi għall-għan tal-Finlandja li tikseb in-newtralità karbonika sal-2035 billi tistimula l-introduzzjoni ta' teknoloġiji nodfa ġodda għall-produzzjoni u l-użu tal-enerġija, u/jew billi tippromwovi l-iżvilupp tal-produzzjoni u l-ħżin tal-idroġenu rinnovabbli fuq skala kummerċjali.

L-investiment għandu jappoġġa proġetti tal-enerġija rinnovabbli fuq skala kbira fil-fażi ta' dimostrazzjoni bi prijorità fuq il-fattibbiltà teknika, u/jew proġetti tul il-katina tal-valur tal-idroġenu għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli. Dan jista' jinkludi:

- fjuwils rinnovabbli fit-trasport (fjuwils elettriċi u bijofjuwils);
- il-produzzjoni tas-sħana mhux tal-kombustjoni,
- proġetti oħra tal-enerġija rinnovabbli bħal proġetti kbar ta' produzzjoni sostenibbli tal-bijogass[34] li jużaw inputs b'użu baxx (minbarra t-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-bijogass), proġetti tal-enerġija solari fuq skala kbira u proġetti li jippromwovu l-ħżin tal-enerġija,
- Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) fis-settur tal-idroġenu,
- investimenti domestiċi oħra għall-idroġenu rinnovabbli.

Il-kriterji tal-għażla tal-proġetti għandhom jinkludu l-kontribut għaż-żieda fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli u tal-idroġenu u l-kontribut potenzjali għall-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni fit-tul tat-teknoloġiji rilevanti.

L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' sejħa waħda jew aktar taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi u/jew Business Finland.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Ma tagħmilx ħsara sinifikanti" (Do no significant harm) (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti previsti għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[35]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[36]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[37] u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku[38]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista'

[34] Il-produzzjoni tal-bijogass għandha tiġi appoġġata biss meta l-miżura tinkludi wkoll it-titjib tal-bijometan, sakemm ma tkunx għal impjanti fuq skala żgħira (inqas minn 500 kWe) li jużaw il-bijogass għall-istabbilizzazzjoni tal-grilja.

[35] Ħlief (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

[36] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[37] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[38] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-

jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima marbuta ma' mill-inqas wieħed mill-oqsma ta' intervent 028, 029, 030bis[39], 032 u 034bis0[40] li għandhom koeffiċjent klimatiku ta' 100 % f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[41].

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (P5C1I2): RuŻ għat-tranżizzjoni ekoloġika

L-objettiv tal-investiment huwa li jappoġġa attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jiffukaw fuq il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli fil-Finlandja. Għal dan l-għan, għandhom jiġu appoġġati tliet proġetti strateġiċi ta' riċerka u żvilupp.

L-ewwel proġett għandu jiffoka fuq tliet oqsma ta' riċerka b'potenzjal sinifikanti ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju: 1) il-ħżin tal-elettriku u l-aċċellerazzjoni tal-enerġija nadifa, 2) l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, u 3) l-ekonomija tal-idroġenu rinnovabbli. Il-proġett għandu jinkludi appoġġ għar-riċerkaturi bl-għan li jikber l-għarfien espert f'dawn l-oqsma.

It-tieni proġett għandu l-għan li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-użu effiċjenti tar-riżorsi naturali sabiex titnaqqas id-dipendenza tal-Finlandja fuq l-enerġija mir-Russja, jiġi ġġenerat għarfien kummerċjali ġdid u tingħata għajnuna biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-bijodiversità. Il-proġett għandu jiġġenera pjan direzzjonali lejn is-sena 2035 b'rakkomandazzjonijiet ta' politika għal sistema tal-enerġija nadifa.

It-tielet proġett għandu jiffoka fuq l-ambitu u l-impatt ta' investimenti ulterjuri fl-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-enerġija solari u eolika, biex jiġu investigati l-kostijiet u l-benefiċċji, biex jiġi vvalutat l-appoġġ fost is-sidien tal-art u l-pubbliku, u biex tiġi evalwata l-ġerarkija tal-mitigazzjoni biex il-produzzjoni tal-enerġija tiġi bbilanċjata mal-miri ambjentali u tal-bijodiversità. Il-proġett għandu jintegra l-objettivi tar-REPowerEU inkluż i) l-enerġija mir-riħ u

---

modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[39] Jekk l-objettiv tal-miżura huwa relatat mal-produzzjoni tal-elettriku jew tas-sħana mill-bijomassa, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001; u jekk l-objettiv tal-miżura huwa li jinkiseb iffrankar ta' mill-inqas 80 % tal-emissjonijiet ta' GHG fil-faċilità mill-użu tal-bijomassa b'rabta mal-metodoloġija ta' ffrankar tal-GHG u l-komparatur relattiv tal-fjuwils fossili stabbilit fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Jekk l-objettiv tal-miżura huwa relatat mal-produzzjoni tal-bijofjuwil mill-bijomassa (għajr u l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf), f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001; u jekk l-objettiv tal-miżura huwa li jinkiseb iffrankar ta' mill-inqas 65 % tal-emissjonijiet ta' GHG fil-faċilità mill-użu tal-bijomassa għal dan l-għan b'rabta mal-metodoloġija ta' ffrankar tal-GHG u l-komparatur relattiv tal-fjuwils fossili stabbilit fl-Anness V tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

[40] Fil-każ ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, jekk l-objettiv tal-miżura huwa li jinkisbu emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja li jkunu inqas minn 100gCO2e/kWh jew sħana/kesħa prodotta mis-sħana mormija. Fil-każ ta' tisħin/tkessiħ distrettwali, jekk l-infrastruttura assoċjata ssegwi d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1) tal-UE dwar l-Effiċjenza Enerġetika, jew l-infrastruttura eżistenti tiġi rinnovata biex tissodisfa d-definizzjoni ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti, jew il-proġett ikun sistema pilota avvanzata (sistemi ta' kontroll u ġestjoni tal-enerġija, Internet tal-Oġġetti) jew iwassal għal reġim ta' temperatura aktar baxxa fis-sistema tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali.

[41] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75.

mix-xemx, ii) l-ottimizzazzjoni tal-użu tas-sorsi tal-enerġija xprunata mid-*data* u iii) l-effiċjenza fir-riżorsi fil-programm LUKE tal-Iskola tad-Dottorat biex jitrawwem il-bini tal-kompetenzi u għandu jiġġenera pjan direzzjonali dwar is-sistemi emerġenti tal-enerġija rinnovabbli bħala parti mis-sistema tal-enerġija Finlandiża, inkluża evalwazzjoni tal-effetti tat-tkabbir tal-enerġija solari u eolika fuq iż-żoni tal-art, kostali u lil hinn mill-kosta.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3 (P5C1I3): L-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta f'Åland

L-objettiv tal-investiment huwa li jippromwovi l-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ fir-reġjun awtonomu ta' Åland. L-investiment għandu jappoġġa l-fażi preparatorja ta' proġett tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream[42]; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[43]; (iii) attivitajiet relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi[44] u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku[45]; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali.

Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiżguraw li l-proġetti kollha jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima jkunu marbuta mal-oqsma ta' intervent 028 li għandhom koeffiċjent klimatiku ta' 100 % skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

42 Ħlief (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

43 Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

44 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

45 Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

## N.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 141 | P5C1R1: Permessi għat-tranżizzjoni ekoloġika | Mira | Tnaqqis tal-akkumulazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali | | Numru | 0 | 228 | Q4 | 2025 | Mill-inqas 228 valutazzjoni tal-impatt ambjentali għandhom jingħalqu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2025. |
| 142 | P5C1R1: Permessi għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | Servizzi diġitali għall-iżvilupp ta' permessi ambjentali | Xiri ta' servizzi għall-iżvilupp ta' permessi ambjentali u "liċenzjar u superviżjoni" diġitali | | | | Q2 | 2025 | Ix-xiri ta' servizzi ta' diġitalizzazzjoni għandu jitlesta fir-rigward ta':<br>i) l-istruttura tal-informazzjoni dwar permessi u superviżjoni ambjentali fi tranżazzjonijiet uffiċjali relatati mal-produzzjoni tal-enerġija nadifa, u<br>ii) "liċenzjar u superviżjoni" diġitali, inklużi bidliet fil-funzjonalità tas-sistema ta' monitoraġġ u l-iżvilupp ta' servizzi diġitali. |
| 143 | P5C1R1: Permessi għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-att(i) legali li jistabbilixxi(u) l-proċedura l-ġdida tal-permess ambjentali | Dispożizzjoni fl-att(i) legali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-att(i) legali | | | | Q4 | 2025 | L-att(i) legali meħtieġ(a) għall-istabbiliment tal-proċedura l-ġdida tal-permess ambjentali u għat-trasferiment tar-responsabbiltà tal-permessi ambjentali mill-awtoritajiet reġjonali għal awtorità nazzjonali waħda għandhom jidħlu fis-seħħ. |
| 144 | P5C1R1: Permessi għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | L-operazzjonalizzazzjoni tal-awtorità nazzjonali unika għall-permessi ambjentali u s-servizzi diġitali relatati | L-awtorità nazzjonali unika hija operazzjonali u s-servizzi diġitali rilevanti huma operazzjonali | | | | Q2 | 2026 | L-awtorità nazzjonali unika għandha tkun operattiva. Is-servizzi diġitali msemmija fl-istadju importanti 142 għandhom ikunu operazzjonali. |
| 145 | P5C1I1: Investimenti għal tranżizzjoni nadifa | Stadju importanti | Tnedija ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għal proġetti ta' tranżizzjoni nadifa | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet | | | | Q2 | 2024 | It-tnedija ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għal proġetti relatati ma' teknoloġiji nodfa ġodda għall-produzzjoni u l-użu tal-enerġija u/jew għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-produzzjoni u l-ħżin tal-idroġenu rinnovabbli fuq skala kummerċjali. It-termini ta' referenza għandhom jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "Do no significant harm" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| 146 | P5C1I1: Investimenti tranżizzjoni nadifa | Stadju importanti | Għoti tal-għotjiet kollha għal proġetti ta' tranżizzjoni nadifa | Notifika tal-għoti tal-għotjiet kollha | | | | Q2 | 2025 | L-għażla tal-proġetti kollha relatati ma' teknoloġiji nodfa ġodda għall-produzzjoni u l-użu tal-enerġija u/jew għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-produzzjoni u l-ħżin tal-idroġenu rinnovabbli fuq skala kummerċjali għandha titwettaq f'konformità mal-kriterji tas-sejħa għall-applikazzjonijiet imnedija fl-istadju importanti 145. Id-deċiżjonijiet kollha dwar l-għoti ta' finanzjament għandhom jingħataw lill-applikanti tal-proġett magħżula taħt is-sejħa għall-applikazzjonijiet. |
| 147 | P5C1I1: Investimenti għal tranżizzjoni nadifa | Stadju importanti | Tlestija tal-proġett(i) ta' tranżizzjoni nadifa appoġġat(i) | Tlestija tal-proġett(i) appoġġat(i) | | | | Q2 | 2026 | It-tlestija tal-proġetti magħżula skont is-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju importanti 146. Dawk il-proġetti għandhom ikunu ngħataw b'mod kumulattiv mill-inqas EUR 49 050 000. |
| 148 | P5C1I2: RuŻ għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | Tlestija tal-faċilità tal-infrastruttura tar-riċerka dwar l-enerġija nadifa | Il-faċilità tal-infrastruttura tar-riċerka dwar l-enerġija nadifa tlestiet | | | | Q2 | 2026 | Il-faċilità l-ġdida għar-riċerka sperimentali fl-oqsma tal-idroġenu rinnovabbli u t-trasport b'emissjonijiet żero titlesta u tkun lesta biex tintuża. |
| 149 | P5C1I2: RuŻ għat-tranżizzjoni ekoloġika | Mira | Assenjazzjoni ta' riċerkaturi għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp relatati mar-REPowerEU | | Għadd ta' riċerkaturi assenjati | 0 | 35 | Q2 | 2025 | Il-ftuħ tar-riċerka għandu jiġi stabbilit fi tliet oqsma tematiċi, inkluż i) il-ħżin tal-elettriku u l-aċċellerazzjoni tal-enerġija nadifa, ii) l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, u iii) l-ekonomija tal-idroġenu rinnovabbli. L-assenjazzjoni mill-VTT ta' mill-inqas 35 riċerkatur għat-tliet oqsma tematiċi għandha titlesta. |
| 150 | P5C1I2: RuŻ għat-tranżizzjoni ekoloġika | Mira | Għażla ta' studenti dottorali fil-programm LUKE tal-Iskola tad-Dottorat | | Numru | 0 | 4 | Q3 | 2024 | Mill-inqas erba' karigi ta' studenti dottorali fil-programm tal-Iskola tad-Dottorat tal-Istitut tar-Riżorsi Naturali tal-Finlandja (LUKE) għandhom jiġu allokati għal temi relatati mar-REPowerEU, inkluż i) l-enerġija mir-riħ u mix-xemx, ii) l-ottimizzazzjoni tal-użu tas-sorsi tal-enerġija xprunata mid-*data* u iii) l-effiċjenza fir-riżorsi, bil-ħsieb li jitrawwem il-bini ta' kompetenza REPowerEU. |
| 151 | P5C1I2: RuŻ għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | Pubblikazzjoni ta' pjanijiet direzzjonali dwar l-enerġija nadifa | Il-pubblikazzjoni tal-pjan direzzjonali għall-iżvilupp ta' sistemi ta' enerġija nadifa fuq is-sit web ta' SYKE u l-pubblikazzjoni tal- | | | | Q2 | 2026 | Pjan direzzjonali għall-iżvilupp tas-sistemi tal-enerġija nadifa lejn is-sena 2035 għandu jiġi ppubblikat mill-konsorzju tal-Istitut Finlandiż għall-Ambjent (SYKE), l-Istħarriġ Ġeoloġiku tal-Finlandja (GTK) u l-VTT.<br>Pjan direzzjonali dwar is-sistemi emerġenti tal-enerġija rinnovabbli bħala parti mis-sistema tal-enerġija Finlandiża, inkluża evalwazzjoni tal-effetti tat-tkabbir tal-enerġija solari u eolika fuq l-art, iż-żoni kostali u lil hinn mill-kosta, għandu jiġi ppubblikat mil-LUKE. |

| Għadd | Miżura | Stadju importanti / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità | Linja bażi | Għan | Q | Sena | |
| | | | | pjan direzzjonali dwar is-sistemi tal-enerġija rinnovabbli fuq is-sit web tal-LUKE | | | | | | |
| 152 | P5C1I3: L-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta f'Åland | Stadju importanti | Twassil ta' rapporti | Twassil ta' rapporti | | | | Q2 | 2026 | Ir-rapporti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta ta' Åland għandhom jitlestew.<br>Ir-rapporti għandhom ikopru mill-inqas l-oqsma li ġejjin: (i) is-suq emerġenti tal-idroġenu u l-integrazzjoni futura fil-potenzjal tal-enerġija mir-riħ u (ii) soluzzjonijiet għall-integrazzjoni tal-potenzjal tal-enerġija mir-riħ u t-trasferiment transfruntier tal-elettriku u tal-idroġenu futur potenzjali minn Åland. |

## 2. Spiża totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

L-ispiża totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Finlandja hija ta' EUR 1 949 227 000.

L-ispejjeż totali stmati tal-kapitolu REPowerEU huma ta' EUR 127 090 000. B'mod partikolari, il-kostijiet totali stmati tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) - (e) tar-Regolament (UE) 2023/435 huma ta' EUR 127 090 000. L-ebda miżura skont l-RRP Finlandiż modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU ma taqa' taħt l-Artikolu 21c(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/241.

# TAQSIMA 2: APPOĠĠ FINANZJARJU

## 1. Il-kontribut finanzjarju

Il-ħlasijiet parzjali msemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiġu organizzati kif ġej:

1.1. L-Ewwel Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 2 | P1C1R2 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Riforma tat-tassazzjoni fuq l-enerġija biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa dwar l-Elettriku u Ċerti Fjuwils |
| 3 | P1C1I1 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet minn Business Finland |
| 6 | P1C1I2 -Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal applikazzjonijiet għal investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija |
| 14 | P1C2R2 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Promozzjoni strateġika tal-ekonomija ċirkolari u r-riforma tal-Att dwar l-Iskart | Stadju importanti | Adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Gvern dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Strateġiku għal Ekonomija Ċirkolari |
| 16 | P1C2I1 - Riformi industrijali u investimenti b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – l-idroġenu b'livell baxx ta' karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa nazzjonali għal applikazzjonijiet għall-produzzjoni u l-użu ta' idroġenu b'emissjonijiet baxxi kif ukoll għall-qbid u l-użu tad-diossidu tal-karbonju |
| 19 | P1C2I2 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Elettrifikazzjoni diretta u dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti għall-elettrifikazzjoni diretta u l-karbonizzazzjoni baxxa tal-proċessi industrijali bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-industrija |
| 22 | P1C2I3 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Użu mill-ġdid u riċiklaġġ ta' materjali ewlenin u flussi | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal applikazzjonijiet għal proġetti ta' investiment li jippromwovu l-użu mill-ġdid |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | sekondarji industrijali | | ta' materjali tal-iskart u flussi sekondarji. |
| 31 | P1C3I2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini – Programm ta' ambjent mibni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet rigward l-appoġġ għal bini li jiġġenera livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju |
| 34 | P1C4R1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-bliet u t-trasport – Pjan direzzjonali għal trasport mingħajr użu ta' fjuwils fossili | Stadju importanti | L-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern LVM/2021/62 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport domestiku |
| 35 | P1C4R1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-bliet u t-trasport – Pjan direzzjonali għal trasport mingħajr użu ta' fjuwils fossili | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-gvern dwar miżuri nazzjonali addizzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport domestiku |
| 37 | P1C4R2 –Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju għall-bliet u t-trasport – Riforma tat-taxxa għal trasport sostenibbli | Stadju importanti | Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu (1205/2020) dwar it-tassazzjoni tal-benefiċċji tal-impjieg tal-mobilità |
| 52 | P1C5I2 - Is-sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – miżuri reżiljenti għall-klima fis-settur tal-użu tal-art | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti għal proġetti forestali ta' preċiżjoni |
| 71 | P2C2R2 - It-tisħiħ tal-effettività u t-trasparenza tar-riformi u l-investimenti tal-RRP permezz tal-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni, amministrazzjoni u awditjar | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar l-implimentazzjoni tal-RRP |
| 72 | P2C2R2 - It-tisħiħ tal-effettività u t-trasparenza tar-riformi u l-investimenti tal-RRP permezz tal-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni, amministrazzjoni u awditjar | Stadju importanti | Sistema ta' repożitorju għall-Awditjar u l-Kontrolli: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF |
| 91 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar iċ-Ċentru ta' Servizzi għat-Tagħlim Kontinwu u l-Impjiegi |
| 96 | P3C2I1 - Programm ta' diġitalizzazzjoni għal tagħlim kontinwu | Stadju importanti | Tlestija tal-arkitettura tal-IT għal servizzi diġitali ta' tagħlim kontinwu |
| 103 | P3C3I2 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Academy of Finland) | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni mill-Academy of Finland tal-ewwel sejħa għal proġetti ta' riċerka bil-għan li jżidu l-kompetenzi fis-setturi ewlenin |
| 115 | P3C3I6 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għat-tiġdid u l-iżvilupp tal-infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 127 | P3C4I3 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi | Stadju importanti | Pubblikazzjoni ta' żewġ sejħiet għall-applikazzjonijiet għal proġetti li jappoġġjaw it-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi, rispettivament għall-għajnuna għall-iżvilupp u l-għajnuna pilota |
| 133 | P4C1R1 - Tħejjija tar-riforma tal-benesseri soċjali u tal-kura tas-saħħa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-istabbiliment ta' oqsma ta' assistenza soċjali u r-riforma tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa u tas-salvataġġ |
| | | Ammont ta' ħlas bin-nifs | EUR 273 307 672 |

## 1.2. It-Tieni Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 9 | P1C1I3 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Pakkett ta' investiment u riforma f'Åland | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet għal investiment fl-enerġija rinnovabbli f'Åland |
| 11 | P1C2R1 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Riforma tal-Att dwar il-Klima u industrijalizzazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att rivedut dwar il-Klima |
| 26 | P1C3R2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini — pjan ta' azzjoni għat-tneħħija gradwali tat-tisħin taż-żejt fossili | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għat-tneħħija gradwali tat-tisħin biż-żejt fossili |
| 38 | P1C4R2 –Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju għall-bliet u t-trasport – Riforma tat-taxxa għal trasport sostenibbli | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għall-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul (xx/2021) rigward it-tassazzjoni tal-karozzi tal-kumpaniji |
| 39 | P1C4I1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju għall-bliet u t-trasport – Infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar u r-riforniment tal-fjuwil għat-trasport tal-elettriku u l-idroġenu | Stadju importanti | Pubblikazzjoni tas-sejħiet għall-applikazzjonijiet għat-titjib tal-infrastruttura tad-distribuzzjoni għall-vetturi tal-elettriku u tal-idroġenu |
| 48 | P1C5I1 -Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – Trattament tal-ġipsum u riċiklaġġ tan-nutrijenti | Stadju importanti | Jingħataw proġetti għall-provvista, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-ġipsum |
| 55 | P2C1I1- Konnettività diġitali – L-iżvilupp tal-kwalità u d-disponibbiltà tan-networks tal-komunikazzjoni | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi tal-leġiżlazzjoni dwar l-appoġġ għall-broadband |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 58 | P2C1I2 – Trasport u użu tal-art - Proġett Digirail | Stadju importanti | Il-laboratorju tal-ittestjar dwar it-tagħmir tal-immudellar għas-sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS, European Rail Traffic Management System) huwa operattiv |
| 61 | P2C2I1 - Ekonomija diġitali – Programm ta' ekonomija f'ħin reali (RTE) | Stadju importanti | Tinħoloq u titħaddem l-Ekosistema Minima Vjabbli |
| 64 | P2C2I3 - L-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, is-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing) | Mira | Il-proġetti mikroelettroniċi jingħataw |
| 66 | P2C2I3 - L-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, is-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing) | Stadju importanti | Il-proġetti li jiżviluppaw is-6G, l-IA u l-computing kwantistiku jingħataw |
| 72bis | P2C2R2 - It-tisħiħ tal-effettività u t-trasparenza tar-riformi u l-investimenti tal-RRP permezz tal-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni, amministrazzjoni u awditjar | Stadju importanti | Id-dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Ministeru tal-Finanzi dwar il-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali u l-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida tal-korp ta' koordinazzjoni għall-korpi ta' implimentazzjoni tal-RRF. |
| 77 | P3C1R1- Impjiegi u suq tax-xogħol – Mudell Nordiku tas-servizzi tal-impjiegi | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar ix-Xogħol Pubbliku u s-Servizzi tan-Negozju li tirregola l-Mudell Nordiku tas-Servizz tal-Impjiegi għall-proċess ta' servizz ta' min qed ifittex impjieg |
| 81 | P3C1R3 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Semplifikazzjoni tal-proċess ta' immigrazzjoni bbażat fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att relatati mal-istudenti, ir-riċerkaturi u t-trainees (719/2018) |
| 83 | P3C1R3 - Impjiegi u suq tax-xogħol - Semplifikazzjoni tal-proċess ta' immigrazzjoni bbażat fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni | Mira | Tnaqqis fl-għadd ta' jiem meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza li huma parti minn pass mgħaġġel għal speċjalisti u imprendituri tat-tkabbir |
| 86 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-operatur ġdid intermedjarju tas-suq tax-xogħol bbażat fuq kumpanija tal-Istat |
| 93 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Stadju importanti | Tnedija ta' sejħiet għal applikazzjonijiet jew offerti kompetittivi biex jiġi pprovdut taħriġ biex jissaħħu l-ħiliet diġitali u ekoloġiċi |
| 98 | P3C2I2 - It-titjib tal-livell tal-edukazzjoni billi jiżdiedu l-postijiet tal-istudenti fl-edukazzjoni għolja | Mira | Żieda fl-ammissjonijiet tal-istudenti fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 100 | P3C3I1 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika – Kumpaniji ewlenin | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għal proġetti ta' kumpaniji ewlenin |
| 106 | P3C3I3 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Business Finland) | Stadju importanti | Il-pubblikazzjolni minn Business Finland ta' sejħa għal applikazzjonijiet għal proġetti ta' RŻI bil-għal li jiżdiedu l-kompetenzi fis-setturi ewlenin |
| 109 | P3C3I4 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – Appoġġ għal kumpaniji innovattivi li qed jikbru | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni minn Business Finland ta' sejħa għal applikazzjonijiet għal proġetti RŻI għall-appoġġ ta' kumpaniji innovattivi li qed jikbru |
| 112 | P3C3I5 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi tar-riċerka lokali | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għat-tiġdid u l-iżvilupp tal-infrastrutturi tar-riċerka lokali |
| 113 | P3C3I5 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi tar-riċerka lokali | Mira | Għoti ta' għotjiet għat-tiġdid u l-iżvilupp ta' infrastrutturi ta' riċerka lokali |
| 116 | P3C3I6 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka | Mira | Għoti ta' għotjiet għat-tiġdid u l-iżvilupp ta' infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka |
| 118 | P3C3I7 -RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – finanzjament kompetittiv għall-infrastrutturi tal-innovazzjoni | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għall-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-innovazzjoni |
| 121 | P3C4I1 - Tisħiħ tal-kompetittività u spinta lit-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Programm ta' aċċellerazzjoni tat-tkabbir | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-appoġġ tal-kapaċitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji |
| 124 | P3C4I2 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tal-ewwel tliet sejħiet għal applikazzjonijiet taħt programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali |
| 130 | P3C4I4 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u diġitali | Stadju importanti | Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-proġetto RŻI għas- |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | fis-settur tat-turiżmu | | settur tat-turiżmu |
| | | Ammont ta' ħlas bin-nifs | EUR 447 844 474 |

## 1.3. It-Tielet Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 4 | P1C1I1 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija | Stadju importanti | L-għoti tal-għotjiet kollha għall-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija |
| 7 | P1C1I2 -Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija | Stadju importanti | Għoti tal-għotjiet kollha għall-investimenti fit-teknoloġija tal-enerġija |
| 15 | P1C2R2 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Promozzjoni strateġika tal-ekonomija ċirkolari u r-riforma tal-Att dwar l-Iskart | Stadju importanti | Konklużjoni ta' ftehim nazzjonali ma' atturi ewlenin dwar ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju |
| 17 | P1C2I1 - Riformi industrijali u investimenti b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – l-idroġenu b'livell baxx ta' karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju | Stadju importanti | L-għotjiet tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti ta' qbid u użu ta' idroġenu u karbonju b'livell baxx ta' karbonju |
| 20 | P1C2I2 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Elettrifikazzjoni diretta u dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali | Stadju importanti | L-għoti tal-għotjiet kollha għal elettrifikazzjoni diretta u proġetti ta' proċessi industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju |
| 23 | P1C2I3 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Użu mill-ġdid u riċiklaġġ ta' materjali ewlenin u flussi sekondarji industrijali | Stadju importanti | L-għoti tal-għotjiet kollha għall-proġetti ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ |
| 47 | P1C5R1 - Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – Modernizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar in-natura | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att emendat dwar il-Konservazzjoni tan-Natura |
| 50 | P1C5I1 - Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – Trattament tal-ġipsum u riċiklaġġ tan-nutrijenti | Stadju importanti | Jingħataw proġetti ta' riċiklaġġ u rkupru tan-nutrijenti |
| 53 | P1C5I2 - Is-sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – miżuri reżiljenti għall-klima fis-settur tal-użu tal-art | Stadju importanti | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għall-proġetti forestali ta' preċiżjoni magħżula għall-finanzjament |
| 68 | P2C2R1 - Żvilupp tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali | Stadju importanti | L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-estensjoni tal-kopertura tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali |
| 78 | P3C1R1- Impjiegi u suq tax-xogħol – Mudell Nordiku tas- | Mira | Żieda fl-għadd annwali ta' intervisti għat-tiftix ta' impjieg imwettqa |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | servizzi tal-impjiegi | | f'konformità mal-Mudell Nordiku tas-servizzi tal-impjiegi |
| 79 | P3C1R1 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Mudell nordiku tas-servizzi tal-impjiegi | Stadju importanti | Il-ħames funzjonalitajiet diġitali kollha meħtieġa mill-mudell tas-servizz tal-impjieg Nordiku huma integrati fis-sistema ta' informazzjoni tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (TE-PES) u huma operattivi |
| 80 | P3C1R2 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Tneħħija ta' jiem addizzjonali ta' benefiċċju tal-qgħad | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar is-Sigurtà tal-Qgħad rigward it-tneħħija gradwali ta' jiem addizzjonali ta' sigurtà tal-qgħad |
| 82 | P3C1R3 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Semplifikazzjoni tal-proċess ta' immigrazzjoni bbażat fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi għall-Att dwar il-Barranin (301/2004) |
| 87 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | Mira | L-għadd ta' persuni b'diżabbiltà impjegati mill-operatur intermedjarju tas-suq tax-xogħol fil-31 ta' Diċembru 2023 |
| 92 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Stadju importanti | Tlestija ta' mudell ta' tbassir fuq terminu medju għall-ħtiġijiet tax-xogħol u tal-kompetenzi |
| 101 | P3C3I1 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika – Kumpaniji ewlenin | Mira | Għoti ta' għotjiet għal proġetti ta' kumpaniji ewlenin |
| 104 | P3C3I2 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Academy of Finland) | Mira | L-għoti mill-Academy of Finland ta' għotjiet għal proġetti ta' riċerka bil-għan li jiżdiedu l-kompetenzi f'setturi ewlenin |
| 107 | P3C3I3 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Business Finland) | Mira | Għoti minn Business Finland ta' għotjiet għal proġetti ta' RŻI li għandhom l-għan li jżidu l-kompetenzi f'setturi ewlenin |
| 110 | P3C3I4 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – Appoġġ għal kumpaniji innovattivi li qed jikbru | Mira | Għoti ta' għotjiet għall-appoġġ ta' kumpaniji innovattivi li qed jikbru |
| 119 | P3C3I7 -RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – finanzjament kompetittiv għall-infrastrutturi tal-innovazzjoni | Mira | Għoti ta' għotjiet għall-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-innovazzjoni |
| 125 | P3C4I2 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi — Programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali | Stadju importanti | Għoti tal-għotjiet għall-proġetti fl-ambitu tal-programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 134 | P4C1R1 - Tħejjija tar-riforma tal-benesseri soċjali u tal-kura tas-saħħa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-qafas legali addizzjonali li jlesti l-istabbiliment ta' oqsma ta' assistenza soċjali u r-riforma tas-servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa u tas-salvataġġ |
| 135 | P4C1R1 - Tħejjija tar-riforma tal-benesseri soċjali u tal-kura tas-saħħa b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura | Stadju importanti | L-operazzjonalizzazzjoni ta' oqsma ta' assistenza soċjali reġjonali bil-kapaċità li jieħdu responsabbiltà għall-organizzazzjoni ta' servizzi soċjali, tas-saħħa u ta' salvataġġ |
| 145 | P5C1I1 — REPowerEU — Investimenti għal tranżizzjoni nadifa | Stadju importanti | Tnedija ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għal proġetti ta' tranżizzjoni nadifa |
| 150 | P5C1I2 — REPowerEU — RuŻgħat-tranżizzjoni ekoloġika | Mira | Għażla ta' studenti dottorali fil-programm LUKE tal-Iskola tad-Dottorat |
| | | Ammont ta' ħlas bin-nifs | EUR 331 340 175 |

## 1.4. Ir-Raba' Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 13 | P1C2R2 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Promozzjoni strateġika tal-ekonomija ċirkolari u r-riforma tal-Att dwar l-Iskart | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-proċessi ewlenin tal-Att rivedut dwar l-Iskart |
| 32 | P1C3I2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini – Programm ta' ambjent mibni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | L-għoti tal-għotjiet u l-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti b'appoġġ għal bini li jiġġenera livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju |
| 56 | P2C1I1- Konnettività diġitali – L-iżvilupp tal-kwalità u d-disponibbiltà tan-networks tal-komunikazzjoni | Mira | L-abitazzjonijiet addizzjonali b'aċċess għal konnettività broadband veloċi (100/100 Mbit/s) |
| 59 | P2C1I2 – Trasport u użu tal-art - Proġett Digirail | Mira | Il-binarji tal-ittestjar mgħammra b'ERTMS ibbażat fuq ir-radju (mhux fit-traffiku ferrovjarju kummerċjali) |
| 62 | P2C2I1 - Ekonomija diġitali – Programm ta' ekonomija f'ħin reali (RTE) | Stadju importanti | L-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali diġitali f'forma strutturata minn issa huwa kompletament operattiv |
| 75 | P2C3I1 – Ħiliet ċivili taċ-ċibersigurtà | Stadju importanti | L-iżvilupp ta' pjattaforma diġitali għat-taħriġ fiċ-ċibersigurtà ċivili |
| 84 | P3C1R3 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Semplifikazzjoni tal-proċess ta' immigrazzjoni bbażat | Mira | Tnaqqis fl-għadd medju ta' jiem meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni | | residenza abbażi ta’ impjieg u taħriġ |
| 89 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | Mira | L-estensjoni tal-Programm ta’ Kapaċità għax-Xogħol u l-mudell IPS (Individual Placement and Support) għal 11-il qasam ġdid |
| 90 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | Mira | L-għadd ta’ postijiet tax-xogħol u unitajiet tal-kura tas-saħħa okkupazzjonali li pparteċipaw f’miżuri li jappoġġaw is-saħħa mentali u l-kapaċità għax-xogħol |
| 95 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Mira | L-għadd ta’ professjonisti ta’ gwida fil-karriera li pparteċipaw fit-taħriġ biex jiżdied il-livell ta’ għarfien espert tagħhom |
| 99 | P3C2I3 -Iż-żieda fil-livell ta’ kompetenza u t-tiġdid tat-tagħlim kontinwu, id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni, Åland | Mira | Sehem ta’ korsijiet modernizzati li fihom elementi diġitali sinifikanti fl-edukazzjoni terzjarja f’Åland |
| 122 | P3C4I1 - Tisħiħ tal-kompetittività u spinta lit-tkabbir f’setturi milquta mill-kriżi — Programm ta’ aċċellerazzjoni tat-tkabbir | Stadju importanti | Għoti ta’ għotjiet għall-proġetti kollha għall-kapaċitajiet ta’ internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji |
| 128 | P3C4I3 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f’setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi | Mira | Għoti ta’ għotjiet għal proġetti li jappoġġaw it-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi |
| 132 | P3C4I4 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f’setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u diġitali fis-settur tat-turiżmu | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-kalkolatur diġitali żviluppat tal-marka tal-karbonju għas-servizzi tat-turiżmu |
| 137 | P4C1I2 - Tisħiħ tal-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-problemi tas-saħħa | Stadju importanti | L-iżvilupp u l-implimentazjoni ta’ mudelli reġjonali integrati tal-ġestjoni tas-servizzi multisettorjali fi 22 qasam tal-assistenza soċjali |
| | | Ammont ta’ ħlas bin-nifs | EUR 233 887 183 |

## 1.5. Il-Ħames Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 12 | P1C2R1 -Riformi industrijali u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Riforma tal-Att dwar il-Klima u industrijalizzazzjoni b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-istrateġija aġġornata dwar il-klima u l-enerġija, il-pjan ta’ politika dwar it-tibdil fil-klima fuq terminu medju u l-pjanijiet direzzjonali speċifiċi għas-settur b’livell baxx ta’ |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | | | karbonju |
| 27 | P1C3R2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini — pjan ta' azzjoni għat-tneħħija gradwali tat-tisħin taż-żejt fossili | Mira | Tnaqqis fin-numru ta' djar li ma jmissux ma' bini ieħor bl-użu ta' tisħin biż-żejt separat |
| 40 | P1C4I1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju għall-bliet u t-trasport – Infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar u r-riforniment tal-fjuwil għat-trasport tal-elettriku u l-idroġenu | Mira | Baġit allokat għaċ-ċarġers tal-vetturi elettriċi u għall-punti tar-riforniment tal-idroġenu |
| 49 | P1C5I1 - Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – Trattament tal-ġipsum u riċiklaġġ tan-nutrijenti | Mira | Għelieqi trattati bil-ġipsum u tnaqqis ikkominat fl-użu tal-fertilizzanti |
| 51 | P1C5I1 - Sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – Trattament tal-ġipsum u riċiklaġġ tan-nutrijenti | Mira | Għadd ta' siti b'riċiklaġġ jew irkupru mtejba tan-nutrijenti |
| 54 | P1C5I2 -Is-sostenibbiltà ambjentali u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura – miżuri reżiljenti għall-klima fis-settur tal-użu tal-art | Mira | L-għadd ta' proġetti forestali ta' preċiżjoni li tlestew |
| 63 | P2C2I2 - L-aċċellerazzjoni tal-ekonomija tad-data u d-diġitalizzazzjoni – Virtual Finland | Stadju importanti | Il-pjattaforma konġunta Virtual Finland u s-servizzi integrati huma operattivi |
| 65 | P2C2I3 - L-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, is-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing) | Stadju importanti | Tlestija tal-proġetti kollha magħżula |
| 67 | P2C2I3 - L-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin (il-mikroelettronika, is-6G, l-intelliġenza artifiċjali u l-quantum computing) | Stadju importanti | Tlestija tal-proġetti kollha magħżula |
| 69 | P2C2R1 - Żvilupp tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni dwar l-estensjoni tal-kopertura tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali |
| 73 | P2C3R1 - L-iżgurar ta' superviżjoni u infurzar effettivi tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att dwar ir-Reġistrazzjoni Kummerċjali u l-Att dwar is-Sistema ta' Kontroll tal-Kontijiet Bankarji u ta' Pagament |
| 76 | P2C3I2 – Eżerċizzji taċ-ċibersigurtà | Mira | Għadd ta' uffiċjali li għandhom taħriġ komplut dwar iċ-ċibersigurtà |
| 85 | P3C1R4 - Impjiegi u suq tax-xogħol – Tisħiħ tas-servizzi multidixxiplinari għaż-żgħażagħ (servizzi Ohjaamo) | Mira | Għadd ta' riżorsi esperti ffinanzjati għall-forniment ta' servizzi tas-saħħa, soċjali u/jew edukattivi integrati fiċ-ċentri ta' gwida uniċi ta' Ohjaamo |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 88 | P3C1I1 - Impjiegi u swieq tax-xogħol – Żvilupp tal-kapaċità tax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol | Mira | L-għadd ta' persuni b'diżabbiltà impjegati mill-operatur intermedjarju tas-suq tax-xogħol fil-31 ta' Diċembru 2025 |
| 94 | P3C2R1-Riforma tat-tagħlim kontinwu | Mira | L-għadd ta' persuni li pparteċipaw f'taħriġ biex jissaħħu l-ħiliet diġitali u ekoloġiċi |
| 97 | P3C2I1 - Programm ta' diġitalizzazzjoni għal tagħlim kontinwu | Mira | Sehem ta' servizzi diġitali ġodda operazzjonali għal tagħlim kontinwu |
| 102 | P3C3I1 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika – Kumpaniji ewlenin | Mira | Sehem ta' proġetti kkompletati ta' kumpaniji ewlenin |
| 105 | P3C3I2 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Academy of Finland) | Mira | Sehem ta' proġetti ta' riċerka settorjali ewlenin ikkompletati mogħtija mill-Akkademja tal-Finlandja |
| 108 | P3C3I3 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – l-aċċellerazzjoni tas-setturi ewlenin u t-tisħiħ tal-kompetenza (Business Finland) | Mira | Sehem ta' proġetti ta' RŻI kkompletati f'setturi ewlenin iffinanzjati minn Business Finland |
| 111 | P3C3I4 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Pakkett ta' finanzjament RŻI li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika – Appoġġ għal kumpaniji innovattivi li qed jikbru | Mira | Sehem ta' proġetti kkompletati għal kumpaniji innovattivi li qed jikbru |
| 114 | P3C3I5 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi tar-riċerka lokali | Mira | Sehem ta' proġetti ta' infrastruttura ta' riċerka lokali li tlestew |
| 117 | P3C3I6 - RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – Infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka | Mira | Sehem ta' proġetti ta' infrastruttura ta' riċerka nazzjonali kkompletati |
| 120 | P3C3I7 -RŻI, infrastruttura tar-riċerka u pilotaġġ – Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-infrastruttura tar-riċerka – finanzjament kompetittiv għall-infrastrutturi tal-innovazzjoni | Mira | Sehem ta' proġetti ta' infrastruttura tal-innovazzjoni li tlestew |
| 126 | P3C4I2 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Programmi ewlenin għat-tkabbir internazzjonali | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati |
| 129 | P3C4I3 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi | Mira | Sehem perċentwali ta' proġetti kkompletati għat-tiġdid tas-setturi kulturali u kreattivi |
| 131 | P3C4I4 - It-tisħiħ tal-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi – Appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u diġitali fis-settur tat-turiżmu | Mira | L-għadd ta' entitajiet li rċevew appoġġ għal proġetti ta' turiżmu RŻI |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 136 | P4C1I1- Promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura u t-tnaqqis tal-akkumulazzjoni tas-servizz minħabba l-pandemija tal-COVID-19 | Mira | Is-sehem ta' żjarat ta' kura mhux urġenti li tlestew u li jilħqu l-limitu ta' żmien ta' 7 ijiem għall-aċċess għall-kura |
| 138 | P4C1I3 - It-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien u t-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza biex tiżdied il-kosteffettività tas-servizzi tal-assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa | Stadju importanti | Sistema nazzjonali ta' monitoraġġ fil-ħin reali tal-garanzija tal-kura użata fiċ-ċentri tas-saħħa kollha |
| 139 | P4C1I4 - Introduzzjoni ta' innovazzjonijiet diġitali għall-benesseri soċjali u s-servizzi tal-kura tas-saħħa | Mira | Żieda tas-sehem tal-popolazzjoni li juża servizzi elettroniċi tal-assistenza soċjali u tal-kura tas-saħħa |
| 140 | P4C1I5 - Introduzzjoni ta' sistema ta' informazzjoni diġitali dwar il-kura tas-saħħa ċċentrata fuq il-persuna f'Åland | Mira | Sehem ta' servizzi muniċipali soċjali u tas-saħħa u/jew intrapriżi tal-kura privati li adottaw is-sistema ta' informazzjoni dwar is-saħħa |
| 141 | P5C1R1 — REPowerEU — Permess għat-tranżizzjoni ekoloġika | Mira | Tnaqqis tal-akkumulazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali |
| 142 | P5C1R1 — REPowerEU — Permess għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | Servizzi diġitali għall-iżvilupp ta' permessi ambjentali |
| 143 | P5C1R1 — REPowerEU — Permess għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-att(i) legali li jistabbilixxi(u) l-proċedura l-ġdida tal-permess ambjentali |
| 146 | P5C1I1 — Investimenti għal tranżizzjoni nadifa | Stadju importanti | Għoti tal-għotjiet kollha għal proġetti ta' tranżizzjoni nadifa |
| 149 | P5C1I2 — REPowerEU — RuŻ għat-tranżizzjoni ekoloġika | Mira | Assenjazzjoni ta' riċerkaturi għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp relatati mar-REPowerEU |
| | | Ammont ta' ħlas bin-nifs | EUR 409 302 569 |

1.6. Is-Sitt Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 1 | P1C1R1 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-faħam għall-enerġija sal-2026 | Mira | Tnaqqis ta' 40 % fl-użu tal-faħam għall-enerġija sal-2026 meta mqabbel mal-2019 |
| 5 | P1C1I1 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati |
| 8 | P1C1I2 -Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | Investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-enerġija | | |
| 10 | P1C1I3 - Trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Pakkett ta' investiment u riforma f'Åland | Stadju importanti | Tlestija tal-proġetti appoġġati |
| 18 | P1C2I1 - Riformi industrijali u investimenti b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – l-idroġenu b'livell baxx ta' karbonju u l-qbid u l-użu tal-karbonju | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati |
| 21 | P1C2I2 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Elettrifikazzjoni diretta u dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati |
| 24 | P1C2I3 - Ir-riformi industrijali u l-investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali – Użu mill-ġdid u riċiklaġġ ta' materjali ewlenin u flussi sekondarji industrijali | Mira | Tlestija tal-proġetti appoġġati |
| 25 | P1C3R1 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini – Riforma tal-Att dwar l-Użu tal-Art u l-Bini | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Użu u l-Bini tal-Art riformat |
| 33 | P1C3I2 - It-tnaqqis tal-impatti klimatiċi u ambjentali tal-istokk tal-bini – Programm ta' ambjent mibni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | Stadju importanti | Tlestija tal-proġetti appoġġati |
| 36 | P1C4R1 - Soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-bliet u t-trasport – Pjan direzzjonali għal trasport mingħajr użu ta' fjuwils fossili | Mira | Tnaqqis ta' mill-inqas 29 % fl-emissjonijiet mit-trasport domestiku sal-2025 meta mqabbel mal-2005 |
| 57 | P2C1I1- Konnettività diġitali – L-iżvilupp tal-kwalità u d-disponibbiltà tan-networks tal-komunikazzjoni | Mira | L-abitazzjonijiet addizzjonali b'aċċess għal konnettività broadband veloċi (100/100 Mbit/s) |
| 60 | P2C1I2 – Trasport u użu tal-art - Proġett Digirail | Mira | Il-binarji tall-ittestjar kummerċjali mgħammra bl-ERMTS |
| 70 | P2C2R1 - Żvilupp tas-sistema ta' informazzjoni dwar proprjetà residenzjali u kummerċjali | Stadju importanti | L-estensjoni tal-kopertura tas-sistema ta' informazzjoni dwar il-proprjetà residenzjali u kummerċjali ġiet implimentata teknikament. |
| 74 | P2C3R1 - L-iżgurar ta' superviżjoni u infurzar effettivi tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus | Mira | Żieda fil-grad ta' awtomatizzazzjoni fl-ipproċessar u l-iskambju tad-*data* bejn l-awtoritajiet |
| 123 | P3C4I1 - Tisħiħ tal-kompetittività u spinta lit-tkabbir f'setturi milquta mill-kriżi — Programm ta' aċċellerazzjoni tat-tkabbir | Mira | Tlestija ta' proġetti appoġġati għall-kapaċitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji |
| 144 | P5C1R1 — REPowerEU — Permess għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | L-operazzjonalizzazzjoni tal-awtorità nazzjonali unika għall- |

| Għadd | Miżura Relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju importanti / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | | | permessi ambjentali u s-servizzi diġitali relatati |
| 147 | P5C1I1 — REPowerEU — Investimenti għal tranżizzjoni nadifa | Stadju importanti | Tlestija tal-proġett(i) ta' tranżizzjoni nadifa appoġġat(i) |
| 148 | P5C1I2 — REPowerEU — RuŻ għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | Tlestija tal-faċilità tal-infrastruttura tar-riċerka dwar l-enerġija nadifa |
| 151 | P5C1I2 — REPowerEU — RuŻ għat-tranżizzjoni ekoloġika | Stadju importanti | Pubblikazzjoni ta' pjanijiet direzzjonali dwar l-enerġija nadifa |
| 152 | P5C1I3 — REPowerEU — Enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta f'Åland | Stadju importanti | Twassil ta' rapporti |
| | | Ammont ta' ħlas bin-nifs | EUR 253 377 781 |

## TAQSIMA 3: ARRANĠAMENTI ADDIZZJONALI

### 2. Arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Finlandja għandhom isiru f'konformità mal-arranġamenti li ġejjin:

- Il-proċess ta' implimentazzjoni, monitoraġġ u rappurtar tal-pjan Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza għandu jiġi żgurat fl-ogħla livell tal-Gvern Finlandiż minn Grupp ta' Ħidma magħmul minn Ministri u ppresedut mill-Ministru tal-Finanzi. Ir-rwol tiegħu għandu jkun li jiggwida u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Programm Finlandiż għat-Tkabbir Sostenibbli ffinanzjat mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Finlandja. Il-grupp ta' Ħidma Ministerjali għandu jsegwi wkoll fil-livell politiku l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti relatati mal-programm u għandu jindirizza kwistjonijiet relatati mal-politika tan-negozju u l-intraprenditorija.
- Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Tkabbir Sostenibbli tal-Finlandja għandha tiġi kkoordinata amministrattivament mill-Grupp ta' Koordinazzjoni Interministerjali li jikkonsisti minn Segretarji Permanenti tal-ministeri kollha u ppresedut mill-Ministeru tal-Finanzi. Il-kompiti ta' livell ċentrali relatati mal-koordinazzjoni, il-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar tal-programm Finlandiż għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jiġu kkonsolidati mal-Ministeru tal-Finanzi.
- Il-Ministeru tal-Finanzi għandu jkun appoġġat fil-proċess ta' implimentazzjoni u monitoraġġ tal-pjan minn Segretarjat Tekniku, li għandu jopera b'konnessjoni mat-Teżor tal-Istat taħt l-amministrazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. Is-Segretarjat għandu jaġixxi bħala korp ta' kollegament fil-livell nazzjonali bejn il-ministeri u l-aġenziji responsabbli għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan.
- Il-Ministeru tal-Finanzi għandu jimmonitorja regolarment il-kisba tal-miri u l-istadji importanti relatati mar-riformi u l-investimenti, abbażi tal-informazzjoni miġbura u rrappurtata mill-amministrazzjonijiet pubbliċi responsabbli kkonċernati (il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi, il-Ministeru tal-Ambjent, il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni, in-Negozju tal-Finlandja, l-Awtorità tal-Enerġija, iċ-Ċentru tal-Finanzi u l-Iżvilupp tad-Djar tal-Finlandja (ARA), iċ-Ċentri Reġjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku, it-Trasport u l-Ambjent, eċċ.).
- Il-Ministeru tal-Finanzi, fir-rwol tiegħu ta' Kontrollur Finanzjarju, għandu jkun responsabbli għat-twettiq ta' kontrolli u verifiki u għat-tfassil ta' sommarju tal-verifiki. Huwa għandu jiddefinixxi strateġija ta' verifika u għandu jwettaq verifiki kemm tas-sistemi ta' kontroll kif ukoll tal-proġetti u l-miżuri. Ministeri u aġenziji differenti responsabbli għar-riformi u l-investimenti għandhom ikunu responsabbli għall-kontrolli, l-awditjar, il-korrezzjonijiet u l-irkupri, fil-mandati rispettivi tagħhom.

### 3. Arranġamenti għall-għoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-*data* sottostanti

Sabiex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti, il-Finlandja għandu jkollha fis-seħħ l-arranġamenti li ġejjin:

- Il-Ministeru tal-Finanzi bħala l-korp ċentrali ta' koordinazzjoni għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Finlandja għandu jiġbor informazzjoni dwar il-progress tal-indikaturi magħżula bħala stadji importanti u miri għar-riformi u l-investimenti ffinanzjati mill-pjan. Id-*data* rilevanti għandha tiġi ppreżentata fil-livell lokali u ċentralizzata fil-livell nazzjonali f'għodda tal-IT dedikata u għandha tintuża għall-monitoraġġ tal-progress fil-kisba tal-istadji importanti u l-miri. L-għodda tal-IT għandha tintuża wkoll bħala repożitorju ta' informazzjoni finanzjarja

kwalitattiva u *data* obbligatorja oħra, bħal dwar ir-riċevituri finali. Is-Segretarjat Tekniku għandu jieħu informazzjoni dwar id-data mill-għodda tal-IT u jirrapportaha lill-Ministeru tal-Finanzi. Is-Segretarjat tal-UE tal-Ministeru tal-Finanzi għandu jħejji t-talbiet għall-ħlas li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni Ewropea.

- F'konformità mal-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, malli jitlestew l-istadji importanti u l-miri rilevanti maqbula fit-Taqsima 2.1 ta' dan l-Anness, il-Finlandja għandha tippreżenta talba debitament ġustifikata għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Kummissjoni. Il-Finlandja għandha tiżgura li, fuq talba, il-Kummissjoni jkollha aċċess sħiħ għad-data sottostanti rilevanti li tappoġġa l-ġustifikazzjoni dovuta tat-talba għal pagament, kemm għall-valutazzjoni tat-talba għal pagament f'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 kif ukoll għal finijiet ta' awditjar u kontroll.